**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M (Ċardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru:- 269/1998**

**Joseph u Carmen konjuġi Buttigieg u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2013[1] l-atti ġew trasfużi minn isem il-mejjet Joseph Buttigieg għal-isem l-eredi tiegħu Alan, Gilbert, Donald, u Noel aħwa Buttigieg u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2023 l-atti ġew trasfużi minn isem il-mejta Carmen Buttigieg għal-isem l-eredi tagħha Alan, Gilbert, Donald, u Noel aħwa Buttigieg[2]**

**-vs-**

**Rita Mifsud, u għal kull interess li jista' jkollhom il-Kummissarju ta' l-Art u b'digriet tal-10 ta' Novembru, 2017 ġew mizjuda l-kliem l-Awtorita' tal-Artijiet[3] u d-Dipartiment tat-Toroq u, b'digriet tat-2 ta' Lulju, 1999[4] ġew kjamati fil-kawża Joseph, Carmen armla ta' George Portelli, Mario, Francis, Maryanne, xebba, Tarcisio, Eugenio, Raymond, Ernest, Vicky mart Eugenio Ċaruana, Rose, xebba, Antida mart Jesmond Bigeni, u Nazzareno, ilkoll aħwa Mifsud, kif ukoll Antonio u Cettina, xebba minuri aħwa Portelli ulied il-mejta Maria ġja armla ta' George Portelli, u; b'digriet tal-10 ta' April, 2012[5] l-atti ġew trasfużi minn fuq isem il-mejta Rita Mifsud, ġja konvenuta, għal fuq isem uliedha l-aħwa Mifsud hawn msemmija.**

---

[1] Digriet a fol 138.
[2] Digriet a fol 1041.
[3] Digriet kontenut fil-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Novmebru, 2017 a fol 545.
[4] Digriet a fol 64.
[5] Digriet a fol 126.

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[6] li ppremettew:**

*Peress illi l-atturi huma l-proprjetarji ta' razzett bin-numru hamsin u wieħed u hamsin (50 u 51) fi Triq Gorf, flimkien ma' porzjon imdaqqsa mill-art magħrufa bħala "Ta' Gorf" sive "Tal-Kazzol" fi Triq Gorf, Xagħra, Għawdex, in parti raba' saqwi.*

*Peress illi għal fuq din il-proprjeta' jaqa' l-ilma tax-xita li jingabar fi Triq Gorf, Xagħra, Għawdex.*

*Peress illi dwar dan l-ilma gia' hemm pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti citazzjoni kontra d-Dipartiment tat-Toroq u dan wara li żdied il-volum ta' ilma li jaqa' minn din it-triq għal ġol-proprjeta' tal-atturi.*

*Peress illi l-konvenuta Rita Mifsud hija s-sid ta' prorpjeta' li tagħti fuq Triq Gorf, Xagħra, Għawdex. Ricentement sar żvilupp estensiv tal-proprjeta' tal-konvenuta b'mod illi l-ilma tax-xita kollu li jaqa' fuq dan l-iżvilupp issa intefa għal go Triq Gorf u minn hemm għal ġol-proprjeta' tal-atturi.*

*Peress illi dan kollu qiegħed isir bil-kunsens tacitu jew xort'oħra tal-konvenuti l-oħra u bi pregudizzju għad-drittijiet tal-atturi billi biz-zieda fil-volum ta' l-ilma ser tkompli tiżdied il-ħsara fil-proprjeta' tal-atturi.*

*Peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-atturi, u minkejja li l-atturi sahansitra offrew li jsiru xogħolijiet bi ftehim bejn il-partijeit kollha sabiex ma jiġux ppregudikati l-jeddijiet tagħhom u ma tkomplix issir ħsara lill-proprjeta', il-konvenuti baqgħu inadempjenti.*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti sabiex:**

[6] Citazzjoni oriġinali go *folder* tal-plastik fil-bidu nett tal-ewwel volum tal-proċess.

1. *Tiddikjara li konsegwenza tax-xogħolijiet fuq imsemmija ossia l-iżvilupp mill-konvenuta Rita Mifsud ġie mizjud il-volum ta' ilma li jaqa' fuq il-proprjeta' tal-atturi u dan bi pregudizzju għall-jeddijiet tal-atturi.*

2. *Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu xogħolijiet permanenti biex jiġi kkontrollat l-iskular ta' ilma għal ġol-prorpjeta' tal-atturi b'mod li ma jiżdiedx il-volum ta' l-ilma li jgħaddi minn ġol-proprjeta' tagħhom.*

3. *Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti jagħmlu l-istess xogħolijiet a spejjes ta' l-atturi.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Protest Legali fl-istess ismijiet u tal-ittra ufficjali spedita f'Settembru 1998.*

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur.**[7]

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Rita Mifsud**[8] **li eċċepiet:**

1. *L-intempestivita' u l-vessatorjeta' tal-azzjoni attriċi billi ma saru ebda xogħolijiet strutturali mill-konvenuta li konsegwenza tagħhom żdied il-volum tal-ilma tax-xita li mill-proprjeta' tagħha jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra;*

2. *Illi ma sar ebda żvilupp ta' art mill-konvenuta u l-iżvilupp li sar kien li nbnew żewġt ikmamar fuq bini gia' ezistenti u cioe' l-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra;*

3. *Illi mhuwiex assolutament minnu li bl-iżvilupp li sar mill-konvenuta ġie mizjud il-volum ta' l-ilma tax-xita li mill-proprjeta' tagħha jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra, billi l-istess volum ta' ilma li qabel kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular tal-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra, minflok illum qiegħed jaqa' fuq il-bejt tat-tieni sular li ġie mibni fuq l-ewwel sular;*

4. *Illi l-ilma tax-xita li qabel ma nbnew il-kmamar mill-konvenuta kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular tal-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra, kien sa minn meta' ġie mibni l-imsemmi fond madwar mija u hamsin sena ilu, jaqa' fit-triq minn katusa fil-faċċata li mill-bejt tikkonduci għat-triq;*

[7] Dikjarazzjoni u nota tax-xhieda a fol 4 u 5.
[8] Nota tal-eċċezzjonijiet a fol 36 u 37.

5. *Illi l-problema tal-ilma tax-xita li minnu qegħdin jilmentaw l-atturi ġiet aggravata minnhom stess billi huma naqqsu li jzommu il-kanal tal-ilma ossia gandott li għaddej mill-għalqa proprjeta' tagħhom, nadif, u konsegwenza ta' dan l-ilma tax-xita qiegħed ifur fil-għalqa tagħhom minħabba l-imblokk li qiegħed jiġi kkawżat bil-gebel u terrapien ieħor li l-atturi tefgħu fl-istess kanal;*

6. *Illi l-problema għall-atturi mhijiex daqstant dwar ir-rimedju tal-ilma tax-xita li jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra, iżda dwar servitu' ta' passagg tal-ilma li l-art proprjeta' tagħhom hija soggetta li l-atturi jridu jeliminawha halli jkunu jistgħu jiżviluppaw l-istess art kif jirriżulta minn diversi applikazzjonijiet li saru minnhom lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar għall-permess ta' żvilupp u jwikku lil haddieħor b'dan is-servitu' tal-ilma kif ippruvaw jagħmlu l-istess atturi u dan kif ser jintwera bil-provi fil-kors tal-kawża;*

7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-istess konvenuta.**[9]

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Kummissarju ta' l-Art u d-Dipartiment tat-Toroq**[10] **li eċċepew:**

*Illi fl-ewwel lok, l-atturi misshom harrku lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u mhux lid-Dipartiment, peress illi d-Dipartiment tat-Toroq ma huwiex persuna legali kif tinhtieg il-liġi.*

*Illi inoltre la l-Kummissarju ta' l-Art u lanqas id-Direttur tat-Toroq ma huma l-legittimi kuntraditturi f'din il-kawża stante li skond il-kontenut tac-citazzjoni attriċi kwalunkwe dannu li qegħdin isofru l-atturi ġie ikkawżat mill-konvenuti l-oħrajn u għaldaqstant huwa biss lejn dawn ta' l-ahhar li l-atturi għandhom iduru.*

*Illi l-permess għal kwalunkwe tip ta' svilupp ma jinharigx mill-esponenti iżda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.*

[9] Dikjarazzjoni u nota tax-xhieda a fol 37 sa 39.
[10] Nota tal-eċċezzjonijiet a fol 40.

*Illi l-esponenti ma jistgħux jopponu għal żvilupp li persuna tkun gabet il-permess li twettaq fuq art proprjeta' tagħha.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-istess konvenuti.[11]**

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamati in kawża kollha[12] li eċċepew:**

1. *In linea preliminari l-intempestivita' u l-vessatorjeta' tal-azzjoni attriċi billi ma saru ebda xogħolijiet strutturali mill-konvenuti li konsegwenza tagħhom żdied il-volum tal-ilma tax-xita li mill-proprjeta' tagħhom jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra;*

2. *Illi ma sar ebda żvilupp ta' art mill-konvenuti u l-iżvilupp li sar kien li nbnew żewġt ikmamar fuq bini gia' ezistenti u cioe' estensjoni orizzontali ta' parti mill-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra;*

3. *Illi mhuwiex assolutament minnu li bl-iżvilupp li sar mill-konvenuti ġie mizjud il-volum ta' l-ilma tax-xita li mill-proprjeta' tagħhom jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra, billi l-istess volum ta' ilma li qabel kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular tal-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra, minflok illum qiegħed jaqa' fuq il-bejt tat-tieni sular li ġie mibni fuq l-ewwel sular;*

4. *Illi l-ilma tax-xita li qabel ma nbnew il-kmamar mill-konvenuti kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular tal-fond numru 44, Triq Gorf, Xagħra, kien sa minn meta' ġie mibni l-imsemmi fond madwar mija u hamsin sena ilu, jaqa' fit-triq minn katusa fil-faċċata li mill-bejt tikkonduci għat-triq;*

5. *Illi l-problema tal-ilma tax-xita li minnu qegħdin jilmentaw l-atturi ġiet aggravata minnhom stess billi huma naqqsu li jzommu il-kanal tal-ilma ossia gandott li għaddej mill-għalqa proprjeta' tagħhom, nadif, u konsegwenza ta' dan l-ilma tax-xita qiegħed ifur fil-għalqa tagħhom minħabba l-imblokk li qiegħed jiġi kkawżat bil-gebel u terrapien ieħor li l-atturi stess tefgħu fil-kanal;*

---

[11] Dikjarazzjoni u nota tax-xhieda a fol 40 u 41.
[12] Nota tal-eċċezzjonijiet a fol 66 u 67.

6. *Illi l-problema għall-atturi mhijiex daqstant dwar ir-rimedju tal-ilma tax-xita li jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra, iżda dwar s-servitu' ta' passagg tal-ilma li l-art proprjeta' tagħhom hija soggetta li l-atturi jridu jeliminawh halli jkunu jistgħu jiżviluppaw l-istess art kif jirriżulta minn diversi applikazzjonijiet li saru minnhom lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar għall-permess ta' żvilupp u jwikku lil haddieħor b'dan is-servitu' tal-ilma kif ippruvaw jagħmlu l-istess atturi u dan kif ser jintwera bil-provi fil-kors tal-kawża;*

7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-kjamati in kawża kollha.**[13]

**Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti Raymond Mifsud et**[14] **li eċċepew:**

1. *In-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni esperita minnhom billi kull ilment jew allegat pregudizzju li dwaru sejsu l-pretensjonijiet tagħhom l-atturi u d-domandi tagħhom m'għadux jezisti wara li l-gvern bena water culvert fi Triq Gorf, Xagħra, qabel tintlahaq il-proprjeta' tal-atturi li dwarha kienu qed jilmentaw mill-pregudizzju tagħhom, u li huwa kbir bizzejjed biex jilqa' għall-ilma kollu tax-xita li prezentement qed jaqa' fi Triq Gorf, Xagħra, kif ukoll l-istess water culvert ġie mibni kbir bizzejjed biex fil-futur jilqa' għaz-zieda li jista' jkun hemm fil-volum ta' l-ilma tax-xita li jaqa' fit-triq. Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawża jrid jibqa jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma' tkunx tista tissokta ('Calleja vs Micallef', deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April, 1992, u 'Sammut vs Attard' deciza wkoll mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993);*

2. *Fi kwalunkwe' każ u mingħajr ma l-esponenti qegħdin jammettu li bl-iżvilupp li għamlu huma żiedu b'xi mod il-volum tal-ilma minn dak li qabel kien jaqa' mill-proprjeta' tagħhom għat-triq pubblika, illum il-kawża saret superfluwa billi l-problema li qabel kienu jilmentaw minnha l-atturi ġiet eliminata għal kollox bil-water culvert li għamel il-gvern fi Triq Gorf, Xagħra, u l-ilma tax-xita li prezentement qed jaqa' fit-triq u jgħaddi mit-triq imsemmija qed jaqa' kollu f'dan il-water culvert u mhux aktar fil-proprjeta' tal-atturi. Inoltre kien hemm sidien oħra tad-djar fi Triq Gorf,*

[13] Dikjarazzjoni a nota tax-xhieda a fol 67 sa 69.
[14] Risposta ġuramentata a fol 392 u 393.

*Xagħra, li fl-istess żmien u wara li sar l-iżvilupp mill-esponenti, għamlu żvilupp huma wkoll u tefgħu l-ilma tax-xita li jaqa' fi hwejjigħom għat-triq u l-atturi ma hadu u ma sostnew ebda azzjoni fil-konfront tagħhom bhalma għamlu fil-każ prezenti bl-azzjoni odjerna;*

*Salv twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' April, 1999 ġie maħtur il-Perit Joseph Mizzi bħala perit tekniku.[15]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuta Rita Mifsud tas-26 ta' Mejju, 1999 li bih, wara li ppremettiet li hija m'hijiex l-unika sid tal-proprjeta' numru 44, Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex stante li l-istess proprjeta' kienet akkwistata in parte fiż-żwieġ mal ġja żewġha, John Mifsud, li għalhekk wirtuh uliedhom u terzi; talbet il-kjamat in kawża ta' Joseph, Ċarmen armla ta' George Portelli, Mario, Francis, Maryanne, xebba, Tarcisio, Eugenio, Raymond, Ernest, Vicky mart Eugenio Ċaruana, Rose, xebba, Antida mart Jesmond Bigeni, u Nazzareno, ilkoll aħwa Mifsud kif ukoll; Antonio u Cettina, xebba minuri, aħwa Portelli ulied il-mejta Maria ġja armla ta' George Portelli.[16]

**Rat** ir-risposta tal-atturi għat-talba dwar il-kjamat in kawża magħmulha mill-konvenuta Rita Mifsud[17] kif ukoll ir-rikors ulterjuri ta' l-istess konvenuta Rita Mifsud tat-18 ta' Ġunju, 1999[18] u n-nota tagħha tal-istess data[19] li biha eżebit dokumentazzjoni dwar kif tnisslet il-proprjeta' numru 44, Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex għandha u għand il-mejjet żewġha.[20]

**Rat** li b'digriet tat-2 ta' Lulju, 1999 ġiet milqugħa t-talba tal-konvenuta Rita Mifsud għal-kjamat in kawża.[21]

[15] Verbal a fol 42.
[16] Rikors a fol 44.
[17] Risposta tat-3 ta' Ġunju, 1999 a fol 46.
[18] Rikors ulterjuri a fol 48.
[19] Nota a fol 49.
[20] Ref.: żewġ kuntratti ta' kompravendita' it-tnejn in atti Nutar Giusepep Cauchi, wieħed tas-17 ta' Jannar, 1979 – a fol 56 sa 62 – u l-ieħor tad-19 ta' Ġunju, 1980 – a fol 50 sa 55.
[21] Digriet a fol 64.

**Rat** ir-rikors tal-maġġoranza tal-kjamati in kawża aħwa Mifsud tat-3 ta' April, 2012 li bih, wara li ppremettew li fil-mori tal-kawża mietet ommhom, il-konvenuta Rita Mifsud, talbu li l-atti jiġu trasfużi minn fuq isem il-mejta Rita Mifsud għal fuq isem uliedha kollha.[22]

**Rat** li b'digriet tal-10 ta' April, 2012 ġiet milqugħa t-talba għat-trasfużjoni magħmulha mill-maġġoranza tal-kjamati in kawża aħwa Mifsud bir-rikors tagħhom tat-3 ta' April, 2012.[23]

**Rat** ir-rikors tal-11 ta' Marzu, 2013 ta' Alan, Gilbert, Donald, u Noel aħwa Buttigieg li permezz tiegħu, wara li ppremettew li fil-mori tal-kawża miet missierhom, l-attur Joseph Buttigieg, talbu li l-atti jiġu trasfużi minn fuq isem il-mejjet Joseph Buttigieg għal fuq isimhom.[24]

**Rat** li b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2013 ġiet milqugħa t-talba għat-trasfuzjoni magħmulha min Alan, Gilbert, Donald, u Noel aħwa Buttigieg bir-rikors tagħhom tal-11 ta' Marzu, 2013.[25]

**Rat** ir-rikors ta' l-atturi tal-25 ta' April, 2014 li bih talbu l-awtorizzazzjoni sabiex jeżebixxu diversi dokumenti[26] li annettew mal-istess rikors.[27]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti aħwa Mifsud tat-8 ta' Mejju, 2014 li biha opponew għat-talba kontenuta fir-rikors tal-atturi tal-25 ta' April, 2014 fuq dikjarazzjoni tagħhom li l-atturi kienu ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha.[28]

**Rat** li b'digriet tad-29 ta' April, 2015 il-perit tekniku, Perit Joseph Mizzi, ġie ordnat jirritorna l-inkartament kollu tal-kawża.[29]

---

[22] Rikors a fol 118.
[23] Digriet a fol 126.
[24] Rikors a fol 131.
[25] Digriet a fol 138.
[26] Rikors a fol 153 u 154.
[27] Dokumenti a fol 156 sa 182. Ref.: ukoll rikors ulterjuri tal-atturi tas-27 ta' Mejju, 2014 – a fol 197 – b'dokument wieħed – ritratt – anness miegħu a fol 199.
[28] Risposta a fol 189 sa 190. Ref.: ukoll ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti aħwa Mifsud tal-10 ta' Ġunju, 2014 – a fol 202 u 203 – li saret wara rikors ulterjuri tal-atturi tas-27 ta' Mejju, 2014 fejn il-konvenuti aħwa Mifsud iddikjaraw u elaboraw li l-atturi *kienu ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa quddiem il-perit tekniku u fi stadju meta l-konvenut għalaq ukoll il-provi tiegħu* – ref.: tieni paragrafu fil-pagna tar-risposta li tinsab a fol 202. Ref. ukoll; it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija quddiem il-perit tekniku kif eżebiti mill-atturi – a fol 359 sa 367 – li għalkemm ma' jinkludux verbali minnhom tirrizulta bidla bejn xhieda mressqa mill-atturi u xhieda mressqa mill-konvenuti. Ref.: ukoll it-tieni paragrafu *ivi* l-ewwel paragrafu shih fil-pagna ta' risposta ta' l-atturi li saret fl-20 ta' Jannar, 2022 liema pagna tinsab a fol 889 tal-proċess.
[29] Digriet a fol 218.

**Rat** li fit-13 ta' Mejju, 2015 il-perit tekniku rritorna l-inkartament kollu tal-kawża.[30]

**Rat** l-inkartament eżebit mill-perit tekniku.[31]

**Rat** in-nota tal-atturi in atti a fol 334 li magħha ġew eżebiti [i] affidavit tal-attriċi Ċarmen Buttigieg kif ukoll; [ii] traskrizzjoni ta' xhieda ta' ċertu Salvu Azzopardi mogħtija fl-udjenza tal-21 ta' Diċembru, 2006 fil-kawża numru 217/95 – *Buttigieg Joseph u Ċarmen vs Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq*.[32]

**Rat** li fis-seduta miżmuma nhar is-17 ta' Ġunju, 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. A. Attard Hili, l-abbli difensur tal-atturi rrilevat li fl-inkartament tal-kawża eżebit mill-perit tekniku kien jonqos xi traskrizzjonijiet ta' xhieda mismugħa mill-perit tekniku stess kif ukoll xi affidavits li ġew eżebiti waqt seduti miżmuma minnu.[33] Fis-seduta mbagħad miżmuma quddiem l-istess Assistent Ġudizzjarju nhar it-23 ta' Settembru, 2015 l-abbli difensur tal-atturi talbet li tirreġola ruħha dwar dan[34] b'dan li b'nota tat-28 ta' Ottubru, 2015 l-atturi eżebew affidavit tal-dakinhar diġa' defunt attur Joseph Buttigieg kif ukoll kopja tax-xhieda miġbura mill-perit tekniku, il-Perit Joseph Mizzi.[35]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tat-8 ta' April, 2016 li bih, wara li ppremettew li sa dakinhar il-Gvern ta' Malta kien bena gandott ġdid u ferm akbar fi Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex, liema gandott, skonthom, jiflah mhux biss għall-ilma li jaqa' f'dik it-triq iżda għal kwantita' ta' ilma ferm akbar; talbu li jressqu eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li fl-atturi hemm nieqes l-

[30] Risposta tal-perit tekniku a fol 220, inkartament tal-kawża a fol 221 *et seq.*

[31] Inkartament a fol 235 *et seq.*

[32] Fit-traskrizzjoni msemmija, li tinsab a fol 340 u 341, Salvu Azzopardi, li meta kien qed isir ix-xogħol ta' twessiegħ ta' Triq Gorf kien *Assistant Works Technical* fi ħdan il-*Works Division*, xehed li il-konjuġi Buttigieg għandhom il-prorpjetajiet numru 7 u 8 kif ukoll razzett li jiġi faċċata tat-triq, aktar 'il ġewwa mill-proprjeta' numru 8. Jgħid li t-triq kienet inklinata l-isfel u ixxaqleb lejn ir-razzett tal-atturi. Iżid li fil-fatt kien hemm *water culvert* fil-proprjeta' ta' Buttigieg li kienet isservi sabiex twassal l-ilma minn Triq Gorf sa Triq Għajn Hozna aktar l-isfel. Jgħid li d-deċizjoni li titwessa it-triq ittiehdet madwar l-1993. Jgħid li t-twessiegħ sar mid-Dipartiment stess li għamel ukoll is-*surfacing* u bena l-hitan fejn kien għadu mhux mibni. Jgħid li l-ilma fit-triq żdied wara li saru dawn ix-xogħolijiet u wara li sar ukoll xi bini ġdid. Iżid li sadanittant il-*water culvert* fil-proprjeta' ta' Buttigieg li kien sar lejn l-1968 baqa' kif kien. Jgħid li f'dan il-każ ikun ahjar li l-*water culvert* isir akbar sabiex ikun jiflah għal-volum ta' ilma tax-xita. Iżid li minkejja dan meta sar it-twessiegħ tat-triq id-Dipartiment ma' kellux l-intenzjoni li jkabbar il-*water culvert*.

[33] Verbal a fol 344. Ref.: ukoll; il-verbali tal-Assistent Ġudizzjarju Avv. A. Attard Hili tas-17 ta' Ġunju, 2016 a fol 391, tat-30 ta' Settembru, 2016 a fol 394, u tal-4 ta' Novembru, 2016 a fol 397.

[34] Verbal a fol 348.

[35] Nota a fol 349.

interess ġuridiku li jeħtieġ li jipperdura tul il-kors kollu tal-kawża b'dan li skonthom, illum, il-kawża ġiet reża superfluwa.[36]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tal-20 ta' April, 2016 għar-rikors tal-konvenuti tat-8 ta' April, 2016 fejn issottomettew, *inter alia,* li l-ftehim milħuq minnhom mad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp għal-bini ta' gandott ġdid kif issa ġie ffurmat mill-Gvern ta' Malta ma' jwassalx għal xi aċċettazzjoni tagħhom favur l-aggravazzjoni tas-servitu' mill-konvenuti.[37]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2016, wara li semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet dwar ir-rikors tal-konvenuti tat-8 ta' April, 2016 u r-risposta tal-atturi tal-20 ta' April, 2016; laqgħet it-talba tal-konvenuti b'dan li awtorizzat lill-istess jippreżentaw risposta ulterjuri in linja mat-talba tagħhom kif milqugħa.[38]

**Rat** in-nota tal-atturi tas-16 ta' Novembru, 2016[39] li biha eżebew [i] varji traskrizzjonijiet ta' xhieda meħuda quddiem il-perit tekniku Joseph Mizzi[40] – bil-maġġoranza assoluta tal-istess kienu diġa' in atti; [ii] il-verbali tas-seduti miżmuma mill-istess perit tekniku;[41] [iii] pjanta, u; [iv] sensiela ta' ritratti.[42]

**Rat** li fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2017 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Avv. A. Attard Hili, id-difensur tal-atturi kkonfermat li l-atti jidhru integri salv għall-affidavit tad-defunt attur Joseph Buttigieg.[43]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tad-9 ta' Frar, 2017[44] li biha eżebew varji ritratti[45] relattivi għall-affidavit tal-konvenut Raymond Mifsud maħluf fid-9 ta' Frar, 2017.[46]

---

[36] Rikors a fol 348 u 349.
[37] Risposta a fol 352 sa 354.
[38] Verbal a fol 382.
[39] Nota a fol 398.
[40] Traskrizzjonijiet a fol 399 sa 417.
[41] Verbali miktuba bil-pinna f'*folder* tal-plastik immarkat fol 418.
[42] Sensiela ta' ritratti f'envelop ta' lewn kannella mdaħħal f'ieħor ta' lewn abjad mhux paginat iżda sitwat fit-tieni volum tal-proċess wara il-fol418 deskritt *supra.*
[43] Verbal a fol 422.
[44] Nota a fol 436.
[45] Sitt ritratti a fol 437 sa 439.
[46] Affidavit a fol 433 sa 435.

**Rat** in-nota tal-konvenuti tal-20 ta' April, 2017[47] li biha eżebew kopji ta' tlett permessi ta' żvilupp fuq siti differenti ossia, il-permessi bin-numri PA/001254/95 maħruġ lill-attur Gilbert Buttigieg,[48] PA/001268/95 maħruġ lill-attur Joseph Buttigieg,[49] u PA/01199/15 maħruġ lill-attur Alan Buttigieg.[50] Jeżebixxu wkoll ritratt ta' proprjeta' oħra tal-atturi Buttigieg[51] u jgħidu li minkejja kundizzjonijiet imposti fuqhom dwar bini ta' ġwiebi, l-atturi min dawn il-proprjetajiet xorta jitgħu l-ilma għal Triq Gorf.

**Rat** in-nota tal-atturi tad-29 ta' Mejju, 2017 magħmulha b'risposta għal dik tal-konvenuti tal-20 ta' April, 2017[52] fejn stqarru li l-allegazzjonijiet kollha tal-konvenuti kif kontenuti fin-nota tagħhom tal-20 ta' April, 2017 ġew ilkoll nnegati bix-xhieda mogħtija f'din l-istanza minn Gordon Grech, agent tal-infurzar fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar.[53]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tad-19 ta' Ottubru, 2018 fejn talbu li jinżamm aċċess[54] u r-risposta tal-atturi tat-2 ta' Novembru, 2018 dwar l-istess.[55]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tat-13 ta' Frar, 2020 fejn, *inter alia*, għal darb'oħra talbu li jinżamm aċċess[56] u r-risposta tal-atturi għall-istess magħmulha fit-28 ta' Frar, 2020.[57]

**Rat** li b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2020, il-Qorti kif diversament presjeduta ċaħdet it-talbiet kollha tal-konvenuti kif kontenuti fir-rikors tagħhom tat-13 ta' Frar, 2020 għajr għal dik sabiex jinżamm aċċess.[58]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Lulju, 2020 li bih talbu lill-Qorti kif diversament presjeduta tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom

---

[47] Nota a fol 482.
[48] Fil-fatt ġiet eżebita kopja tad-*DPA Report* jirrikmanda l-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-permess a fol 483 sa 485, inkluz in verso pagina, li jinkludi l-kundizzjoni: *a water cistern, having a volume in cubic meters of 60% of total roof area (in square meters) is to be constructed to store rainwater run-off from the built-up area of the development* – kundizzjoni numru 6 li tibda in verso pagina tal-fol 483 u tkompli fil fol 484.
[49] Kopja tal-permess maħruġ nhar is-16 ta' Frar, 1996 li ta' testimonjanza dwaru x-xhud Mark Cini a fol 486 sa 487.
[50] Kopja tal-permess maħruġ fl-1 ta' Lulju, 2015 a fol 488 sa 490, inkluz in verso pagina, li jinkludi l-kundizzjoni *all new developments shall be provided with a water cistern to stare rainwater run-off as required by the Energy Performance of Buildings Regualions (2012)* […] – kundizzjoni 1(i) in verso pagina tal fol 488.
[51] Ritratt a fol 491.
[52] Nota a fol 529 u 530.
[53] Ref.: xhieda ta' Gordon Grech a fol 492 *et seq.*
[54] Rikors a fol 601 u 602.
[55] Risposta a fol 604 u 605.
[56] Rikors a fol 765 u 766.
[57] Risposta a fol 782 u 783.
[58] Digriet a fol 784 sa 786.

tal-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi qabel tkompli għaddejja l-kawża.[59]

**Rat** ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet tat-3 ta' Awwissu, 2020 għar-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Lulju, 2020.[60]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tas-6 ta' Awwissu, 2020 għar-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Lulju, 2020.[61]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2020 ġiet rinnovata t-talba tal-konvenuti sabiex il-Qorti kif dakinhar presjeduta żżomm aċċess liema talba ma' ġietx opposta u ntlaqgħat.[62]

**Rat** li b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2020 il-Qorti kif diversament presjeduta, b'referenza għar-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Lulju, 2020, ordnat sabiex jingħalqu l-provi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tal-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi.[63]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2021 il-Qorti kif presjeduta ordnat li jinżamm l-aċċess fil-prezenza tal-Perit Angelo Portelli li kien il-perit responsabbli għax-xogħol tal-gandott – *water culvert* – li sar fi Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex.[64]

**Rat** li fit-30 ta' Settembru, 2021 l-Assistent Ġudizzjarju l-Avv. Dr. A. Attard Hili rrimetta l-kawża lill-Qorti kif presjeduta stante li l-uniċi provi li kien fadal jinġabru kienu l-kontro-eżamijiet tal-attur Gilbert Buttigieg u tal-konvenut Raymond Mifsud li dwarhom intlaqgħu tlabiet li l-istess isiru quddiem il-Qorti.[65]

**Rat** li nżamm aċċess fis-7 ta' Jannar, 2022 fil-preżenza tal-Qorti kif presjeduta, il-partijiet debitament assistiti, u l-Perit Angelo Portelli.[66]

---

[59] Rikors a fol 797 u 798.
[60] Risposta a fol 801 u 802.
[61] Risposta a fol 803 u 804.
[62] Verbal a fol 805.
[63] Digriet a fol 808 u 809.
[64] Verbal a fol 841.
[65] Verbal a fol 842.
[66] Verbal a fol 875. Traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet waqt l-aċċess a fol 863 sa 874.

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tal-14 ta' Jannar, 2022 li bih, filwaqt li għamlu referenza għal fatt li f'din il-kawża kien għadu fis-seħħ l-inkarigu tal-perit tekinku l-Perit Joseph Mizzi li sadanittant irtira, talbu, *inter alia*, li l-istess perit tekniku jiġi sostitwit b'ieħor.[67]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tal-20 ta' Jannar, 2022 għar-rikors tal-konvenuti tal-14 ta' Jannar, 2022.[68]

**Rat** li b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2022, wara li rat ir-rikors tal-konvenuti tal-14 ta' Jannar, 2022 u risposta tal-atturi tal-20 ta' Jannar, 2022, din il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit tekniku Joseph Mizzi u ħatret minflok lil Perit Alexei Pace bl-awtorita' li jieħu konjizzjoni tal-atti, jaċċedi fuq il-post, jikkonstata l-fatti, u jirrediġi rapport mingħajr ma' jisma' provi.[69]

**Rat** li bl-istess digriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2022 din il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet magħluqha.[70]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tas-7 ta' Frar, 2022 li bih, wara li premettew li ġie fil-pussess tagħhom ritratt li ntwera lill-Qorti waqt l-aċċess u juri li l-ilma tal-bejt tal-fond tagħhom kien sa minn dejjem jaqa' għat-triq permezz ta' miżieb jew żennuna li mbagħad inbidlet fil-katusa in kontestazzjoni, niżla vertikalment mal-faċċata kif jidher fir-ritratti in atti, liema katusa ġiet biss estiża vertikalment meta nbena s-sular il-ġdid tagħhom, bil-volum tal-ilma li jaqa' mill-bejt tal-bini ġdid tagħhom għat-triq għadu sallum l-istess; talbu, ai termini tal-Artikolu 150(f) tal-Kap. 12 sabiex iressqu l-istess ritratt bħala prova quddiem il-perit tekniku.[71]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tal-14 ta' Marzu, 2022 li bih, wara li ppremettew li l-konvenuti jallegaw li bl-iżvilupp intrapriż minnhom ma' żiedux il-kejl tal-għola bjut tagħhom, talbu l-awtorizazzjoni sabiex jeżebixxu dokumenti ulterjuri – annessi mal-istess rikros tagħhom – li ġew a konjizzjoni tagħhom biss wara l-għeluq tal-provi ossia – applikazzjoni magħmulha mill-konvenut Raymond Mifsud għas-sanzjonar ta' żvilupp magħmul mill-konvenuti.[72]

---

[67] Rikors a fol 877 u 879.
[68] Risposta a fol 888 sa 890.
[69] Digriet a fol 893 u 894.
[70] Digriet a fol 893 u 894.
[71] Rikors a fol 896 u 897.
[72] Pagna waħda mir-rikors a fol 902. L-intier tar-rikors f'envelop ta' lewn abjad a fol 906. Pagna oħra tar-rikors – dik nieqsa qabel il-fol 902 – a fol 914.  Dokumenti li dwarhom intalbet l-awtorizzazzjni a fol 908 sa 910 - sfilzati.

**Rat** ir-risposta ta' l-atturi tal-14 ta' Marzu, 2022 għar-rikors tal-konvenuti tas-7 ta' Frar, 2022.[73]

**Rat** li b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2022 laqgħat it-talba magħmulha fir-rikors tal-konvenuti tas-7 ta' Frar, 2022.[74]

**Rat** ir-rikors ta' l-avukat difensur tal-konvenuti għan-nom tal-istess konvenuti tad-29 ta' Marzu, 2022 magħmul b'referenza għar-rikors tal-atturi tal-14 ta' Marzu, 2022 fejn, *inter alia*, iddikjara li l-perit tekniku jista' jistablixxi *in situ*, u mingħajr in-neċessita' tad-dokumenti li l-atturi talbu l-awtorizzazzjoni jippreżentaw, jekk bil-bini tagħhom il-konvenuti żidux il-kejl ta' l-għola bjut tagħhom u għalhekk il-volum tal-ilma li jaqa' għat-triq. Talab għalhekk l-isfilz tad-dokumenti eżebiti mar-rikors tal-atturi tal-14 ta' Marzu, 2022.[75]

**Rat** li b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2022 ċaħdet it-talba kif dedotta mill-konvenuti fir-rikors ta' l-avukat difensur tagħhom tad-29 ta' Marzu, 2022.[76]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tal-4 ta' April, 2022 għar-rikors tal-atturi tal-14 ta' Marzu, 2022.[77]

**Rat** li b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2022 ordnat l-isfilz tad-dokumenti eżebiti mill-atturi flimkien mar-rikors tagħhom tal-14 ta' Marzu, 2022.[78]

**Rat** ir-rikors ulterjuri tal-atturi tas-17 ta' Mejju, 2022 li bih reġgħu talbu l-awtorizazzjoni sabiex jeżebixxu kopja ta' l-applikazzjoni magħmulha mill-konvenut Raymond Mifsud għas-sanzjonar ta' żvilupp magħmul mill-konvenuti.[79]

**Rat** li b'nota tagħhom tal-31 ta' Mejju, 2022 il-konvenuti eżebew ritratt li juri l-faċċata tal-proprjeta' tagħhom meta l-istess kien għadha terran

[73] Risposta a fol 912 u 913.
[74] Digriet a fol 917.
[75] Risposta a fol 918 u 919.
[76] Digriet a fol 920.
[77] Risposta a fol 921 u 922.
[78] Digriet a fol 923.
[79] Rikors a fol 927 u 928. Eżebit għal darb' oħra afol 936 u 937.

b'miżieb li jidher maġenb is-saljatura tat-tarf tas-sensiela ta' saljaturi fuq il-bieb ta' barra.[80]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tal-31 ta' Mejju, 2022 għar-rikors ulterjuri tal-atturi tas-17 ta' Mejju, 2022.[81]

**Rat** li b'digriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2022 ċaħdet ir-rikors ta' l-atturi tas-17 ta' Mejju, 2022.[82]

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku Alexei Pace kif ippreżentata fis-17 ta' Frar, 2023.[83]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tas-17 ta' April, 2023 bid-domandi in eskussjoni għal-perit tekniku Alexei Pace.[84]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2023 il-perit tekniku Alexei Pace ippreżenta r-risposti tiegħu bil-miktub għad-domandi in eskussjoni tal-konvenuti.[85]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-4 ta' Mejju, 2023, in vista tad-domandi magħmulha in eksussjoni lill-perit tekniku Alexei Pace, il-Qorti ordnat lill-istess perit iżomm aċċess ulterjuri sabiex jiddetermina fejn imur l-ilma li jaqa' fuq il-bejt tal-parti msaqqfa tal-bitħa fil-proprjeta' tal-konvenuti.[86]

**Rat** ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku Alexei Pace kif ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 2023.[87]

**Rat** ir-rikors ta' l-aħwa Alan, Gilbert, Donald, u Noel Buttigieg tat-13 ta' Ottubru, 2023 li bih, wara li ppremettew li fil-mori tal-kawża mietet ommhom, l-attriċi Mary Ċarmen Buttigieg, talbu li l-atti jiġu trasfużi minn fuq isem l-istess Mary Ċarmen Buttigieg għal fuq isimhom.[88]

---

[80] Nota a fol 939. Ritratt a fol 940.
[81] Risposta a fol 941 u 942.
[82] Digriet a fol 948.
[83] Relazzjoni a fol 960 sa 978.
[84] Nota a fol 981 sa 984
[85] Verbal a fol 1005.
[86] Verbal a fol 1005.
[87] Relazzjoni a fol 1018 sa 1029.
[88] Rikors a fol 1034. B'dokuemtni annessi a fol 1035 sa 1040.

**Rat** li b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2023 it-talba għat-trasfuzjoni ta' l-atti minn isem Mary Ċarmen Buttigieg għal isem uliedha l-aħwa Alan, Gilbert, Donald, u Noel Buttigieg ġiet milqugħa.[89]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista tiġi differita għal preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għal-llum għas-sentenza.[90]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Buttigieg**, attur, xehed quddiem il-perit tekniku.[91]

Jgħid li huwa l-proprjetarju tal-fond numru 50/51, Triq Gorf, ix-Xagħra.

Iżid li huwa akkwista d-dirett dominju ta' l-istess proprjeta' fl-1988 sabiex imbagħad fl-1994 irranġa mal-kuġini tiegħu li rrilaxxawlu l-proprjeta' bir-raba' magħha.

Jgħid li hu ilu midħla ta' dawn l-inhawi sa' mill-1944 għaliex twieled hemm.

Jgħid li ġol-proprjeta' tiegħu kien hemm gandott li minnu jgħaddi l-ilma. Iżid li l-istess gandott kien jgħaddi minn ġor-raba' tagħhom u jkompli għat-triq.

Jgħid li meta beda tiela l-bini fi Triq Gorf minn kien jibni għalaq it-toqob fil-ħajt tat-triq u b'hekk żdied il-volum tal-ilma li kien jgħaddi mit-triq.

[89] Verbal a fol 1041.
[90] Verbal a fol 1068 u 1069.
[91] Traskrizzjoni a fol 324. Jixhed fl-14 ta' Mejju, 1999. L-istess traskrizzjoni ġiet eżebita għal darb'oħra a fol 359 u għal darb' oħra a fol 400.

Jgħid li zijuh kien spiċċa bl-inkiwet mal-Gvern minħabba dan l-ilma u l-ħsara li kien jikkaġunalu. Iżid li l-Gvern kien għalhekk għamel saf konkrit sabiex jipproteġi l-jeddijiet ta' zijuh u bena wkoll kanal tal-ilma fil-proprjeta' tagħhom.

Jgħid li minkejja dan, l-iżvilupp fit-triq kompla jżid u l-ilma żdied miegħu. Iżid li meta akkwista huwa fl-1988 reġgħa qanqal il-kwistjoni tal-ilma mal-Gvern.

Jgħid li mal-Gvern kien wasal li jirranġalu l-kanal u jiżdied kanal ieħor sabiex l-ilma jitwassal fit-triq tar-Ramla.

Jgħid li mbagħad fl-1994 twessgħet Triq Gorf u l-volum tal-ilma tant kiber li d-dar u t-triq privata tiegħu anqas jista jagħmel użu minnhom waqt ix-xita. Iżid li jkollu wkoll inaddaf il-passaġġ tiegħu mill-ħmieġ.

Jgħid li l-Kunsill qalulu li billi hemm privat ikollu jnaddfu hu.

**Xehed ulterjorment**, ukoll quddiem il-perit tekniku,[92] li wara li huwa feda ċ-ċens gravanti l-proprjeta' tiegħu beda jaħseb sabiex jiżviluppa l-istess.

Jgħid li peress li huwa mill-inħawi, hu kien jaf bil-ħsara li ssir minħabba l-ilma tax-xita li jinżel għat-triq mil-bjut tan-nies.

Jgħid li għalhekk ħa passi mal-Gvern u kellu laqgħat ma' ministru li bgħatlu xi nies sabiex jaraw x'jista jsir.

Jgħid li l-Gvern kien iddeċieda li jesproprja xi raba' sabiex titwessa Triq Gorf u jsir gandott ġol-proprjeta' tiegħu. Iżid li hawn iżda ndaħal il-Kunsill.

Jgħid li qabel kien żamm lill-Gvern milli jagħmel xi xogħol li jaggrava s-servitu tal-ilma. Iżid li kien anke żamm xi nies privati milli jitfgħu l-ilma għat-triq.

---

[92] Xhieda tal-11 ta' Frar, 2000. Traskrizzjoni a fol 360 eżebita għal darb' oħra a fol 401.

Jgħid li mbagħad indaħal il-Kunsill li kien ser jagħmel l-istess xogħol li kellu jagħmel il-Gvern. Iżid li hawn protestaw xi nies li mingħandhom kienet ġiet esproprjata xi art għat-twessiegħ tat-triq.

Jgħid li mal-Kunsill huwa kien dejjem insista li qabel jibda x-xogħol kellhom jitkellmu miegħu sabiex huwa jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li jirreġolaw il-gandott u l-bqija tal-proġett. Jgħid li sad-data tax-xhieda – 11 ta' Frar, 2000 – baqa' ma' semgħa xejn mingħand il-Kunsill.

Jgħid li għalhekk mill-1994 beda jżomm lin-nies milli jagħmlu xogħolijiet.

**Kompla jixhed**, dejjem quddiem il-perit tekniku,[93] rigward varji ittri legali u ġudizzjarji li ntbgħatu minnu lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra u viċe versa li eżebixxa kopji tagħhom.[94]

Jgħid li l-Kunsill insista li qabel jinbdew xi xogħolijiet fuq il-gandott kellu jintlaħaq ftehim bejn kulħadd sab il-gandott isir kbir biżżejjed.

Jiddeskrivi kif wara li saret spezzjoni mill-Kunsill Lokali huwa kien sikwiet jitkellem mas-Sindku li kien jgħidlu li x-xogħol kien ser jibda dalwaqt. Iżid li minkejja dan dejjem kien hemm min joġġezzjona bix-xogħol baqa ma' sarx. Jgħid li b'riżultat ta' dan huwa ma' jistax ikompli jiżviluppa il-proprjeta' tiegħu.

Jgħid li minħabba li x-xogħol baqa ma' sarx kellu jagħmel parti mil-gandott hu sabiex itaffi mil-ħsara.

Jgħid li apparti ħsara fil-post u fir-raba' tiegħu, huwa anqas jista jgħaddi għal ġor-razzett tiegħu minn passaġġ privat tiegħu stante l-għargħar li jsofri tali passaġġ. Jgħid li jeżebixxi ritratti dwar dan.[95]

Jgħid li fil-passat il-gandott – *culvert* – eżistenti kien suffiċjenti sabiex jirċievi l-ilma billi l-parti l-kbira tad-djar li kien hemm kienu jixħtu l-ilma tagħhom għal ġo l-imnadar tagħhom stess. Iżid li min dakinhar inbena aktar għal' fuq it-triq u bdew jixħtu l-ilma fit-triq bil-konsegwenza tal-għargħar.

---

93 Xhieda tal-1 ta' Lulju, 2000. Traskrizzjoni a fol 360 sa 362 eżebita għal darb'oħra a fol 402 u 403.
94 Kopji tal-varji ittri jinsabu in atti flimkien mall-assjem ta' dokumenti eżebiti mill-perit tekniku, il-Perit Joseph Mizzi, wara l-ordni li ngħatatlu sabiex jirritorna l-inkartament tal-kawża nkluz, *inter alia*, a fol 319 u 342.
95 Ritratti mhux in atti.

**Xehed ulterjorment**, ukoll quddiem il-perit tekniku,[96] li wara li għamel minn kollox mal-Gvern u mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra baqa' ma' sar xejn. Iżid li għalhekk kellu jirranġa hu kif setgħa iżda dan mhux bizzejjed u kellu jiftaħ din il-kawża.

Jirreferi għall-permessi tal-iżvilupp tal-konvenuti u jgħid li fihom kien hemm kundizzjoni li l-istess konvenuti kellhom jibnu ġiebja. Iżid li tali kundizzjoni ma' ġietx imħarsa.

Jirreferi wkoll għall-protesti ġudizzjarji li saru minnu kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Gvern sabiex ma' jkomplux bix-xogħolijiet li kienu qed jagħmlu.

Jgħid li anke qabel saret din il-kawża odjerna huwa għamel protest Ġudizzjarju li twieġeb kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u d-Direttur tat-Toroq.

**Xehed ulterjorment**, ukoll quddiem il-perit tekniku,[97] li l-iżvilupp li ma kienx hemm qabel kien jikkonsisti f'bini fuq żewġt' ikmamar li kienu jeżistu bħala terran. Iżid li saret gallerija fuq il-faċċata u l-ilma tal-istess ġie li jintefa għal fuq it-triq.

Jgħid li l-konvenuti kellhom taraġ miftuħ kif ukoll ġardina u bitħa wara li bnew fuqhom bl-ilma mill-istess ġie jaqleb għal fuq it-triq u allura jmur fuqu.

Jgħid li l-għorof il-qodma li kien hemm qabel kienu jaqilbu l-ilma tal-konvenuti għal ġol-mandra tagħhom stess.

Jgħid li ġar ieħor qaleb l-ilma għal fuq it-triq meta zijuh Toni Buttigieg kien rikoverat l-isptar u għalhekk ma' kienx oġġezzjona. Iżid li meta l-istess ġar kompla bl-iżvilupp mhux l-ilma kollu inxteħet għat-triq.

**Kompla jixhed**, dejjem quddiem il-perit tekniku,[98] li fejn fir-rikors promotur tiegħu tkellem dwar li *"recentement sar żvilupp estensiv fil-proprjeta' tal-konvenuti"* huwa kien qed jirreferi għal fatt li l-konvenuti

[96] Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija nhar il-25 ta' Awwissu, 2001 a fol 362 eżebita għal darb' oħra a fol 403.
[97] Xhieda tat-30 ta' Jannar, 2009. Traskrizzjoni a fol 404.
[98] Xhieda tas-27 ta' Frar, 2009. Traskrizzjoni a fol 406.

bnew l-għorof faċċata tat-triq. Iżid li isfel kellhom bitħa li bnewha wkoll u kellhom taraġ għal fuq il-bjut il-qodma li ġie msaqqaf.

Jgħid li b'dan l-iżvilupp il-konvenuti qalbu l-ilma kollu għat-triq liema ilma mbagħad imur fuqu.

Iżid li oltre dan, skont il-permess ta' żvilupp tal-konvenuti, bjut li kienu jbattlu għal ġo tagħhom kellhom ikunu muniti b'ġiebja iżda l-ġiebja ma' nbnietx.

Muri ritratt a fol 339 jgħid li l-għorfa hemm immarkata bl-ittra "X" waqgħet qabel bdiet din il-kawża u qabel inħareġ il-permess ta' żvilupp tal-konvenuti. Iżid li l-istess ritratt ittieħed qabel inbdiet din il-kawża.

Jgħid li l-ilma ta' kamra waħda li l-konvenuti kellhom mat-triq u li qed tiġi mmarkata bl-ittra "Y" fuq l-istess ritratt a fol 339 kien imur għat-triq. Iżid li bl-iżvilupp intrapriż mill-konvenuti inbnew l-għorof fuq din l-istess kamra bl-ilma minn fuq il-bjut ġodda qiegħed issa jmur fuq il-bejt immarkat bl-ittra "Z" fuq l-istess ritratt u minn hemm għat triq permezz ta' kanna ta' xi 5 pulzieri dijametru li twaħħlet ġdida u li tinżel sat-triq.

Jgħid li qabel, l-ilma minn fuq il-kamra "X" kien imur għal ġol-mandra tal-konvenuti stess.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[99] Jiddikjara li qabel Rita Mifsud u uliedha bdew ix-xogħol fuq id-dar proprjeta' tagħhom ma' kien hemm ebda katusi li mill-istess dar jarmu l-ilma għal fuq Triq Gorf.

Jeżebixxi żewġ ritratti li jgħid li juru dan.[100]

Jeżebixxi ritratt ieħor li jgħid li juri katusa li kien hemm oriġinarjament.[101] Jgħid li permezz ta' din il-katusa l-ilma tax-xita kien imur direttament fil-mandra ta' Rita stess li tinsab wara d-dar tagħha.

Jiddikjara li oriġinarjament il-bjut ta' Rita ma' kienux jaqilbu għat-triq.

---

[99] Affidavit a fol 351 u 352. Skont l-abbli difensur tal-atturi dan l-istess affidavit kien diġa' qabel ġie eżebit quddiem il-perit tekniku waqt seduta miżmuma minnu. Il-kopja tal-affidavit issa in atti tirrizulta mhux iffirmata.
[100] Ritratti a fol 353.
[101] Ritratt ta' fuq a fol 354.

Jgħid li l-kawża odjerna ġiet ippreżentata minnu u minn martu peress li meta bdew ix-xogħolijiet ta' Rita u uliedha huma għamlu l-bjut tagħhom jaqilbu għat-triq. Iżid li oltre dan għamlu katusa li tixħet għat-triq b'dan li żiedu l-ilma li jinżel fit-triq bi preġudizzju għalih u għal martu.

Jeżebixxi żewġ ritratti oħra[102] li jgħid li juru kanna irqiqa li kienet tpoġġiet temporanjament waqt l-andament tax-xogħol intrapriż minn Rita u oħra eħxen li rrimpjazzata wara li tlestew l-istess xogħolijiet.

Jiddikjara li skont il-permess ta' żvilupp li għandha Rita hija suppost għandha ġiebja tal-volum ta' 60% tal-kejl totali tal-bjut tagħha.

Jeżebixxi kopja tal-permess ottjenut minn Rita.[103]

Jgħid li tali ġiebja qatt ma' saret u minflok Rita u uliedha ddiriġew l-ilma għat-triq b'dannu għalih u għal martu.

**Ċarmen Buttigieg**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[104]

Tiddikjara li hi ilha tiffrekwenta l-ambjenti in kwistjoni mindu żżewġet lill-attur Joseph fl-1971.

Tgħid li mill-proprjeta' tal-konvenuta Rita Mifsud u l-konvenuti l-oħrajn qatt ma' kien hemm pajpijiet jagħtu għat-triq.

Teżebixxi ritratt li tgħid li juri proprju dan.[105]

Tgħid li għalhekk kwalunkwe ilma li kien jinżel fuq il-bjut ta' Rita kien jibqa sejjer għal ġol-mandra tagħha stess li tinsab wara l-istess proprjeta' tagħha.

---

[102] Wieħed a fol 354, ir-ritratt ta' isfel, u ieħor a fol 355.

[103] Jeżebixxi fil-fatt kopja tad-*DPA Report* referibbli għall-applikazzjoni numru 5871/96 magħmulha minn Rita Mifsud – kopja a fol 356 sa 359. Ref. ukoll għal-kopja tal-applikazzjoni a fol 297 u 298, eżebita għal darb'oħra a fol 665 sa 666 inkluz in verso pagina. Il-permess relattiv jirriżulta li nħareġ nhar it-8 ta' Novembru, 1996 u kopja tiegħu tinsab in atti a fol 325 u 326 u għal darb'oħra a fol 611 – inkluz in verso pagina, din id-darba bil-pjanta approvata b'kollox liema pjanta tinsab a fol 612. Fost il-kundizzjonijiet tal-permess hemm dik numru 4 li trid kif isegwi: *a water cistern, having a volume in cubic meters of 60% of total roof area (in square meters), is to be constructed to store rainwater run-off from the built-up area of the development*. Din l-istess kundizzjoni tirrizulta fid-*DPA Report* fil-pagna tiegħu li tinsab a fol 357.

[104] Affidavit a fol 336 u 337.

[105] Ritratt a fol 338.

Tgħid li eventwalment Rita waqqat parti mill-proprjeta' tagħha. Tezebixxi ritratt li tgħid li juri dan.[106] Iżżid li l-istess ritratt juri ċar li l-unika katusa li kien hemm kienet tieħu l-ilma mil-bjut ta' Rita għal ġol-mandra proprjeta' ta' Rita stess.

Tgħid li hi u żewġha għamlu l-kawża odjerna stante li bl-iżvilupp magħmul minn Rita l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-proprjeta' ta' Rita beda jintefa għal ġo Triq Gorf u minn hemm jasal għal ġol proprjeta' tagħha u ta' żewġha.

Tiddikjara li l-bjut ta' Rita qatt ma' kienu jaqilbu għat-triq. Iżżid li wara li sar l-iżvilupp minn Rita l-bjut ġew magħmulha jaqilbu għat-triq. Iżżid ukoll li Rita u l-konvenuti l-oħrajn għamlu wkoll katusa ta' xi 5 pulzieri tagħti direttament għat-triq. Iżżid li l-konvenuti għamlu wkoll passaġġ bejn il-proprjeta' tagħhom stess li wkoll jaqleb għat-triq. Tgħid li t-tieni ritratt li eżebit juri fejn sar tali passaġġ.

Tikkonkludi għalhekk li x-xogħolijiet intrapriżi mill-konvenuti żiedu l-volum tal-ilma għat-triq bi preġudizzju għalija. Iżżid li l-konvenuti għandhom jiġu ordnati jagħmlu katusi sabiex l-ilma jaqleb għal-mandra tagħhom stess kif kien jagħmel oriġinarjament, mhux għal passaġġ iffurmat minnhom li għamluh ukoll jaqleb għat-triq.

**Raymond Mifsud**, konvenut, xehed[107] li l-atturi jallegaw li l-ilma tal-bjut tad-dar tagħhom numru 44, Triq Gorf, ġie maqlub għat-triq fl-1996.

Jeżebixxi ritratt meħud qabel l-1996[108] li juri d-dar tagħhom kif kienet qabel ġie żviluppat is-sular ta' fuq. Jgħid li r-ritratt juri żewġ katusi jixtħu l-ilma mil-bjut tagħhom għat-triq minn żewġt iġnub. Jgħid li qed jimmarka l-katusi bl-ittri "A" u "B" fuq l-istess ritratt.[109]

Jgħid li l-ilma tal-bjut tad-dar tagħhom ilu jmur għat-triq 'il fuq minn 40 sena.[110] Iżid li min hemm l-ilma kien imur fil-*water culvert* fil-proprjeta' li

[106] Ritratt a fol 339.
[107] Xhieda mogħtija quddiem il-perit tekniku fl-20 ta' Mejju, 2011. Traskrizzjoni a fol 363 u 364 eżebita għal darb'oħra a fol 407, 408 u għal darb'oħra a fol 410 u 411..
[108] Ritratt a fol 382.
[109] Ebda tali marki ma' jidhru fuq ir-ritratt "RM1" a fol 382 li x-xhud jirreferi għalih. Marki bl-ittri fuq ritratt simili jidhru iżda fuq ir-ritratt eżebit a fol 204 tal-proċess.
[110] Oriġinarjament jixhed li 50 sena iżda f'tetsimonjanza ulterjuri jikkoregi ruħu li kien ilu 40 sena.

kienet ta' Toni Buttigieg, iz-ziju tal-attur Joseph Buttigieg. Jgħid li l-istess kien jagħmel l-ilma tal-bjut tad-djar l-oħra.

Jgħid li fl-1993 twessgħa l-isqaq u sar triq. Iżid li minn dak iż-żmien sar xi żvilupp inkluż mill-attur Joseph Buttigieg bil-permess 1268/95.

Jgħid li Joseph Buttigieg xtara r-razzett mingħand kuġintu Ċarmen Sciberras. Iżid li sabiex jiżviluppa l-istess kellu kundizzjoni li jagħmel ġiebja. Jgħid li minflok għamel hekk niżżel katusa mas-sies bl-ilma jispiċċa fil-Wied tar-Ramla.

Jgħid li iben Joseph, Gilbert Buttigieg, applika għal-permess ieħor bin-numru 1254/95 u anqas għamel ġiebja għalkemm kellu kundizzjoni dwar l-istess. Iżid li Gilbert ukoll xeħet l-ilma direttament għat-triq.

Jgħid li fit-triq bnew diversi persuni oħrajn li wkoll tefgħu l-ilma tal-bjut ta' djarhom għat-triq anke fejn kellhom kundizzjoni li jibnu ġiebja. Iżid li minkejja dan l-atturi għażlu li jmexxu biss kontrihom. Iżid li dan meta bil-bini l-ġdid tagħhom ma' nbidel xejn rigward fejn imur l-ilma.

**Kompla jixhed**[111] li Toni Buttigieg qatt ma' kellu oġġezzjoni dwar li l-ilma tal-bejt tagħhom imur fil-*water culvert*.

Jgħid li ħaddieħor għalkemm bena ġiebja għandu *drive-in* twila bl-ilma kollu minn fuqha jiskula għal Triq Gorf u jispiċċa fil-*water culvert* tal-atturi. Iżid li minkejja dan l-atturi kontrihom biss mexxew.

Jgħid li l-Kunsill tax-Xagħra kien ittenta jagħmel *water culvert* fil-proprjeta' ta' Joseph Buttigieg iżda meta ntbagħtu l-ħaddiema sabiex isir ix-xogħol l-istess Buttigieg waqqafhom.

**Xehed ulterjorment**,[112] li fejn qabel xehed li min għandu *drive in* twil qed jixħet l-ilma fuq Triq Gorf liema ilma mbagħad jispiċċa fil-*water culvert* tal-atturi; dak il-*water culvert* kien għamlu l-Gvern.

---

[111] fl-21 ta' Ottubru, 2011. Traskrizzjoni a fol 364 u għal darb'oħra a fol 411.

[112] Xhieda mogħtija quddiem il-perit tekniku fl-1 ta' Ġunju, 2012. Traskrizzjoni a fol 366 u 367. Parti mill-istess traskrizzjoni ġiet eżebita għal darb' oħra a fol 405. It-traskrizzjoni ġiet eżebita għal darb' oħra a fol 413 u 414.

Jgħid li meta fl-1996 huwa kien membru tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra, l-attur kien mar jitlob li jsir *water culvert* u huwa kien qal lis-Sindku jibgħat lil-perit tal-Kunsill, il-Perit Edward Scerri, sabiex iħejji rapport u pjanta.

Jeżebixxi kopja tar-rapport tal-Perit Scerri.[113]

Jeżebixxi wkoll kopji ta' varji minuti tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra.[114]

Jgħid li wara li saru r-rapport tal-perit u l-pjanti u l-Kunsill ġie sabiex jimplimenthom billi bagħat il-ħaddiema jibdew ix-xogħol, l-attur Joseph Buttiġieġ keċċa lill-ħaddiema.

Jgħid li b'riżultat ta' dan il-*water culvert* baqa' ma' sarx. Iżid li dan minkejja li kien anke nħareġ permess sabiex isir.

Jgħid li l-Kunsill ried jagħmel *water culvert* akbar sabiex ilaħħaq mal-ilma kollu li jaqa' fit-triq.

**In kontro-eżami**,[115] ikkonferma li fl-1998 huma żviluppaw id-dar tagħhom billi bnew żewġt ikmamar fuq, fuq iż-żewġt ikmamar fil-faċċata tal-pjan terran.

Jaqbel li qabel inbnew dawn il-kmamar fil-pjan terran kien hemm bitħa. Jaqbel ukoll li bl-iżvilupp li sar il-bitħa ġiet eliminata.

Jaqbel li x-xogħol magħmul minnhom sar skont il-permess ta' żvilupp numru 5871/96 li nħareġ lill-ommu Rita Mifsud.

Muri r-ritratti mehmuża mall-affidavit tal-attriċi Camren Buttigieg,[116] jikkonferma li fuq l-ewwel ritratt – a fol 338 – fejn hu mmarkat bl-ittra "X" hija d-dar tagħhom.

Jaqbel li fuq dan ir-ritratt ma' jidhirx dak li bnew fl-1998. Jaqbel ukoll li fuq l-istess ritratti ma' jidhrux pajpijiet tal-ilma mid-dar tagħhom għat-triq.

---

[113] In atti mall-assjem tad-dokumenti mdahhla fil-proċess wara l-ordni mogħtija lill-perit tekniku sabiex jirritorna l-inkartament tal-kawża – estratt min rapport a fol 289 u 290, tpingijiet a fol 291 u 292, stima a fol 293.
[114] In atti mall-assjem tad-dokumenti mdahhla fil-proċess wara l-ordni mogħtija lill-perit tekniku sabiex jirritorna l-inkartament tal-kawża. Kopji tal-minuti a fol fol 278 sa 284, a fol 308 sa 313, a fol 314 sa 318, u; a fol 327 sa 333.
[115] Xhieda mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Avv. A. Attard Hili. Traskrizzjoni a fol 370 sa 381.
[116] Ritratti a fol 338 u 339.

Dwar it-tieni ritratt a fol 339 jgħid li hemm jidher pajp tagħhom għat-triq.

Muri ritratt ieħor, din id-darba a fol 199 tal-proċess, jgħid li fuq dan jidher il-pajp li jagħti għat-triq, laġenba. Jeżebixxi ritratti tiegħu – a fol 382 – u jgħid li l-pajpijiet tal-ilma baqgħu kif kienu qabel bnew.

Mistoqsi jaqbilx li fl-aktar ritratt antik, dak a fol 338, ma' jidhru ebda pajpijiet b'dan li allura l-pajpijiet ma' kienux hemm min dejjem iżda twaħħlu f'ċertu punt, jgħid li l-pajpijiet saru qabel l-1996, qabel ma' bnew it-tieni sular. Jirreferi għar-ritratt "Dok RM2" a fol 382 li jgħid li juri l-proprjeta' tagħhom qabel żviluppaw it-tieni sular, kif kienet qabel l-1996.

Jaqbel li għalkemm skont il-permess tagħhom kellhom jagħmlu spiera, huma l-ispiera m'għamluhiex. Iżid li l-attur ukoll kellu jibnu spiera u ma' bnihiex.

Jgħid li l-ilma tagħhom għadu jmur fejn kien imur qabel. Iżid li dak li nbidel huwa li flok l-ilma jiġi mill-ewwel sular issa jiġi mit-tieni sular.

Jgħid li ħaddieħor fit-triq bħalhom għamel; għolla s-sular minn fejn jiġi l-ilma tal-bjut. Iżid li hemmhekk ħadd m'għamel ġiebja.

Jgħid li l-ilma tal-bjut tar-residenti ta' Triq Gorf imur għal *water culvert* ta' Tony Buttiġieġ, iz-ziju tal-attur Joseph Buttigieg. Iżid li llum il-Gvern għamel *water culvert* ġdid u kbir sabiex jelimina l-problema u Buttiġieġ ma' jibqgħux iħabbtu lir-residenti.

Jaqbel li l-gandott il-ġdid sar fil-mori tal-kawża odjerna. Iżid iżda li l-antik kien ilu hemm mil-1960. Jgħid li dan ukoll kien bnih il-Gvern fi proprjeta' ta' Toni Buttigieg.

Mistoqsi jekk uħud mil-ġirien għandhomx ġiebja jgħid li ma' jafx. Iżid li l-ilma tal-bjut ta' kulħadd għat-triq imur.

Jgħid li minkejja dan l-atturi lilhom biss għamlu kawża.

Mistoqsi jekk hux minnu li dakinhar li jgħid li l-attur Joseph Buttigieg keċċa lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, l-istess ħaddiema kienu fil-fatt

marru jnaddfu l-*water culvert* eżistenti mhux jibnu wieħed ġdid, jgħid li huwa jaf li marru l-ħaddiema u qalulu li Joseph keċċihom.

Jgħid li l-istess ħaddiema kienu ntbagħtu fuq rakkomandazzjoni ta' rapport tal-perit tal-Kunsill, il-Perit Edward Scerri.

**Xehed ulterjorment b'affidavit**.[117] Jiddikjara li d-dar tagħhom ilha aktar minn 100 sena mibnija. Iżid li parti mil-bjut tagħhom jaqilbu għal fuq Triq Gorf mentri bjut oħra jaqilbu għal ġol-mandra tagħhom stess.

Jiddikjara li l-ilma mil-bjut tal-kmamar u l-għorof li jagħtu għat-triq kif ukoll tas-setaħ kien dejjem jaqleb għat-triq.

Jgħid li fl-antik kien hemm żewġ imwieżeb sporġuti għat-triq. Iżid li meta ġġarraf is-saqaf tal-għorfa ta' quddiem u nqered miżieb minnhom, missieru waħħal katusa tal-*pvc* li minnha jgħaddi l-ilma kollu li qabel kien jaqa' minn fuq il-bejt tal-għorfa għat-triq tramite l-miżieb.

Jiddikjara li l-miżieb l-ieħor kien bidlu missieru fl-istess żmien u floku għamel katusa oħra tal-*pvc* li niżżel mal-faċċata sal-bankina.

Jgħid li dan ix-xogħol ilu li sar 'il fuq minn 40 sena. Iżid li missieru ilu mejjet 25 sena.[118]

Jiddikjara li l-kmamar ta' quddiem kienu mibnija fuq sular wieħed mat-triq. Iżid li meta bnew fuqhom fl-1997, l-istess ilma li qabel kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular baqa' jaqa' fuq il-bejt il-ġdid li bnew fuqu. Iżid li kull m'għamlu kien li estendew il-katusa li diġa' kien hemm vertikalment għal-bejt il-ġdid.

Jiddikjara li meta l-perit tekniku Joseph Mizzi żamm aċċess huwa urih liema mil-bjut ibattlu l-ilma għal-mandra u liema jbattlu għat-triq.

Jgħid li maż-żmien, partikolarment fis-snin 70, 80, u 90 inbnew varji djar ġodda fi Triq Gorf u dan ilkoll fuq art verġni. Iżid li l-ilma minn dawn id-djar kollu jitbattal għat-triq. Jgħid li minkejja dan l-atturi ħadu passi biss kontrihom u ħadd aktar.

---

[117] Affidavit a fol 433 sa 435 – b'dokumenti – ossia ritratti – relattivi għall-istess affidavit eżebiti b'nota tiegħu separata tad-9 ta' Frar, 2017 – nota a fol 436, dokumenti a fol 437 sa 439.
[118] Notament tal-Qorti: fl-2017 meta rrilaxxa l-affidavit – illum ilu għalhekk mejjet 32 sena

Jgħid li fost il-varji ndividwi li żviluppaw art vergni fi Triq Gorf kien hemm l-atturi Joseph Buttiġieġ, Gilbert Buttiġieġ, u Alan Buttiġieġ stess. Jgħid li tali atturi lkoll xeħtu l-ilma mil-proprjetajiet tagħhom għat-triq u dan minkejja li skont il-permessi ta' żvilupp tagħhom kienu obbligati jibnu ġiebja.

Jgħid li għalhekk, l-atturi stess aggravaw is-sitwazzjoni li qed jilmentaw minnha.

Jiddikjara li l-kawża li għamlu l-atturi kontra d-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp, liema kawża ġġib in-numru 217/1995, waslet sabiex il-Gvern bena *water culvert* ġdid kapaċi jilqa' għall-ilma kollu li jaqa' fit-triq bħalissa kif ukoll għal volum akbar.

Jgħid li x-xogħol mill-Gvern fuq dan il-*water culvert* tlesta kollu u a sodisfazzjon tal-atturi tant li l-kawża kontra l-Gvern ġiet ċeduta. Iżid li saru wkoll spralli fit-triq qabel tintlaħaq il-proprjeta' tal-atturi u minn ġenb sa ieħor tat-triq tul il-wisa' kollu tagħha sabiex minnhom l-ilma jgħaddi għal *water culvert* li sar taħt l-art.

Jgħid li għalhekk il-preġudizzju lanjat mill-atturi m'għadux jeżisti u li l-insistenza tagħhom kontrihom hija biss intiża sabiex iddejjaqhom.

**In kontro-eżami**,[119] mistoqsi kienx involut fl-iżvilupp tal-proprjeta' tagħhom jgħid li ommu applikat għal-permess u hu ħa ħsieb ix-xogħol. Mistoqsi għalfejn ma' bnewx ġiebja skont il-kundizzjoni tal-permess jgħid li s-sit ma' kienx imħammel iżda diġa' kien hemm bini antik fuqu bl-ilma kien imur għat-triq.

Jgħid li l-permess kien sabiex jibnu żewġt ikmamar fuq bini eżistenti. Iżid li kull m'għamlu tellaw il-katusa tal-ilma mill-ewwel sular għat-tieni sular. Jgħid li bħala volum ta' ilma li jaqa' fuq il-proprjeta' tagħhom dan baqa' l-istess.

Jgħid li ġar faċċata tiegħu għamel l-istess eżatt: bena t-tieni sular fuq l-ewwel sular u estenda l-katusa tal-ilma.

[119] Traskrizzjoni a fol 740 sa 746.

Suġġerit lilu li skont id-dokumenti tal-Awtorita' tal-Ippjanar kienu huma stess li ssuġġerew li jagħmlu ġiebja għall-ġbir tal-ilma jgħid li dan mhux minnu. Iżid li il-perit ma' kitibx li ser jagħmlu ġiebja imma li l-ilma ser jinġabar f'bir.

Jgħid li bir hemm u qiegħed 'il ġewwa mid-dar. Iżid li sabiex jgħaddi l-ilma li ilu 'il fuq minn 50 sena jmur għat-triq għal ġol-bir ikun hemm bżonn ta' trinka li ma' tistax issir mingħajr ma' tkisser id-dar kollha. Iżid li hemm ħħfna ġirien li jixħtu l-ilma għat-triq iżda Buttigieg lilhom biss għamlu kawża.

Jaqbel li meta l-atti ġew trasfużi minn fuq ommu għal fuqhom huma eżebew kopja tat-testment ta' ommu.

Mistoqsi jekk meta ommu ħalliet id-dar in mertu lilu, u lill-ħutu Maryanne u Ernest inkluditx fl-istess legat li l-istess dar kellha tkompli tgawdi is-servitu' li l-ilma tal-bjut tagħha, tal-bitħa, u tas-sapun tal-ħwejjeġ jibqa' għaddej kif attwalment jgħaddi allura, minn fuq parti diviża tal-art retrostanti l-istess dar, jgħid li l-ilma tal-bitħa, tas-sapun, u ta' l-għorof il-qodma li bena nannuh 'il fuq minn 100 sena qabel hemm imur. Iżid li għat-triq imur biss l-ilma tal-faċċata, taz-żewġt ikmamar li kien ilhom mibnija snin twal. Iżid li meta bnew iż-żewġt ikmamar ġodda fuq dawn antiki għollew il-katusa mill-ewwel sular billi telgħet sular ieħor.

Jgħid li huwa biss dak l-ilma li jmur għat-triq kif ilu jmur minn żmien Toni Buttigieg, iz-ziju tal-attur Joseph Buttigieg, mingħand min akkwista il-proprjeta' Joseph Buttigieg b'gandott li nbena fl-1961.

Jgħid li Toni Buttigieg qatt ma' oġġezzjon li tali ilma tagħhom imur għat-triq.

Mistoqsi kif ommu m'għamlitx din id-distinzjoni bejn l-ilma fit-testment tagħha jgħid li ma' jaħsibx li kien hemm bżonn ta' distinzjoni meta l-ilma kien diġa' jmur għat-triq.

Mistoqsi jekk m'ilux biegħu lis-soċjeta' *Baron Homes Limited*, jgħid li hu m'għandux x'jaqsam ma' dik il-mandra li nbiegħet. Mistoqsi iżda jekk deherx fuq tali kuntratt jgħid li iva.

Riferut għall-aħħar paġna tal-kuntratt ma *Baron Homes Limited* fejn deher ma' ħutu imsemmija Maryanne, u ta' Ernest sabiex taw il-kunsens tagħhom biex a spejjeż tagħhom jitneħħew is-servitujiet eżistenti bejn il-proprjeta' in vendita u dik aġjaċenti tagħhom, servitujiet konsistenti fl-iskular ta' ilma għal fuq il-proprjeta' in vendita u tlett bibien; jgħid li hu u ħutu msemmija ma' biegħux lis-soċjeta' *Baron Homes Limited*. Jgħid li kienu ħutu oħrajn li biegħu lil din is-soċjeta'.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[120] riferut għar-ritratti eżebiti ma' l-affidavit tal-attur Gilbert Buttigieg u mistoqsi jekk fir-ritratt fit-tieni paġna tal-istess affidavit tidhirx il-katusa mertu tal-kawża jgħid li ma' tidhirx.

Jaqbel li fl-istess ritratt ir-remissa hija dik immarkata bil-vleġġa. Jgħid li fuq ir-remissa kellhom kamra oħra aċċessibbli mill-bejt. Jgħid li r-remissa u l-kamra inqabdu f'kawża li bdiet fl-1973 u damet 30 sena u għalhekk missieru waqqa l-kamra ta' fuq ir-remissa minħabba nuqqas ta' munutenzjoni.

Jgħid li l-katusa in mertu saret fl-1981 minn missieru bl-ilma kien imur minnha għat-triq għal *water culvert* l-antik ta' Toni Buttigieg.

Iżid li Joseph Buttigieg xtara d-dar mingħand zijuh Toni Buttigieg bil-gandott b'kollox. Jgħid li mill-1981 Toni Buttigieg qatt ma' oġġezzjona għal fatt li missieru kien tefgħa l-ilma għat-triq kif anqas ogġġezzjona meta l-ġirien għamlu l-istess.

Jgħid li r-ritratt fit-tieni paġna tal-affidavit ta' Gilbert Buttigieg, Gilbert jgħid li ttiehed fl-1978. Jirrepeti li fl-istess ritratt il-katusa ma' tidhirx.

Jaqbel li fuq l-istess ritratt fit-tieni paġna tal-affidavit imsemmi, oltre għar-remissa immarkata bi vleġġa, tidher il-kamra ta' fuqha mmarkata b'salib.

Jaqbel li faċċata ta' dawn l-ambjenti fir-ritratt tidher siġra li kienet tneħħiet sabiex twessa l-isqaq biex saret Triq Gorf.

Jaqbel li fir-ritratt li jmiss, fit-tielet paġna ta' l-affidavit ta' Gilbert Buttiġieġ, tidher ir-remissa bil-kamra ta' fuqha mwaqqa. Jaqbel li s-siġra

[120] Traskrizzjoni a fol 754 sa 760.

kien għadha hemm. Jgħid li l-isqaq twessgħa għal triq fl-1994. Ma' jaqbilx li f'dan ir-ritratt il-katusa ma' tidhirx.

**Il-Prokuratur Legali Anthony Theuma**, in rappreżentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, xehed quddiem il-perit tekniku.[121]

Jgħid li Triq Gorf hija rreġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta.

Jeżibixxi pjanta li turi l-istess triq immarkata bl-isfar. Jgħid li porzjon art immarkata fuq l-istess pjanta ġiet akkwistata mill-Gvern b'kuntratt pubbliku.

**Xehed ulterjorment**, għal darb'oħra quddiem il-perit tekinku,[122] fejn eżebixxa kopja tal-kuntratt li bih il-Gvern akkwista mingħand l-atturi il-porzjonijiet ta' art li kienu neċessarji sabiex twessa sqaq li sar Triq Gorf.[123]

Jikkonferma li Triq Gorf hija proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Jgħid li fl-istess inħawi saru aktar esproprji ntiżi għal formazzjoni tat-triq.

Jeżebixxi diversi kuntratti oħrajn relattivi għall-esproprji oħra li saru fl-inħawi.[124]

**Joseph Portelli**, in rappreżentanza tal-Ministeru għal Għawdex, xehed quddiem il-perit tekniku.[125]

Jgħid li fl-10 ta' Novembru, 2009 ġie ffirmat ftehim bejn id-Dipartiment tal-Progetti u Żvilupp u l-atturi konjuġi Buttigieg sabiex isir *water culvert* li jieħu l-ilma minn Triq Gorf għal Triq Għajn Hożna billi jgħaddi minn taħt proprjeta' tal-konjuġi Buttigieg.[126]

---

[121] Traskrizzjoni a fol 364 u 365. Eżebita għal darb'oħra a fol 412.
[122] Traskrizzjoni a fol 366 eżebita għal darb' oħra a fol 413.
[123] Kuntratt a fol 285 sa 287.
[124] Fis-seduta li saret quddiem il-perit tekniku fit-30 ta' Marzu, 2012. Kopji tal-kuntratti mall-assjem tad-dokumenti mdahhla fil-proċess wara l-ordni mogħtija lill-perit tekniku sabiex jirritorna l-inkartament tal-kawża - Żewġ kuntratti, wieħed tal-15 ta' Marzu, 1995 u ieħor tal-21 ta' Lulju, 1995, it-tnejn in atti Nutar Vincent Miceli, li bihom il-Gvern ta' Malta xtara mill-poter ta' terzi porzjonijiet ta' art f'żewġ sqaqien li jagħtu għal Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex - Estratti mill-, u kopji tal-kuntratti a fol 299 sa 305.
[125] Traskrizzjoni a fol 365 eżebita għal darb' oħra a fol 412.
[126] Kopja tal-ftehim a fol 235 sa 243.

Jgħid li l-iskop ta' dan il-kuntratt kien li tiġi solvuta l-problema tal-għargħar li kienu jilmentaw minnha l-konjuġi Buttigieg.

**Xehed ulterjorment**[127] li huwa l-istess persuna li dehret fuq il-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009.

Iżid li x-xogħol fuq il-gandott fi Triq Gorf li kellu jsir skont l-istess ftehim sar għajr għal xi xogħol ta' sejjiegħ. Jgħid li fuq l-istess xogħol ma' kienx hemm ilmenti.

**In kontro-eżami**,[128] xehed li jaqbel li l-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 sar fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn proprjeta' ta' Buttigieg li qiegħda fuq is-sies kienet qed tircievi hafna ilma mit-triq u dan rid jiġi kkontrollat. Iżid li l-iskop kien li l-ilma jiskula 'l barra mangħajr ma' jagħmel ħsara lil-proprjeta' ta' Buttigieg.

Jgħid li hu mhux edott minn jekk il-perit responsabbli għad-disinn u x-xogħol kienx ikkunsidra kontinġenza għal żieda fl-ilma li kien jinżel mat-triq dak iż-żmien.

Jgħid li l-perit fuq il-proġett kien Angelo Portelli.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-ftehim li ntlaħaq ma' Buttigieg ma' kienx intiż sabiex terzi li għandhom djar privati fit-triq jekk iridu jibdew jitgħu l-ilma tagħhom għat-triq, jgħid li ilma li jaqa b'mod normali għat-triq suppost ġie kkunsidrat. Iżid li ilma tax-xita li jinżel mil-bjut per eżempju kien ikkunsidrat.

Jgħid li meta sar il-ftehim, dan sar sabiex isolvi l-problema tal-ilma li kien qiegħed jaqa' f'dik it-triq.

Jinsisti li l-ftehim kien jirrifletti s-sitwazzjoni tat-triq kif kienet dakinhar.

Jgħid li safejn jaf hu l-uniku ftehim li sar huwa dak li eżebixxa huwa. Iżid li ma' jafx li sar kuntratt pubbliku.

---

[127] Għal darb' oħra quddiem il-perit tekniku. Traskrizjzoni a fol 415.
[128] Traskrizzjoni a fol 383 sa 388.

Mistoqsi jekk sabiex waslu għal-qies li kellu jkun il-gandott ikkunsidrawx biss il-wisa' tat-triq u l-qlieb tagħha jew rawx ukoll x'jagħmlu bl-ilma tax-xita id-djar privati jgħid li dwar dak aħjar jixhed il-perit. Iżid li hu ma' kellimx residenti pero' ma' jafx x'għamel il-perit.

Jgħid li ma' Buttigieg tkellmu qabel sar il-ftehim. Iżid li l-Perit Angelo Portelli baqa' f'kuntatt magħhom tul ix-xogħolijiet.

Mistoqsi jekk Buttigieg qattx taw x'jifmu li kienu kuntenti li jiġu aġevolati d-djar privati, jgħid li huma ma' Buttigieg dejjem tkellmu dwar li jsolvu l-problema tal-ilma tax-xita li kien jaqa' fuq il-proprjeta' tagħhom.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[129] xehed li d-Dipartiment sar jaf bil-problema għaliex infetħet kawża kontrih minn Buttigieg. Iżid li l-kawża kienet dwar l-ilma li kien qed jaqa fuq il-proprjeta' ta Buttigieg peress li l-gandott li kien hemm kien żgħir għall-volum tal-ilma.

Jgħid li l-ftehim ma' Buttigieg sar sabiex ġiet tranżatta l-kawża.

Jgħid li safejn jaf hu l-uniċi lmenti li kellhom huma kienu mingħand Buttigieg u ħadd aktar.

Iżid li Buttigieg qiegħdin fl-għar pożizzjoni fit-triq għaliex qiegħdin fl-aktar livell baxx tagħha allura l-ilma li kien jaqa' hemm, bil-gandott kif kien li ma' kienx ilaħħaq, kien jinżel fuqhom.

**Reuben Said**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed quddiem il-perit tekniku.[130]

Jgħid li Triq Gorf inkluż l-isqaq hija triq pubblika.

Iżid li għal formazzjoni tal-istess triq il-Gvern Ċentrali kien esproprja xi art bix-xogħol ta' formazzjoni tagħha sar mill-istess Gvern iżda l-manutenzjoni tagħha hija responsabbilita' tal-Kunsill Lokali.

---

[129] Traskrizzjoni a fol 388 sa 390.
[130] Traskrizzjoni a fol 365 eżebita għal darb'oħra a fol 412.

**In kontro-eżami**,[131] xehed li huwa la qatt mar fi Triq Gorf in konnessjoni ma' din il-kawża, u anqas jaf fejn tiġi l-istess triq indipendentement mill-kawża. Iżid li anqas jaf x'bini hemm fl-istess triq.

**In re-eżami**,[132] xehed li fl-eżami huwa xehed skont l-informazzjoni li tawh mir-*Roads and Infrastructure Department*.

Jgħid li Transport Malta, f'Għawdex hija responsabbli biss mill-bini tat-toroq prinċipali arterjali. Iżid li mill-kumplament, it-toroq f'Għawdex jaqaw taħt ir-responsabbilita' tad-Dipartiment tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u xi wħud taħt dik tal-Kunsilli Lokali.

Mistoqsi jekk allura Triq Gorf hijiex triq pubblika u jekk hija reġistrata, fuq min hija reġistrata, jgħid li għal dan irrisponda fl-eżami.

**Michael Godfrey Curmi**, in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Artijiet, xehed quddiem il-perit tekniku.[133]

Jgħid li Triq Gorf, inkluż l-isqaq, huma rreġistrati f'isem il-Gvern.

Jeżebixxi pjanti li juru dan.[134]

**In kontro-eżami**,[135] xehed li fit-23 ta' Mejju, 2014 daħlet korrezzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' Triq Gorf fejn inqatet parti mill-istess triq.

Iżid li daħlet ukoll reġistrazzjoni dwar porzjon art li ġiet identifikata bħala nkluża fl-esporpju li kien seħħ sabiex saret Triq Gorf. Jeżebixxi kopja tal-istess.[136]

---

131 Kontro-eżami magħmul quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Avv. A. Attard Hili. Traskrizzjoni a fol 355 u 356.
132 Traskrizzjoni a fol 356 sa 361.
133 Traskrizzjoni a fol 365 eżebita għal darb' oħra a fol 412.
134 Pjanti mall-assjem tad-dokumenti mdaħħla fil-proċess wara l-ordni mogħtija lill-perit tekniku sabiex jirritorna l-inkartament tal-kawża. Ref.: ukoll, varji applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' titolu favur il-Gvern ta' Malta a fol 244 sa 247, a fol 250 sa 253, u wkoll a fol 256 sa 259 u certifikati ta' titolu korrispondenti a fol 248 u 249 kif ukoll a fol 254 u 255.
135 Traskrizzjoni a fol 362 u 363.
136 Kopja tal-applikazzjoni għall-ewwel reġistrazzjoni nklux certifikat ta' titolu a fol 369 sa 375.

**In re-eżami**,[137] xehed li l-korrezzjoni daħlet wara li xehed l-ewwel darba f'din il-kawża. Iżid li hu xehed fis-27 ta' Jannar, 2012[138] mentri l-korrezzjoni daħlet fl-2014 – sentejn wara.

Mistoqsi jistax jgħid fuq talba ta' min saret il-korrezzjoni jgħid li le.

Jeżebixxi kopja tal-applikazzjoni għal-korrezzjoni.[139]

**Il-Perit Raphael Axiaq**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed quddiem il-perit tekniku.[140]

Jgħid li l-awtorita' ma' tidħolx fil-mertu ta' min hu sid ta' triq jew dwar servizzi li jgħaddu minn triq iżda tidħol biss sabiex tistabilixxi l-*alignment* ta' triq.

**In kontro-eżami**, xehed[141] li bħala *policy* ġenerali, suppost li l-ilma tal-bjut tad-djar imur ġo ġiebja li tkun mad-dar. Iżid li dan ilu japplika sa' mindu din kienet liġi fil-Kodiċi tal-Pulizija u allura, sa mill-1800.

Jgħid li huma meta tidħol applikazzjoni jaraw li fil-pjanta jkun hemm indikat *reservoir*. Jgħid li imbagħad jindikaw kemm irid ikun id-daqs tal-istess *reservoir*.

Dwar il-permess numru 5871/96 li nħareġ lil Rita Mifsud jgħid li dan inħareġ fit-8 ta' Novembru, 1996 u kien jikkomprendi kundizzjoni, dik numru 4, li tgħid li *a water cistern, having a volume in cubic meters of 60% of total roof area (in square meters), is to be constructed to store rainwater run-off from the built-up area of the development*.

Jgħid li l-proposta wara dan il-permess kienet *to construct additional garage and three (3) rooms to an existing building*.

Jgħid li l-bini eżistenti kien jikkonsisti f'terran u żewġt ikmamar fuq in-naħħa ta' wara. Iżid li kellu wkoll bitħa.

---

[137] Traskrizzjoni a fol 363 u 364.
[138] Fil-fatt jirriżulta li xehed fit-13 ta' Jannar, 2012.
[139] Kopja awtentikata tal-applikazzjoni għal-korrezzjoni a fol 365 sa 368.
[140] Xhieda tas-7 ta' Marzu, 2014 a fol 414 u għal darb'oħra a fol 416.
[141] Traskrizzjoni a fol 396 sa 399.

Jgħid li fil-bitħa tan-nofs, mhux ta' wara, saret biċċa żvilupp billi ġiet imsaqqfa parti minnha.

Jgħid li t-taraġ eżistenti, skont il-permess kellu jibqa mikxuf.

Jgħid li b'konsegwenza tax-xogħol li sar, is-saqaf tal-binja żdied billi żdiedet il-*built up area.*

Jgħid li f'każ fejn ma' tiġix mibnija ġiebja jkun hemm *infringement* tal-permess. Iżid li fil-każ in mertu, fuq dikjarazzjoni tal-perit stess, is-*surface water* kellu jmur f'bir – jiċċita: *to be collected in well*. Iżid li għalhekk jew hemm ġiebja jew ser issir ġiebja.

Jgħid li jekk m'hemmx ġiebja probabli li l-ilma tal-bjut imur għat-triq.

Jgħid li ladarba hemm kundizzjoni dwar ġiebja u l-perit iddikjara li l-ilma kien ser jinġabar f'ġiebja; għandu jkun hemm ġiebja.

**Ivan Attard**, in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra, xehed[142] li mir-riċerka li għamel hu jirriżulta li Triq Gorf hija reġistrata f'isem il-Gvern. Iżid li l-manutenzjoni tal-istess triq taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill.

**Xehed ulterjorment**[143] li wara riċerka ulterjuri li għamel jista jikkonferma li minn Triq Gorf għaddejjin servizzi ta' żewġ korporazzjonijiet skont id-dokumenti – emails – ottjenuti minnu mingħand il-Korporazzjoni Enemalta u il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. Jeżebixxi kopji ta' dawn l-emails.[144]

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[145] li huwa ġie mitlub jagħti nformażżjoni dwar il-permessi ta' żvilupp bin-numri PA/1268/95, PA/1254/95, u PA/1199/15 partikolarment jekk kienux jikkontjenu kundizzjoni dwar bini ta' ġwiebi, jekk tali ġwiebi sarux, u jekk l-istess permessi jgħidux xi haga dwar fejn għandu jmur l-ilma tax-xita.

142 Xhieda mogħtija quddiem il-perit tekniku nhar is-7 ta' Marzu, 2014 a fol 414 u 415 u għal darb'oħra afol 416.
143 Xhieda wkoll mogħtija quddiem il-perit tekniku nharit-2 ta' Mejju, 2014 – a fol 415.
144 Kopja tal-emails a fol 320 sa 323.
145 Traskrizzjoni a fol 453 sa 459.

Jgħid li dwar sarux ġwiebi jew le huwa ma' jistax jirrispondi. Iżid li dwar dan wieħed ikun irid iżomm spezzjoni fuq il-post. Jgħid li dak xogħol li jsir mill-aġenti tal-infurzar.

Dwar il-permessi li ntalab informażżjoni fuqhom jgħid li dak numru PA/1268/95 inħareġ lil Joseph Buttigieg sabiex isiru alterazzjonijiet f'bini eżistenti u tinbena pixxina. Jeżebixxi kopja tal-applikazzjoni,[146] tal-permess li nħareġ fis-16 ta' Frar, 1996,[147] tas-*site plan*,[148] u ta' diversi pjanti.[149]

Jgħid li l-pjanta li turi s-saqaf tal-bejt – a fol 467 – turi wkoll lejn fejn jaqleb l-ilma tax-xita permezz ta' żewġ vleġeġ. Iżid li minn hawn jirriżulta li l-ilma jmur f'xaft li hemm fuq is-sit.

Jgħid li l-kundizzjonijiet f'dan il-permess huma dawk tas-soltu. Iżid li dwar ġwiebi f'dan il-permess hemm biss li *swimming pools shall have a rainwater catchment cistern of a capacity of not less than 1.5 times that of the pool, unless otherwise exempted by the Corporation*.[150] Iżid li l-*Corporation* hawn tirreferi għall-Korporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma.

Jgħid li allura, fil-każ ta' dan il-permess, aktar mill-aġenti ta' infurzar tal-awtorita' hija il-Korporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma li tkun trid tivverifika jekk il-kundizzjoni mposta minnha dwar il-ġiebja ġietx obduta.

Dwar il-permess PA/1254/95 jgħid li dan ma' nstabx. Iżid li sab biss li dan kien marbut ma' *Development Notification Order* numru DNO/2339/02 li saret minn Alan Buttigieg sabiex issir estensjoni mal-binja eżistenti u tinbena pixxina.

**Xehed ulterjorment[151]** li ntalab jeżebixxi dokumentazzjoni dwar il-permess PA/01044/10. Jeżebixxi l-applikazzjoni li saret f'isem Joseph

---

[146] Kopja tal-appliakzzjoni a fol 460 u 461.
[147] Kopja tal-permess a fol 462 sa 464.
[148] Kopja tas-*site plan* a fol 465.
[149] Pjanta a fol 466, pjanta a fol 467, u pjanta a fol 468.
[150] Ref.: kundizzjoni numru 5(1) fil-pagna tal-permess li tinsab a fol 463.
[151] Traskrizzjoni a fol 541 sa 544.

Portelli mill-Ministeru għal Għawdex u ġiet iffirmata mill-Perit Angelo Portelli għal kostruzzjoni ta' *storm water culvert*.[152]

Jgħid li l-applikazzjoni waslet għand l-Awtorita' fit-12 ta' Marzu, 2010[153] u l-permess inħareġ fit-13 ta' April, 2012.

Jeżebixxi kopja tal-permess,[154] tas-*site plan*,[155] u tan-notifika lid-Dipartiment tal-Artijiet.[156] Jeżebixxi wkoll sensile ta' ritratti li juru s-sit fejn sar ix-xogħol.[157]

Jgħid li l-permess awtorizza l-bini ta' *water culvert* sabiex jiġbor l-ilma tax-xita minn Triq Gorf u jixħet l-istess ilma fi Triq Għajn Hożna.

Jgħid li l-pjanta tindika l-qisien tal-gandott u allura il-volum ta' ilma li dan jista jieħu. Iżid li ma' setgħax jippreżenta kopja tal-pjanta iżda jagħmel mezz li jippreżentaha. Iżid li l-kwantita' ta' ilma jrid jikkalkulaha perit.

B'nota tiegħu tas-27 ta' April, 2018[158] jippreżenta kopja tal-pjanta relattiva.[159] Mal-istess nota jinkludi wkoll *method statement* imħejji mill-Perit Angelo Portelli.[160]

**In kontro-eżami**,[161] mistoqsi kienx hemm kwistjonijiet li kkonċernaw lill-Korporazzjoni dwar is-Servizz tal-Ilma fl-istadju tal-applikazzjoni numru PA/1268/95 li waslet għal-permess li nħareġ lil Joseph Buttigieg għal alterazzjonijiet u l-kostruzzjoni ta' pixxina, jgħid li oriġinarjament l-applikazzjoni saret għall-pixxina ta' l-ilma baħar. Iżid li l-applikazzjoni b'talba għal pixxina tal-ilma baħar ġiet riġettata.

152 Kopja tal-applikazzjoni a fol 546 – l-applikazzjoni turi d-dettalji ta' Joseph A. Portelli, Direttur tal-Progetti u Żvilupp, kif ukoll tal-Perit Angelo Portelli, it-tnejn mill-Ministeru għal Għawdex u tiddeskrivi l-proposta bħala *construction of storm water culvert* fi Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex.
153 Data li hija korretta u tirrizulta fuq id-dokument a fol 546.
154 Permess tat-13 ta' April, 2012 a fol 547 sa 549 – inkluz in verso pagina, għal *construction of storm water culvert* fi Triq Gorf, ix-Xagħra. Eżebit għal darb'oħra a fol 561 sa 565.
155 *Site plan* a fol 550.
156 Notifika a fol 551 turi li Joseph Portelli qua Direttur tal-Progetti u Żvilupp innotifika lill-Kummissarju tal-Artijiet bħala l-uniku sid tas-sit fejn sar ix-xogħol tal-*water culvert*.
157 Ritratti a fol 552 u 553 inkluz in verso pagina.
158 Nota a fol 560.
159 Pjanta a fol 569.
160 *Method statement* a fol 566 sa 568.
161 Traskrizzjoni a fol 669 sa 672.

Jgħid li l-applikazzjoni inbidlet għal waħda għal alterazzjonijiet u pixxina tal-ilma frisk u din id-darba ġiet milqugħa b'ċerti kundizzjonijiet.

Jgħid li l-konċernament oriġinali tal-Korporazzjoni dwar is-Servizz tal-Ilma kien li ma' setgħax ikun hemm pixxina tal-ilma baħar f'żona protetta.

Jgħid li jifhem li l-Korporazzjoni għandha żoni li tqis protetti.

Jobbliga ruħu li b'nota jeżebixxi kopja tal-oġġezzjoni oriġinali tal-Korporazzjoni.

**In re-eżami**,[162] xehed li huwa jaf li fi Triq Gorf sar *culvert* jew tranġa *culvert*. Iżid li dan jafu għaliex inħareġ permess lill-Ministeru li diġa' xehed fuqu.

**Gordon Grech**, aġent tal-infurzar tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[163] li dwar il-permessi ta' żvilupp numri PA/1268/95, PA/1199/15, u PA/1254/95 li nħarġu lill-familja Buttigieg, wieħed min tali permessi ma' nstabitx kopja tiegħu.

Jgħid li minkejja dan huwa ra f'kull wieħed minn dawn it-tlett permessi kienx hemm kundizzjoni dwar li kellha ssir ġiebja.

Jgħid li dwar il-permess PA/1199/15 għal kostruzzjoni ta' garaxx għall-vetturi privati, ix-xogħol approvat b'dan l-istess għadu ma' nbediex. Jeżebixxi ritratti tas-sit kif kien jidher fid-data tax-xhieda tiegħu li juru li fuq is-sit ma' kien seħħ xejn.[164] Jeżebixxi wkoll kopja tal-permess.[165]

Dwar il-PA/1268/95 jgħid li dan kien għal alterazzjonijiet u bini ta' pixxina. Jeżebixxi kopja tal-permess.[166]

Jippreżenta wkoll ritratt li ħa hu stess waqt spezzjoni li għamel fuq il-post fejn ikkunkluda li fil-fatt hemm ġiebja fuq il-post.[167] Jgħid li ma' setgħax iżda jkejjel l-istess ġiebja stante li kienet mimlija bl-ilma.

[162] Traskrizzjoni a fol 672 u 673.
[163] Traskrizzjoni a fol 492 sa 495.
[164] Tlett ritratti a fol 500 inkluz in verso pagina.
[165] Kopja tal-permess a fol 496 sa 499 – inkluz in verso pagina.
[166] Kopja tal-permess a fol 504 sa 508.
[167] Ritratt a fol 509.

Iżid li fuq il-post anqas sab katusa jew struttura li tbattal xi ilma għat-triq. Jgħid li sab iżda *gullies* li jidderiġu l-ilma għal ġiebja

Jgħid li dwar il-permess l-ieħor, numru PA/1254/95, l-awtorita' dan ma' nstabx. Jgħid li minkejja dan ra li dan il-permess kien jikkontjeni kundizzjoni li tinbena ġiebja.

Jgħid li huwa mar fuq il-post relattiv u sab dar li skontu mhijiex abitabbli.

Jeżebixxi xi ritratti li juru l-istat tal-istess post.[168]

Jgħid li hawn ra ħofra li jidher li kienet ser tkun pixxina b'ġiebja fejnha. Iżid li din għadha fi stat ta' kostruzzjoni. Jgħid li hawnhekk jaħseb li ser ikun hemm bżonn ta' applikazzjoni għall-permess ġdid.

**In kontro-eżami**[169] xehed li l-permess numru PA/5871/96 inħareġ lil Rita Mifsud għal *additional garage, three (3) rooms to an existing building 44, Triq Gorf, Xagħra, Gozo*.

Jgħid li bħala ġiebja din fil-pjanti ma' tidhirx minkejja li fil-permess hemm il-kundizzjoni numru 4 li tgħid li għandu jkun hemm ġiebja b'volum ta' 60% tat-total tas-saqaf.

Jgħid li ġiebja fil-pjanta tista tidher u tista le iżda l-kundizzjoni tissalvagwardja n-neċessita' tagħha. Iżid li l-kundizzjoni tirbaħ fuq il-pjanti.

Mistoqsi jekk il-bini addizzjonali li sar minn Mifsud affetwax il-kejl tas-saqaf jgħid li l-pjanta mhijiex turih tali informazzjoni.

**In re-eżami**,[170] xehed li mill-pjanti jidher li l-kejl tal-bejt ma' żdidx bl-iżvilupp li sar minn Mifsud. Iżid li jekk il-*footprint* ma' kibritx l-ilma tax-xita fuq l-istess *footprint* ser jaqa'. Iżid li minkejja dan il-kundizzjoni fil-permess hemm tibqa.

---

168 Ritratti a fol 516 u 517 inkluz in verso pagina.
169 Traskrizzjoni a fol 616 sa 619.
170 Traskrizzjoni a fol 619 sa 629.

Mistoqsi fejn tista ssir ġiebja fuq bini li jirrikonoxxu bħala li kien eżistenti u ttella biss sular ġdid fuqu jgħid li dak jarah il-perit responsabbli.

Mistoqsi jistax jikkonferma l-eta' tal-binja oriġinali ta' Buttigieg jgħid li fl-applikazzjoni l-perit immarka li m'hemmx permessi preċedenti. Mistoqsi allura jafx kemm għandha żmien id-dar oriġinali ta' Mifsud jgħid li jista jikkonsulta s-*survey sheets*.

Jgħid li ritratti tal-binja oriġinali kien hemm mal-applikazzjoni ta' Rita Mifsud. Mistoqsi x'juru tali ritratti jgħid li juru żewġ twieqi, bieb, saljaturi, u katusa nieżla. Iżid li l-katusa tidher ċara ħafna iżda ma' jistax jgħid hijiex tal-bejt jew le. Iżid li l-proprjeta' f'tali ritratti hija pjan terran biss.

Mistoqsi jiċċara jistax jara minn fejn hi nieżla l-katusa li osserva fir-ritratti jgħid li nieżla minn fuq il-bejt.

Jgħid li bl-applikazzjoni tagħha, Rita Mifsud riedet tibni s-sular ta' fuq. Iżid li t-terran juri x'kien hemm mibni mentri fuq huwa fejn kien ser isir bini ġdid.

Jgħid li fil-pjanta tal-perit il-katusa, għalkemm tidher fuq ir-ritratti, ma' tidhirx. Iżid li dan huwa normali.

Jgħid li r-ritratti li qed jirreferi għalihom u qiegħdin mall-applikazzjoni ta' Rita Mifsud ġew eżebiti fis-7 ta' Ottubru, 1996.

Jobbliga ruħu li jżomm spezzjoni fil-proprjeta' ta' Mifsud u jindika x'ġara mil-katusa li osserva wara li sar l-iżvilupp ta' Mifsud.

**Xehed ulterjorment**,[171] mistoqsi jekk wieħed jiġi sabiex jibni fuq bini antik ħafna l-Atworita' tal-Ippjanar timponiex li ssir ġiebja jew jekk tali kundizzjoni isseħħx biss meta wieħed jibni mill-bidu nett, jgħid li jekk fil-permess tkun imposta l-kundizzjoni, il-ġiebja trid issir, indipendentement mid-distinzjoni li saritlu fid-domanda. Iżid li hekk ġara fil-każ ta' Mifsud.

Mistoqsi x'jiġri jekk wieħed ma' jkollux fejn jagħmilha jgħid li dak imbagħad jara l-perit responsabbli.

---

[171] Traskrizzjoni a fol 653 sa 659.

Jgħid li fil-każ ta' Mifsud il-kundizzjoni tal-ġiebja hija kundizzjoni *standard*. Jgħid li ladarba qiegħdha hemm din trid tiġi obduta.

Jeżebixxi kopja ta' l-applikazzjoni li kienet saret minn Mifsud stess.[172]

Jeżebixxi wkoll kopja tas-*survey sheet* tal-1968.[173] Jimmarka bl-ittra "X" u bil-kulur aħdar fejn tidher diġa' hemmhekk il-binja oriġinali ta' Mifsud.

Riferut għall-applikazzjoni ta' Rita Mifsud u mistoqsi xi jfissru d-domanda *how will surface water run-off be disposed off?"* u r-rispsota *to be collected in well,*[174] jgħid li jfissru li l-bejt ser jiġi kkomunikat ma' bir. Iżid li dan kitbu l-Perit Carmelo Borg stess għan-nom tal-applikanta Rita Mifsud.[175] Jaqbel li l-applikazzjoni kienet ġiet iffirmata wkoll minn Rita Mifsud stess.[176]

**Kompla jixhed**,[177] li ma' kienx ħa nota li kellu jeżebixxi r-ritratti li xehed fuqhom l-aħħar darba u li kienu eżebiti mall-applikazzjoni oriġinali ta' Rita Mifsud. Jobbliga ruħu li jeżebihom aktar tard.[178]

Mistoqsi jekk min dak li għadu kemm immarka fuq is-*survey sheet* jirriżultax li l-iżvilupp ta' Mifsud sar fuq il-bini oriġinali, jgħid li fil-*plotting* hemm daqxejn ta' diskrepanza zgħira. Jaqbel iżda li l-bini approvat sar fuq dak li kien diġa' eżistenti, mhux fuq xi spazju li kien miftuħ.

Mistoqsi jekk il-kundizzjoni li ssir ġiebja tiġix inkluża sabiex ma' jinħelix ilma jew sabiex ma' jkunx hemm għargħar jgħid li qiegħdha hemm biex kull dar ikollha bir jew ġiebja. Iżid li jaħseb li tiddaħħal sabiex ma' jinħelix ilma. Iżid li hu, jekk għandu quddiemu permess u jmur jagħmel spezzjoni, jara biss li dak li hemm fil-permess jinsab fl-iżvilupp.

**Xehed ulterjorment**,[179] li huwa żamm spezzjoni fid-dar ta' Mifsud sabiex jara hemmx bir fejn sab tappiera. Iżid li talab lill-konvenut Raymond

---

[172] Applikazzjoni diġa' eżebita a fol fol 297 u 298 eżebita għal darb'oħra a fol 665 sa 666 inkluz in verso pagina.
[173] *Survey sheet* a fol 667.
[174] Domanda u risposta jirriżultaw fil-pagna tal-applikazzjoni li tinsab in verso pagina tal-fol 666.
[175] L-identita' tal-perit u l-applikanta jirriżultaw in verso pagina tal-fol 666.
[176] Firem ta' Rita Mifsud u l-perit tagħha, il-Perit Ċarmelo Borg, jirriżultaw in verso pagina tal-fol 666.
[177] Traskrizzjoni a fol 659 sa 664.
[178] Jezebihom waqt ix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Frar, 2019 – ritratti a fol 687.
[179] Traskrizzjoni a fol 674 sa 684.

Mifsud jiftagħha iżda din ma' setgħetx tinfetaħ. Jgħid li t-tappiera kienet tal-ħadid tqil bħal ma' jintużaw fit-toroq.

Jgħid li għalhekk ma' jistax jgħid jekk taħt it-tappiera hemmx bir, fossa, ecc. Jeżebixxi ritratti li ħa huwa stess tat-tappiera.[180]

Jeżebixxi *aerial photo* tal-1957 li juri li l-proprjeta' ta' Mifsud dak iż-żmien kienet diġa' mibnija.[181]

Jgħid li waqt l-ispezzjoni tiegħu fid-dar ta' Mifsud huwa vverifika l-ilma il fejn jaqleb. Jgħid li mill-bjut l-antiki l-ilma jaqleb għal fuq wara tal-proprjeta' ta' Mifsud fejn għandhom għalqa mentri fejn hemm terran u sular ġdid fuqu fuq quddiem, mat-triq, l-ilma mill-bejt jaqleb lejn katusa u jibqa ħiereġ għat-triq.

Jeżebixxi sensiela ta' ritratti li ħa hu stess u li juru l-bjut u mnejn joħroġ l-ilma minnhom.[182]

Dwar ir-ritratti li xehed dwarhom qabel u eżebihom f'din ix-xhieda, jgħid li dawn huma r-ritratti li eżebixxa l-perit ta' Mifsud ma' l-applikazzjoni 5871/96.[183] Iżid li dawn juru l-faċċata ta' Mifsud qabel ġiet żviluppata.

Jerġa jgħid li f'dawn ir-ritratti tidher katusa nieżla mil-bejt ta' Mifsud mal-faċċata. Jimmarka l-istess katusa bi vleġġa bil-pinna blu.[184]

Jgħid li t-toqba li mill-bejt tagħti għal din il-katusa li twassal għat-triq tidher fir-ritratti ulterjuri.[185] Iżid li l-istess ritratti li juru din it-toqba u ritratti addizzjonali juru sistema ta' katusi li tieħu l-ilma mill-bjut l-antiki għal fuq wara tal-proprjeta' ta' Mifsud.[186]

Jeżebixxi ritratt ulterjuri li juri l-faċċata ta' Mifsud kif tidher preżenjalment.[187]

---

180 Ritratti a fol 688 inkluz in verso pagina.
181 *Aerial photo* a fol 689.
182 Ritratti a fol 690 sa 695.
183 Żewġ ritratti a fol 687.
184 Marka fuq ir-ritratt enumerat "2" a fol 687.
185 Ritratti a fol 693 u 695.
186 Ritratti a fol 693, 694, u 695.
187 Ritratt a fol 696.

**In kontro-eżami**,[188] xehed li waqt l-ispezzjoni tiegħu kienu preżenti hu, aġent tal-inforzar ieħor – Jonathan Portelli – is-sid u l-avukat difensur tas-sid.

Mistoqsi għalfejn ma' nfetħitx it-tappiera jgħid li għax is-sid ma' kellux mezz sabiex jiftagħha.

Iżid li s-sid qallu li jtella l-ilma minn taħt it-tappiera. Jgħid li huwa ra *switch* u pajp imma ilma ma' rax.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami**,[189] xehed li meta żamm l-ispezzjoni fid-dar ta' Mifsud sab xi diskrepanzi min dak approvat bil-permsess PA/5871/96.

Jgħid li d-diskrepanzi kienu varjazzjonijiet fil-*layout* ossia fit-tqassim tal-bini.

Mistoqsi jekk il-post ġiex mibni akbar milli kien approvat jgħid li l-*footprint* qiegħda l-istess bil-varjazzjoni qiegħda biss fit-tqassim intern tal-bini.

Jaqbel li jekk issaqqfu xi partijiet, bħat-taraġ, il-kejl tal-bejt kiber. Jaqbel ukoll li effettivament hemm xi tisqif.

Jgħid li fejn it-tappiera huwa ra wire għaddej u pajp ħiereġ minnha. Iżid li Mifsud qallu li dak il-pajp itella l-ilma minnu. Jgħid li peress li t-tappiera ma' setgħetx tinfetaħ ma' setgħa jara xejn aktar.

Mistoqsi jekk huma jirrikjedux ċertu kejl għall-bjar, skont il-każ, jgħid li iva. Iżid li l-kundizzjoni fil-permess li nħareġ lil Rita Mifsud kienet waħda *standard* u kienet tispeċifika ġiebja ta' 60% tat-total tal-kejl tal-bejt. Jgħid li fil-permess din hija l-kundizzjoni numru 4 bl-iskop tagħha huwa li jiġi maħżun l-ilma.

Riferut għar-ritratti eżebiti minnu stess fix-xhieda li ta qabel,[190] u mistoqsi jekk mir-ritratt oriġinarjament mehmuż ma' l-applikazzjoni għall-

[188] Traskrizzjoni a fol 685 u 686
[189] Traskrizzjoni a fol 702 sa 711.
[190] Ritratt li kien anness mall-applikazzjoni oriġinali ta' Rita Mifsud enumerat "2" a fol 687 u dak li juri l-faċċata ta' Mifsud lesta, wara l-iżvilupp, a fol 696.

iżvilupp ta' Rita Mifsud u dak li juri l-faċċata tad-dar ta' Mifsud kompluta, il-pożizzjoni tal-katusa li indika hu stess bħala li tidher qabel sar l-iżvilupp inbidlitx, jgħid li; iva, inbidlet.

Mistoqsi jekk l-istess katusa saritx aktar wiesgħa jgħid li fuq hekk ma' jistax jgħid. Iżid li semmai jixhed il-perit ta' Mifsud.

Mistoqsi jekk huma jidħlux fil-kwistjoni dwar kif għandhom jingħaddew katusi bħal dawn jgħid li iva. Iżid li dawn ma' jistgħux ikunu mal-faċċata.

Jaqbel li l-ilma mil-bjut il-qodma jagħtu għal fuq wara. Dwar il-kmamar ġodda jgħid li l-bjut ta' dawn ibagħtlu l-ilma minn bejt għal bejt sakemm dan jasal fuq wara.

Jgħid li milli ra hu, l-opinjoni tiegħu hi li għat-triq jinżel ilma minn bejt wieħed.

**In re-eżami**,[191] mistoqsi jqabbel ir-ritratt eżebit minnu li juri l-faċċata tal-proprjeta' ta' Mifsud qabel sar l-iżvilupp[192] u ieħor li juri l-istess min anġolu differenti,[193] u jgħid jekk oltre għall-katusa li ma' terġax tidher fir-ritratt tal-faċċata kompluta,[194] tirriżultax katusa oħra orizzontali li bagħqet l-istess fiż-żewġ ritratti, jgħid li iva, tidher.

Dwar l-alterazzjonijiet interni u t-tisqifa li osserva fejn fuq il-pjanta jidher li kellu jkun taraġ, jgħid li huwa vverifika li l-ilma minn tali tisqifa jmur in-naħa ta' wara tad-dar ta' Mifsud, mhux għat-triq.

**Mark Formosa**, direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Progetti u Żvilupp, xehed[195] li bejn l-atturi odjerni Buttigieg u d-Dipartiment kien hemm kawża bin-numru 217/1995.

Jgħid li l-kawża kienet ġiet transatta wara ftehim li ntlaħaq ma' Buttigieg u billi huma, *inter alia*, bnew *water culvert* taħt it-triq.

---

[191] Traskrizzjoni a fol 711 sa 717.
[192] Ritratta fol 687
[193] Ritratt "RM2" a fol 382.
[194] Ritratta fol 696.
[195] Traskrizzjoni a fol 518 sa 523.

Jgħid li huwa l-ftehim iffirmat ma' Buttigieg qatt ma rah għaliex sar mill-predeċessur tiegħu, Joe Portelli. Jgħid li l-fajl ġie sekwestrat f'kawża oħra u allura m'għandux aċċess għalih u l-ftehim li qiegħed ġo fih.

Jgħid li dwar il-volum tal-*water culvert* huwa tkellem mal-Perit Portelli li kien inkarigat mil-proġett tal-*culvert*.

Jgħid li huwa jista jgħid biss li llum il-kwistjoni ma' Buttigieg hija riżolta iżda dwar teknikalitajiet tal-*water culvert* ikun opportun li jixhed il-Perit Portelli. Iżid li Buttigieg kienu sodisfatti.

Jgħid li l-kawża kienet nfethet għaliex il-kuntrattur tagħhom ma' kienx qed jagħmel xogħol li kien hemm bżonnu. Iżid li għalhekk, anke wara suġġeriment tal-Qorti, id-Dipartiment iddeċida li x-xogħol kellu jsir u ħadu r-ridni huma bix-xogħol sar mill-ħaddiema tagħhom.

Jgħid li x-xogħol illum huwa lest minn kollox.

**Il-Perit Angelo Portelli** xehed[196] li dwar il-*water culvert* fi Triq Gorf, ix-Xagħra, huwa kien il-perit responsabbli u kien inkarigat għalhekk mill-Ministeru għal Għawdex.[197]

Jgħid li kien hemm kawża ma' Buttigieg fejn intlaħaq ftehim bejn id-Dipartiment u Buttigieg sabiex jinbena *water culvert*. Iżid li dan kien sabiex tiġi ndirizzata l-problema tal-ilma f'dik it-triq.

Jgħid li l-*water culvert* tlesta. Iżid li l-istess kien disinjat sabiex ilaħħaq sew ma' l-ilma li jinżel fi Triq Gorf.

Jgħid li dak li kienu jilmentaw minnu Buttigieg issa li sar il-*water culvert* m'għadux jeżisti.

Jgħid li wara li saru x-xogħolijiet huwa ma' sema' xejn aktar mingħand Buttigieg.

[196] Traskrizzjoni a fol 546 sa 550.
[197] Fix-xhieda ulterjuri tiegħu tad-19 ta' Ottubru, 2018 – a fol 587 *et seq* – jikkonferma li huwa kien fil-fatt Perit fi ħdan id-Dipartiment tal-Progetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

Jgħid li qabel sar il-*water culvert* kien hemm pajp jgħaddi minn taħt il-proprjeta' ta' Buttigieg.

**Xehed ulterjorment**[198] li fuq Triq Gorf kien hemm kawża l-Qorti mibdija minn Buttigieg kontra d-Dipartiment minħabba ilma tax-xita li kien jidħol fil-proprjeta' tagħhom. Iżid li l-kawża ġiet tranżatta u ġie ffirmat ftehim sabiex il-Gvern jibni *water culvert* ġdid minflok dak li kien hemm qabel.

Jgħid li kien hemm servitu' diġa' viġenti u l-Gvern żamma. Iżid li kien hemm *culvert* antik li ma' kienx baqa' jlaħħaq ma' l-ilma li kien jaqa' peress li l-art li qabel kienet agrikola ġiet żviluppata f'bini.

Jgħid li l-ftehim li ntlaħaq bejn id-Dipartiment u Buttigieg kien sabiex jinbena *culvert*. Iżid li l-*culvert* inbena a spejjeż tal-Ministeru għal Għawdex.

Muri r-ritratti a fol 437 jagħraf li dawk juru l-ispralli tal-*culvert* fi Triq Gorf, qabel tilħaq il-proprjeta' ta' Buttigieg. Jgħid li dak huwa l-*culvert* li bena id-Dipartiment.

Jgħid li x-xogħol fuq il-*culvert* inbeda fl-2012 u ġie terminat fl-2015.

Jgħid li wara li tlesta x-xogħol ma' kienx hemm ilmenti oħrajn.

Muri l-pjanta a fol 569 jagħraf li dik hija l-pjanta approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar li kienet saret ma' l-applikazzjoni tagħhom – tad-Dipartiment tal-Progetti u Żvilupp.

Jgħid li waqt ix-xogħol tal-bini tal-*culvert*, meta ġew sabiex jgħaddu minn ġol-proprjeta' ta' Buttigieg, sabiex iżommu mal-*commitments* li diġa' kien hemm, qalbu minn *culvert* għal pajpijiet tal-plastik.

Jgħid li mill-qisien fuq il-pjanta approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar il-*culvert* jiflaħ għall-ilma taż-żona ta' Triq Gorf kollha kif ukoll għal dak li jista jiżdied jekk jiġi izjed ilma mit-triq arterjali.

Jgħid li għalhekk l-ilma li qed jaqa' prezentement il-*culvert* jiflah għalih sew għax sahansitra għandu *reserve capacity*. Jgħid li dwar dan żgur

---
198 Traskrizzjoni a fol 587 sa 599.

m'hemm ebda kwistjoni, anke jekk ikompli jitla l-bini fiż-zona tal-madwar u aktar 'il barra.

Jinsisti li *l-culvert* kif inhu jiflaħ żgur, anke jekk ikompli jsir l-iżvilupp.

Jgħid li l-Perit Gilbert Buttigieg, li huwa attur, iben l-attriċi Ċarmen Buttigieg u jirrappreżenta wkoll lill-familja Buttigieg, kien ikun miegħu waqt ix-xogħol. Iżid li għalhekk kollox sar bi qbil bejn iz-żewġ partijiet. Iżid li fuq kollox hekk ġiet tranżatta l-kawża bejn id-Dipartiment u l-familja Buttigieg – bi ftehim bejniethom.

Jinsisti li anke fejn qalbu għal-pajp iżgħar, dan xorta jiflaħ għall-ilma kollu li jinżel fi Triq Gorf. Jgħid kieku mhux hekk diġa' reġgħu żviluppaw problemi iżda dan mhux il-każ.

Jgħid li kull xogħol li sar dwar il-*culvert* u pajpijiet sar bi ftehim ma' Buttigieg.

Jerġa jgħid li x-xogħol li sar jiflaħ għal kwalsiasi żvilupp ulterjuri li jista jsir f'dawk l-inħawi ta' Triq Gorf u fl-inħawi aġjaċenti.

Jgħid li l-*culvert* ġie *over designed* b'dan li m'hemmx għalfejn jagħti kalkolu tal-kapacita' tiegħu iżda jassigura li jaqa' kemm jaqa' ilma, u tvarja kemm tvarja l-intensita' tax-xita, dejjem ser jiflaħ għall-ilma li jirċievi.

Mistoqsi jafx il-post tal-konvenuti Mifsud jgħid li jafu. Iżid li dan il-post dejjem kien hemm b'dan li f'xi waqt Mifsud bnew żewġt ikmamar fuq il-kmamar li diġa' kellhom.

Muri ritratti tal-post ta' Mifsud a fol 382 jgħid li hu ta' Mifsud ma' jiftakrux hekk iżda jiftakru bil-bini tat-tieni sular lest. Jgħid li l-arja mibnija ta' Mifsud baqgħet l-istess bil-bejt telgħa sular aktar 'il fuq.

**In kontro-eżami**,[199] xehed li l-pjanta annessa mal-ftehim li ntlaħaq bejn id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp u l-familja Buttigieg saret mill-Perit Gilbert Buttigieg.

---

[199] Traskrizzjoni a fol 634 sa 643.

Jaqbel allura li l-kalkoli ta' kemm kellu jkun kbir u minn fejn kellu jgħaddi l-*culvert* saru mill-istess Perit Gilbert Buttigieg.

Iżid li minkejja dan bħala qies u *layout* tal-*culvert* huma ċċekjaw kollox indipendentement. Jgħid li ma' kienux ser jagħmlu xogħol li ma' jaqblux miegħu jew li jkun ta' detriment għan-nies l-oħra tal-madwar.

Mistoqsi kienx il-Perit Gilbert biss li ra ma' liema *flow* ta' ilma rid ilaħħaq il-*culvert* jgħid li le. Iżid li dwar dan huwa ċċekja personalment.

Jgħid li f'dan l-eżerċizzju li għamel hu qies is-soqfa, għelieqi, u t-toroq – x'qed jaqleb għat-triq. Jgħid li hemm proċess kif ticcekja dan liema proċess jissejjaħ *tamateo chezy* jew *manic formula*.

Mistoqsi jekk allura kejjilx it-triq jgħid li huwa ma' ikkunsidrax it-triq biss iżda kull *catchment area* inkluż soqfa tal-madwar u taż-żoni fil-qrib. Iżid li kkunsidra żgur Triq Gorf kollha kemm hi kif ukoll l-isqfa tal-bini tal-madwar kollu.

Mistoqsi fiex daħlu s-soqfa jekk il-kwistjoni tal-*culvert* kienet li jieħu ħsieb l-ilma tat-triq jgħid li wieħed ma' jistax jippjana *water management system* mingħajr ma' jikkunsidra kemm l-ilma li jaqa' fuq it-triq kif ukoll l-ilma li jaqa' fuq għelieqi li għadhom ma' nbnewx u li jistgħu jinbnew kif ukoll l-isqfa tal-binjiet eżistenti. Iżid li ma' tistax tieqaf fuq il-kejl tat-triq biss għax jekk isir hekk xogħol li jsir illum ikun sar għalxejn 6 snin oħra.

Ma' jaqbilx allura li l-intiża tal-*water culvert* kienet sabiex l-istess jilqa' l-ilma li jaqa' fit-triq biss.

Mistoqsi jeżistux xi figuri ta' dan l-eżerċizzju li jgħid li għamel hu, jgħid li kien hemm żgur u jista jerġa jaħdimhom bil-formuli li diġa' semma jekk hemm bżonn. Iżid li fl-eżerċizzju jsiru ċerti assunzjonijiet bħal kemm tista taqa' xita iżda huwa jara r-rapporti metereoloġiċi u jqies dejjem l-għar ipoteżi.

Mistoqsi jekk meta għamel dawn il-kalkoli tiegħu assumiex il-preżunzjoni tal-liġi li suppost kull dar għandha ġiebja tagħha li fiha jmur l-ilma li jinġabar fuqha jgħid li le. Iżid li huwa dejjem ikkunsidra s-soqfa fil-kalkolu tiegħu.

Mistoqsi dwar is-servitu' li semma jgħid li rriżulta li kien hemm *culvert* preċedenti, antik, għaddej minn taħt il-proprjeta' ta' Buttigieg. Jgħid li dan kien żgħir u ma' jiflaħx għall-ilma u Buttigieg kienu qed isoffru danni. Jgħid li għalhekk ġie milħuq il-ftehim mad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp sabiex inbena l-*culvert* il-ġdid u jiġi eliminat l-inkonvenjent tal-familja Buttigieg.

Jgħid li l-qies tal-*culvert* ipproponih il-Perit Gilbert Buttgieg stess, hu ċċekjah, ra li ma' kienx ser ikun hemm problem, qabel miegħu, u mexxew.

Mistoqsi jiggarantix il-ħila tal-*culvert* b'mod ġeneriku jgħid li ebda perit fid-dinja m'hu l-missier etern u *flash storms* qed iseħħu aktar spissi, anke f'Malta. Jgħid li tali *flash storms* jistaw ikunu problema. Jaqbel allura li waħda mil-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu Buttigieg sabiex inaqqsu l-potenzjal li l-*culvert* ma' jlaħħaqx huwa li jnaqqsu l-ammont ta' ilma li jmur għal ġo fih.

**In re-eżami,**[200] xehed li l-post ta' Mifsud m'għandux xi kejl superfiċjali kbir ħafna. Iżid li l-istess post ta' Mifsud allura mhux ser jaffetwa l-kapaċita' tal-*culvert*.

Dwar in-neċessita' li post ikollu ġiebja jaqbel li l-post ta' Mifsud ma' kienx ħamrija u telgħa ġdid iżda kien hemm terran diġa' mibni u żiedu xi kmamar fuqu. Iżid li bini ezistenti suppost ikollu bir għaliex il-liġi li tirrikjedi bir jew ġiebja ilha hemm.

Jikkonferma li meta ħadem il-formula dwar l-ilma li rid jiġi preżunt bħala li ser jirċievi l-*culvert* huwa ma' qiesx bjar iżda qies biss l-isqfa daqslikieku bjar ma' kienx hemm.

Dwar il-*flash storms* jispjega li dawn qed jiżdiedu imma mhumiex in-norma. Jgħid li fis-snin li ilu jopera l-*culvert* in kwistjoni ma' jafx li kien hemm xi lmenti dwaru.

**In kontro-eżami ulterjuri,**[201] insista li d-dar ta' Mifsud mhijiex ser taffetwa l-*performance* tal-*culvert*. Mistoqsi jekk kull dar titħalla tbattal l-ilma tal-bejt tagħha fit-triq kif qed jagħmlu Mifsud dan jaffetwax jgħid li xorta le għaliex il-*culvert* għandu *ċarrying capacity* biżżejjed.

[200] Traskrizzjoni a fol 643 sa 647.
[201] Traskrizzjoni a fol 647 sa 650.

Mistoqsi jekk l-assjem tal-isqfa kollha jaffetwawx jekk ikollu jkun hemm maltempata kbira jgħid li jiddependi x'wieħed ifisser b'maltempata kbira. Iżid li jekk jagħmel dulluvju kullimkien jgħereq. Iżid li Triq Gorf, bil-*culvert* kif inhu, tegħreq biss jekk jegħrqu postijiet oħra f'Malta u Għawdex ilkoll.

**Il-Perit Gilbert Buttigieg** xehed permezz ta' affidavit.[202]

Jiddikjara li qabel mal-konvenuta Rita Mifsud u wliedha qalbu l-pajpijiet ta' l-ilma li jarmu minn fuq il-proprjeta' tagħhom għal fuq it-triq pubblika, ma' kien hemm ebda katusi jew skular tal-ilma mill-proprjeta' tagħhom għal fuq Triq Gorf.

Jeżebixxi ritratt li juri lilu u lil ħutu flimkien mal-konvenut Nazzareno Mifsud jerfa' lil wieħed minn ħutu quddiem il-proprjeta' ta' Mifsud.[203]

Jgħid li tali ritratt kien mehud fl-1978 u fih ma' jidru ebda katusi jew mwieżeb li jarmu l-ilma mil-bjut ta' Mifsud għal Triq Gorf.

Jeżebixxi ritratt ieħor li jgħid li juri kif kienet il-katusa li kien hemm fil-fond tal-konvenuti.[204] Jgħid li din kienet tgħaddi minn fuq l-imqajel u titfa l-ilma kollu li jinġabar minn fuq il-proprjeta' ta' Mifsud fi proprjeta' aġjaċenti u retrostanti tal-istess Mifsud.

Jiddikjara li oltre dan, fiż-żewġ testmenti ta Rita Mifsud jingħad ċar li l-proprjeta' ta' Mifsud *għandha tibqa' tgawdi s-servitu' li l-ilma tal-bjut tagħha, l-ilma tal-bitħa u l-ilma tas-sapun tal-hasil tal-hwejjeg jibqa' jgħaddi kif attwalment jgħaddi, jiġifieri min fuq il-parti diviza minn l-art retrostanti d-dar, liema parti diviza tinsab hawn fuq u inkluża f'dan il-legat, kif ukoll min fuq il-bqija tal-art proprjeta' tat-testatrici li tinsab lejn in-naha tat-tramuntana tal-istess art fuq deskritta*. Jeżebixxi kopji taż-żewġ testmenti.[205]

Iżid li fit-12 ta' April, 2018, b'kuntratt in atti Nutar Enzo Dimech, inbiegħet l-art li kienet tirċievi l-ilma mid-dar tal-konvenuti u ġie

---

[202] Affidavit a fol 721 sa 724.
[203] Ritratt a fol 722 precedentement eżebit a fol 338.
[204] Ritratt "PO2" a fol 723 precedentement eżebit a fol 339.
[205] Testment tas-26 ta' Settembru, 2005 in atti Nutar Enzo Dimech a fol 734 sa 737 u testment tat-28 ta' Lulju, 2010 in atti wkoll Nutar Enzo Dimech a fol 738 u 739. Pjanti li jirreferu għalihom it-testmenti mhux eżebiti.

miftiehem li *il-komparenti Raymond, Ernest u Maryanne, aħwa Mifsud, qegħdin jagħtu l-kunsens tagħhom sabiex il-kumpanija kumpratrici, a spejjez ta' dawn it-tlett (3) aħwa Mifsud, tnehhi kwalunkwe servitujiet li jezistu bejn il-proprjeta' in vendita u dik adjacenti proprjeta' ta' dawn l-aħwa Mifsud. Dawn is-servitujiet jikkonsistu fi tlett katusi li fil-prezent jippermettu skular ta' l-ilma għal fuq il-prorpjeta' in vendita.*[206]

Jgħid li dawn il-katusi jidhru f'ritratt ieħor li qiegħed jeżebixxi.[207]

Jiddikjara wkoll li skont il-permess ottjenut minn Rita Mifsud bin-numru PA/5871/96 kellha tkun iffurmata ġiebja għal gbir fiha tal-ilma mil-bjut. Iżid li din il-ġiebja qatt ma saret u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess.

Jgħid li mhux talli l-ġiebja ma' saritx iżda l-aħwa Mifsud biegħu l-art u rrinunżjaw għas-servitu' ta' skular ta' ilma għal ġo l-istess.

Jeżebixxi ritratt ieħor u jgħid li juri l-fond l-antik tal-konvenuti u katusa li tarmi l-ilma għat-triq u sussegwentement għal-proprjeta' tagħhom.[208]

**Il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-aċċess mizmum mil-perit tekniku**, il-Perit Joseph Mizzi, nhar il-15 ta' April, 2011.[209]

Preżenti għall-aċċess kien hemm id-difensuri tal-partijiet flimkien ma' rappreżentant mill-partijiet fuq kull naħa.

Il-perit tekniku jivverbalizza li l-konvenuti jinsistu li l-ilma għal got-triq ma' żdiedtx minn żmien l-antik filwaqt li l-attur jgħid li żdied.

**Rat ukoll il-verbal ta' l-aċċess mizmum fis-7 ta' Jannar, 2022** fil-preżenza tal-Qorti kif presjeduta, il-partijiet debitament assistiti, u l-Perit Angelo Portelli.[210]

---

[206] Ref.: l-ahhar paragrafu tal-att li jinsab fil-pagna tal-att a fol 732. Pjanta li jirreferi għalija l-kuntratt mhux eżebita.
[207] Ritratt "PO3" a fol 723. Fil-fatt f'dan ir-riratt il-Qorti tosserva tlett bibien magħluqin, li x-xhud attur Gilbert Buttigieg jirreferi wkoll għalihom fl-affidavit tiegħu. Ma tosservax, iżda, ebda katusi għajr għal wahda orizzontali li x-xhud ukoll jirreferi għalija.
[208] Ritratt a fol 724.
[209] Verbal a fol 406 u 407.
[210] Verbal a fol 875. Traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet waqt l-aċċess a fol 863 sa 874.

Waqt l-istess aċċess **l-attur Gilbert Buttigieg** sostna li Triq Gorf qabel kienet sqaq ta' xi tmien piedi. Żied li *culvert* zgħir sabiex jiġbor l-ilma tax-xita dejjem kien hemm. Iżid li huma kienu jieħdu l-ilma mill-istess *culvert* kemm għall-użu personali kif ukoll għat-tisqija tar-raba'.

L-istess attur ikompli li d-dar ta' Mifsud kienet ta' ommhom Rita. Iżid li fil-kuntratti tagħhom Mifsud għandhom li l-ilma li jaqa' fuq id-dar tagħhom kif ukoll l-ilma tas-sapun għandu jmur f'tagħhom stess. Iżid li tant u hekk li qabel ma kien hemm ebda katusa mill-proprjeta' ta' Mifsud.

Juri ritratt eżebit mall-affidavit tiegħu stess fejn jidher hu u oħrajn bħala tfal u jgħid li l-istess ritratt ittieħed fl-1978. Jgħid li fl-istess ritratt jidher li katusa mal-proprjeta' ta' Mifsud ma' kienx hemm.

Jgħid li l-katusa ta' Mifsud anqas wara li twessgħet it-triq ma' saret. Iżid li fil-fatt kien hemm katusa li tieħu l-ilma minn ġo ta' Mifsud għal ġo tagħhom stess. Jgħid li kien biss aktar tard li saret katusa tagħti għat-triq.

Jgħid li l-aħwa Mifsud qasmu wara mewt ommhom Rita u wħud minnhom biegħu. Iżid li bl-istess kuntratt ta' bejgħ irrinunzjaw għas-servitu' li kellhom għal fuq tagħhom stess b'dan li mbagħad ippruvaw jekkrejaw servitu' fuqhom – fuq l-atturi.

Jgħid li fl-1996 huma fethu kawża lill-Gvern stante li bit-twessiegħ tal-isqaq għal triq l-ilma għal fuqhom żdied.

Jgħid li l-*culvert* tal-Gvern sar fil-parti tat-triq li ġiet esproprjata, għalkemm il-ħlas għalija għadu ma' sarx. Iżid li l-istess sar bi ftehim li għamlu huma mal-Gvern.

Jgħid li hemm għadu tagħhom sakemm il-Gvern iħallashom.

Jgħid li Mifsud, meta applikaw għall-iżvilupp, ingħataw permess bil-kundizzjoni li jibnu ġiebja li qatt ma' nbnit. Iżid li dan wassal sabiex żdied l-ilma li jaqa' fit-triq. Iżid li l-*culvert* kien ġie ddisinjat sabiex ilaħħaq ma' l-ilma tat-triq. Jgħid li fil-kalkolu tal-volum tal-*culvert* ikkunsidraw ukoll triq oħra li għad trid tinfetaħ.

Jgħid li l-ilma li jaqa' fuq it-triq direttament huwa responsabbilita' tal-Gvern u huma għamlu ftehim mal-Gvern biss.

**L-avukat difensur tal-konvenuti** jgħid li f'din il-kawża kien diġa' hemm perit tekniku iżda hemm lok għal ħatra ta' ieħor stante li l-inkarigu ta dak oriġinali qatt ma' ġie estiż u issa huwa anzjan u r-rapport tiegħu baqa' ma' sarx għaliex il-kawża waħlet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Iżid li l-kwistjonijiet huma tekniċi bil-Qorti m'għandix tistrieh fuq li jgħid wieħed u li jgħid ieħor iżda teħtieġ perit tekniku.

Jgħid li dak li qed jgħid l-attur Gilbert Buttigieg m'huwa minnu xejn.

Juri ritratt tad-dar tal-konvenuti bħala pjan terran. Jgħid li l-konvenuti qatt ma' tefaw ilma bis-sapun għat-triq.

**Il-konvenut Raymond Mifsud** jgħid li mal-mandra li nbiegħet minn ħutu u xi kuġini tiegħu lis-socjeta' *Baron Homes Limited* u ġiet żviluppata f'appartamenti huwa ma' kellu x'jaqsam xejn.

**L-avukat difensur tal-konvenuti** jkompli jgħid li din il-kawża bdiet meta l-istess mandra li ġiet żviluppata mis-soċjeta' *Baron Homes Limited* kien għadha art verġni. Iżid li għalhekk dik qatt ma' kienet parti mill-kwistjoni viġenti quddiem il-Qorti. Jgħid li l-kwistjoni dejjem kienet il-katusa li tidher fir-ritratti in atti u tinżel mil-bejt.

**Il-Qorti** stess osservat mieżeb bid-difensur tal-konvenuti jgħid li ser jagħmel rikors sabiex jeżebixxi ritratt li juri l-istess miżieb jarmi l-ilma għat-triq qabel saret il-katusa in kwistjoni.

**Id-difensur tal-konvenuti** jżid li l-kwistjoni kollha nqalgħet meta l-konvenuti ottjenew permess u tellgħu sular ieħor. Jgħid li meta telgħu tali sular addizzjonali l-istess ilma li qabel kien joħroġ għat-triq mill-bejt oriġinali ma' żdidx fil-volum. Iżid li dan stante li l-kejl tal-bejt il-ġdid huwa bħal dak l-antik.

Iżid li maż-żmien il-miżieb inbidel għal-katusa bil-bejt għola iżda l-volum ta' ilma li jaqa' fuqu ma' zdidx. Jgħid li qabel kien hemm ukoll sistema li tieħu l-ilma min bejt għal bejt sakemm twassal l-istess ilma fuq il-bejt tal-

kamra li kienet fuq ir-rimessa u twaqqgħat imbagħad għat-triq. Iżid li wara li twaqqat tali kamra saret il-katusa odjerna.

Ikompli jgħid li l-bjut tal-konvenuti kienu parti jbattlu għal fuq wara, fuq proprjeta' oħra tal-konvenuti stess, u parti għat-triq fuq quddiem, fejn il-Qorti stess osservat il-miżieb.

Jinsisti li meta bniet is-soċjeta' *Baron Homes Limited* ma' ġiet terminata ebda servitu' tal-konvenuti għaliex l-istess soċjeta' iddiriġiet l-ilma għal ġo ġiebja tagħha stess. Iżid li kien sar kuntratt dettaljat mal-istess soċjeta' dwar dan.

Jgħid li prova dwar dan ma' tresqitx għaliex l-akkwist mis-soċjeta' msemmija sar wara li hu kien għalaq il-provi. Iżid li minkejja dan il-kuntratt li bih akkwistat l-istess soċjeta' jinsab in atti.

Jgħid li s-soċjeta' msemmija akkwistat fl-2018.

Jgħid li l-atturi akkwistaw il-proprjeta' tagħhom bis-servitu' ta' *water culvert* viġenti u l-Gvern, wara li fetħulu kawża, ra x'inhu l-ilment tagħhom u għamel *culvert* ġdid. Żied li l-atturi ma' jistgħux, wara l-intervent tal-Gvern, isostnu kawża kontra l-konvenuti biss meta kulħadd fl-istess triq qed jarmi l-ilma għat-triq.

Jgħid li l-interess ġuridiku tal-atturi m'għadux jeżisti ġjaladarba il-*culvert* li sar mill-Gvern ilaħħaq sew mad-domanda. Iżid li l-interess ġuridiku għandu jissussisti tul il-pendenza tal-kawża u mhux biżżejjed li jkun jeżisti biss fil-bidu tagħha.

**L-avukat difensur tal-atturi** tgħid li l-atturi ħadu passi kontra kull minn tefgħa l-ilma fit-triq iżda dawn ilkoll ressqu sabiex jirriżolvu l-kwistjoni.

**L-attur Gilbert Buttigieg** iżid li kienu biss il-konvenuti li ma' pruvawx jirranġaw magħhom u m'għamlux ġiebja kif rikjest mill-permess mogħti lilhom filwaqt li żiedu l-arja msaqqfa fil-proprjeta' tagħhom. Iżid li mir-ritratti in atti jirriżulta li l-katusa in mertu m'ilhiex 30 sena fil-post u l-konvenuti qatt ma' kellhom servitu' fuqhom.

**Rat ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku Alexei Pace kif ippreżentata fis-17 ta' Frar, 2023.**[211]

F'din l-istess, il-perit tekniku, wara li ddikjara li in adempiment tal-inkarigu tiegħu kkunsidra l-atti tal-kawża u żamm aċċessi fil-fond tal-atturi u f'dak tal-konvenuti għal liema aċċessi attendew id-difensuri legali tal-partijiet; iddikjara ulterjorment li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet tiegħu:

1. Li l-atturi huma sidien tal-fond numru 50/51, Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex filwaqt li l-konvenuti huma sidien tal-fond numru 44, Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex. Il-fond tal-atturi jinsab fuq ġewwa nett tat-triq li fil-fatt tispiċċa bħala sqaq mal-fond tagħhom numru 50/51 u fl-għoli, ihares fuq Triq Għajn Ħożna, ix-Xagħra;

2. Li l-ilment tal-atturi huwa li bl-iżvilupp li sar mill-konvenuti żdied il-volum ta' ilma li jaqa' fuq il-proprjeta' tagħhom – atturi – bi preġudizzju għalihom;

3. Li l-fond tal-konvenuti jikkonsisti f'binjiet antiki li fuqhom inbena sular ieħor permezz tal-permess numru PA/05871/96 *to construct additional ġarage and three (3) rooms to an existing building* liema permess jinkludi kundizzjoni għal bini ta' ġiebja;

4. Li mill-atti jirriżulta, u hemm qbil da parti tal-konvenuti stess, illi tali ġiebja ma nbnietx;

5. Li fuq il-fond tal-konvenuti Mifsud kienet sottomessa applikazzjoni oħra bin-numru PA/00731/11 *to carry out internal and external alterations and additions to form two interconnected garages instead of existing stores* mentri fuq tal-atturi kienet sottomessa dik numru PA/01268/95 *alterations and erection of swimming pool (fresh water)*;

6. Li mill-atti jirriżulta wkoll li fl-imgħoddi kien hemm gandott/*culvert* li kien jgħaddi mill-proprjeta' tal-atturi sabiex jiġbor l-ilma tax-xita u dan stante li kif indikat *supra* l-proprjeta' tal-atturi tinsab fit-tarf ta' sqaq fuq promontorju bit-triq għandha pendil lejha allura l-ilma kien jinġabar in-naħħa tagħhom u dan kien

[211] Relazzjoni a fol 960 sa 978.

in-neċessita li jsir il-gandott l-antik meta l-fond kien għadu taz-ziju tal-attur Joseph Buttigieg, illum mejjet;

7. Li kien hemm żewġ fatturi ewlenin li aggravaw is-sitwazzjoni tal-atturi; [i] tnaqqas ir-raba' billi inbena fuqu u allura l-ilma tax-xita beda' jaqa' fuq superfiċji li ma' jassorbux, u; [ii] f'ċerti punti ġiet esproprjata l-art sabiex twessgħet Triq Gorf b'dan li żdied il-volum ta' ilma li jaqa' fuqha;

8. Dawn iż-żewġ fatturi sahaq fuqhom l-attur Joseph Buttigieg fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit tekniku preċedenti;

9. Li mill-atti jirriżulta li kien hemm qbil li kien hemm ħtieġa urġenti li jitkabbar il-gandott sabiex isir ieħor ġdid li jkun jista' jilqa' l-ilma li żdied minn quddiem il-fond tal-atturi u jarmih in-naħħa ta' wara fi Triq Għajn Ħożna;

10. Li dan ix-xogħol sar wara li ġie approvat il-permess numru PA/01044/10 *construction of storm water culvert* bil-pjanti tal-permess jinsabu in atti u juru [i] l-art li ġiet esproprjata sabiex twessa l-aċċess għall-fond tal-atturi; [ii] il-konfigurazzjoni tal-gandott, u; [iii] id-dettalji tal-kostruzzjoni tal-gandott il-ġdid. Ix-xogħol skont il-permess sar skont il-pjanti approvati apparti dettal li xehed dwaru l-Perit Angelo Portelli fejn minħabba d-djuq parti mill-gandott saret b'pajpijiet ekwivalenti;

11. Li l-Perit Portelli rrepeta kemm-il darba illi l-gandott jiflaħ mhux biss għall-ilma tax-xita li jaqa' fuq it-triq imwessa' u l-bini li kien hemm dak iż-żmien iżda ġie *overdesigned* sabiex jiflaħ għal-ilma li raġjonevolment jiġi kkalkolat li jaqa' fuq il-bjut ta' bini futur u jiġi kondott għat-triq, qishom tali binjiet qatt ma' kellhom ġwiebi;

12. Li l-pjanti tal-permess jindikaw żewġ fatturi essenzjali [i] li l-qies intern tal-gandott huwa ta' ċirka metru b'metru, u; [ii] li l-qlib tal-art mill-parti l-aktar għolja biswit il-fond tal-atturi sat-triq huwa qrib 45˚ - *100% slope* – u allura jiffaċilita' il-moviment tal-ilma sabiex l-istess gandott, dment li jinżamm nadif, jkun kapaċi jbattal l-ilma f'temp qasir;

13. Li l-konvenut Raymond Mifsud fix-xhieda estensiva tiegħu jisħaq li l-bjut tagħhom fuq in-naha tat-triq dejjem kienu jarmu l-ilma għall-istess triq filwaqt li dawk ta' wara jarmu għal wara f'mandra fejn l-ilma mbagħad jiskula taħt l-art;

14. Jissemma li kien hemm katusa tarmi l-ilma għat-triq li żdiditilha biċċa magħha sabiex l-ilma ma' jaqax mill-għoli iżda jiżbokka ftit 'il fuq mill-art. Jisemma wkoll li kien hemm xi miżieb mal-faċċata li nbidel b'din l-istess katusa. Finalment jissemma wkoll li b'riżultat tal-permess PA/05871/96 kulma seħħ kien li ttawlet il-katusa vertikalment stante li l-bejt għola minn dak tat-terran għal dak ta' l-ewwel sular;

15. Li waqt l-aċċess sar eżerċizzju sabiex dak li xehdu entrambi l-partijiiet jiġi vverifikat;

16. Li l-binja tal-konvenuti fuq il-lemin hekk kif wieħed iħares lejn il-proprjeta' tagħhom mit-triq hija antika ħafna u fuq sular wieħed. Sar eżerċizzju ta' tqabbil tas-*survey sheet* tal-1968 mal-bini eżistenti u rriżulta li din hija ffurmat in parti mill-binja oriġinali li kienet testendi aktar lejn il-lemin. F'xi punt bejn l-2016 u l-2018 parti minnha twaqqgħet sabiex telgħa l-bini skont il-permess PA/11026/17 *to demolish existing rooms and construct 15 flats with underlying garages* li nħareġ f'isem terzi;

17. Li r-ritratti a fol 199 u 204 juru l-estensjoni ta' katusa fuq il-ġenb ta' ħajt - qabel ma' telgħa l-iżvilupp PA/11026/17 – li tidher ħierġa minn nofs il-fond tal-bejt u ddur fuq il-lemin sabiex tasal mal-faċċata. Din tidher ċara fir-ritratt a fol 724 li jidher li ttieħed waqt li kien tiela l-iżvilupp PA/11026/17;

18. Il-ħruġ ta' din il-katusa ġie kkonstatat waqt l-aċċess meta l-konvenut ferra xi ilma sabiex jiġi identifikat il-qlib tal-bjut min fejn kien evidenti li l-qlib tal-bejt tad-deffun ta' din il-kamra jiġbed lejn nofs il-ħajt biex l-ilma mbagħad jgħaddi mil-katusa li llum tidher li tinsab fil-ħajt komuni bejn l-istess kamra u l-iżvilupp PA/11026/17 u jispiċċa fit-triq;

19. Li jirriżulta għalhekk li oriġinarjament il-bejt ma' kienx jaqleb għat-triq iżda għan-nofs bil-katusa għat-triq żdidet wara u dan għax ma'

jagħmilx sens li bejt jinbena jaqleb għan-nofs biex imbagħad trid issir katusa mimduda li treġġa l-ilma għal quddiem meta l-bejt setgħa faċilment isir jaqleb għat-triq mill-ewwel. Għalhekk ma' kienx dan il-bejt li kellu jieħu l-ilma għat-triq iżda bejt ta' kamra ibxax li ttieħed postha bil-permess PA/11026/17 u tidher mġarrfa fir-ritratti in atti a fol 199 filwaqt li tidher għadha wieqfa fir-ritratt a fol 338;

20. Li waqt l-aċċess ġie konstatat li għajr għal-bjut tal-kmamar ta' quddiem, l-ilma mil-bjut l-oħra u l-btieħi jaqleb għan-naħħa ta' wara tal-fond tal-konvenuti u ma' jmurx għat-triq;

21. Il-pjanti kollha in atti flimkien max-xhieda tar-rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar juru li minkejja li bil-permessi varji, b'mod speċjali dak numru PA/05871/96, il-konvenuti żiedu l-*built-up area* stante li saret estensjoni vertikali tal-binja, il-*footprint* tal-binja nfisha baqet l-istess bħal qabel għax il-kmamar ġodda nbnew ħajt fuq ħajt.

Għaldaqstant, ikkonkluda li:

1. Il-ġiebja speċifikata fil-kundizzjonijiet tal-permess PA/05871/96 ma' nbnietx;

2. Minkejja n-nuqqas fil-bini tal-ġiebja, anke kieku l-istess ġiebja nbniet, kull ġiebja għandha *overflow* għat-triq;

3. Il-*footprint* tal-binja tal-konvenuti baqgħet l-istess anke wara l-permess PA/05871/96 bl-estensjoni kienet biss vertikali. B'dan allura li l-uċuh tal-bjut li jiġbru l-ilma ma' żdidux;

4. Il-bjut tal-kmamar ta' quddiem tal-fond tal-konvenuti jarmu l-ilma għat-triq filwaqt li l-kumplament tal-fond inkluż bjut ta' wara u btieħi jarmu l-ilma fuq wara fejn jintilef fis-sotterran mingħajr ma' jiżbokka għat-triq. Il-konvenuti għandhom jiġu ordnati sabiex jinżamm dan l-i*status quo* u m'għandhom iqabbdu ebda katusi oħra għat-triq;

5. It-twessiegħ tat-triq u telf ta' raba' aggravaw is-sitwazzjoni għall-atturi iżda l-gandott li nbena wara l-2012 mill-Gvern – Ministeru

għal Għawdex – huwa ta' kapjenza tajba sabiex l-ilment tal-atturi ma' jibqax jissussisti dment li l-gandott jinżamm nadif u mantnut.

Jeżebixxi varji ritratti.[212]

**In eskussjoni**,[213] xehed li d-domandi in eskussjoni tal-konvenuti sarulu bil-miktub u rrisponda bil-miktub. Jeżebixxi r-risposti tiegħu.

Dwar l-istess domandi tal-konvenuti jelabora biss li t-talbiet atturi f'din il-kawża jirrigwardaw l-iżvilupp li sar bil-permess numru PA/05871/96 ottjenut mill-konvenuti. Jaqbel għalhekk li t-talbiet ma' jirreferux għal xi ilma ġdid iżda għal dak l-iżvilupp li skont l-atturi aggrava s-servitu'.

**In eskussjoni fuq domandi tal-atturi**,[214] xehed li, dwar il-paragrafu 11 tar-relazzjoni tiegħu fejn ċċita lill-Perit Angelo Portelli li qal li l-gandott ġie *overdesigned*, huwa straħ fuq dak li ddikjara l-istess Perit Portelli. Iżid li dan stante li l-gandott mhux hi ddisinjah.

Jgħid li dwar *overdesign* hemm parametri jew assunzjonijiet li wieħed jimxi magħhom.

Jgħid li huwa jifhem li l-gandott/*culvert* sar b'riżultat tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-atturi.

Jaqbel li hu kellu aċċess għall-atti kollha.

Mistoqsi jekk aċċettax bħala fatt ix-xhieda tal-konvenut Raymond Mifsud li huma – il-konvenuti – dejjem kellhom il-bjut ta' quddiem jaqilbu għat-triq jew ikkunsidrax ukoll dak li jgħidu t-testmenti ta' omm il-konvenuti Rita Mifsud, jgħid li huwa kkunsidra dak li ra fl-aċċess. Iżid li huwa ra fejn imur l-ilma waqt l-aċċess.

Jgħid li, per eżempju, fil-paragrafu 19 tar-relazzjoni tiegħu jgħid ċar li bejt minnhom jieħu l-ilma għan-nofs b'dan juri ċar li tali bejt kien ibattal l-ilma għall-bejt ieħor li issa m'għadux jeżisti liema bejt kien imbagħad jieħu l-

[212] Ritratti a fol 974 sa 978.
[213] Traskrizzjoni a fol 992 u 993.
[214] Traskrizzjoni a fol 994 sa 1004.

ilma għat-triq. Iżid li wara li ma' baqgħax jeżisti tali bejt saret katusa min nofs il-bejt 'l quddiem sabiex tieħu post il-bejt li kien hemm qabel.

Jaqbel li peress li l-kamra m'għadix teżisti ma' jistax jikkonferma jekk il-bejt tagħha kienx jieħu l-ilma għat-triq jew għal wara. Jgħid li bil-katusa li ssostitwixxit dan il-bejt l-ilma ttieħed għat-triq. Iżid li dan ikkonkludih kemm abbażi tax-xhieda in atti kif ukoll abbażi ta' dak li ra waqt l-aċċess.

Jikkonferma li fir-ritratti a fol 338 u 339 tal-proċess ma' jidher ebda miżieb mal-faċċata tad-dar tal-konvenuti.

Jinsisti li bil-permess tal-konvenuti numru PA/05871/96 żdied biss il-volum intern tad-dar tal-konvenuti bil-*catchment area* baqgħet l-istess. Jispjega li s-*surface area* li qabel kienet tiġbor l-ilma tax-xita baqgħet l-istess.

Jirreferi għall-pjanta approvata bil-permess tal-konvenuti numru PA/05871/96 u jgħid li minnha jirriżulta li kien hemm bitħa li saret passaġġ, mhux kamra, billi issaqqfet. Jgħid li minkejja dan l-ilma ma' żdiedx.

Mistoqsi jaqbilx li l-ilma minn bitħa terrana ma' jmurx għat-triq jgħid li m'hemmx indikazzjoni li kien imur għat-triq. Jgħid li issa li l-bitħa ssaqfet loġikament l-ilma minn fuq is-saqaf tagħha jmur fuq wara. Iżid li minkejja dan m'għamel ebda kostatazzjoni tiegħu dwar dan is-saqaf partikolari.

**Rat ir-risposti tal-perit tekniku magħmulha bil-miktub għad-domandi in eskussjoni tal-konvenuti**.[215]

Jiddikjara li l-iżvilupp li sar mill-konvenuti u għalih jirreferu l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom bħala li żied il-volum tal-ilma li jaqa' mill-proprjeta' tagħhom – tal-konvenuti – huwa biss dak li seħħ permezz tal-permess PA/05871/96.

Jaqbel li bl-istess żvilupp li sar mill-konvenuti ma' żdiedx il-volum ta' ilma tax-xita minn dak li kien diġa' jaqa' minn fuq il-bjut tal-konvenuti għat-triq qabel sar l-iżvilupp.

---

[215] Risposti a fol 1006 sa 1011.

Jaqbel li għalhekk m'għandhom isiru ebda xogħolijiet rimedjali mill-konvenuti, la temporanji u anqas permanenti.

Jgħid li l-ġiebja tissemma kemm-il darba matul il-kawża peress li kienet kundizzjoni tal-permess PA/05871/96. Iżid li huwa jistabilixxi bħala fatt li tali ġiebja ma' nbnietx. Iżid li fi kwalunkwe' każ anke kieku saret, l-*overflow* minnha xorta għat-triq kien ser imur.

Dwar il-kumment li għaddha fir-relazzjoni tiegħu li l-konvenuti *taħt ebda cirkostanza ma għandhom iqabbdu katusi oħra għal mat-triq,* mistoqsi jekk hux konxju li tali kumment jista jwassal għal deċiżjoni *ultra petita* jew *extra petita,* jgħid li l-Qorti tista tinjora kwalunkwe' konklużjoni tiegħu li tmur lill'hemm mit-talbiet atturi.

Jgħid li l-istat preżenti tal-proprjeta' tal-konvenuti m'huwa jikkawża ebda preġudizzju lill-atturi.

Mistoqsi jekk il-proprjeta' tal-konvenuti jkollha żżid l-ilma li titfa għat-triq, tenut kont ta' kemm il-proprjeta' oħra hemm fl-istess triq li lkoll jitgħu l-ilma għat-triq, kemm ikun jagħmel differenza l-ilma li żżid il-proprjeta' tal-konvenuti biss, jgħid li dan jiddependi mill-volum ta' ilma li żżid il-proprjeta' tal-konvenuti kif ukoll mill-parametri u assunzjonijiet li fuqhom ġie meqjus il-kejl – kapaċita' – tal-*water culvert* li bena l-Gvern. Iżid li huwa fatt li l-binja tal-konvenuti hija biss waħda minn numru ta' binjiet li hemm fl-istess triq.

Jgħid li m'hemm ebda kontradizzjoni bejn it-tieni u ir-raba' konklużjonijiet tiegħu stante li l-*overflow* tal-ġiebja kieku nbniet ma kienx iżid l-ilma fit-triq għaliex il-*catchment area* tal-ġiebja jkun l-istess bjut li fil-preżent jidderigu l-ilma għat-triq.

Jgħid li l-ilma li jaqa' fil-bitħa tal-konvenuti ma' jmurx għat-triq u dan ikkonstatah huwa stess.

Jgħid li l-indaġni tiegħu kienet limitata sabiex jistabilixxi liema bjut jarmu l-ilma għat-triq wara l-iżvilupp li sar bil-permess PA/05871/96.

**Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku Alexei Pace** kif ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 2023.[216]

F'din l-istess, il-perit tekniku jibda sabiex jiddikjara li l-inkarigu tiegħu ġie estiż sabiex iżomm aċċess ulterjuri u jiddetermina fejn imur l-ilma li jaqa' fuq il-bejt tal-parti msaqqfa tal-bitħa tal-konvenuti.

Jiddikjara li għal dan l-għan żamm aċċess ulterjuri fejn attendew uhud miż-żewġ partijiet mhux assistiti mid-difensuri legali tagħhom.

Iżid li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Li l-ilment ewlieni tal-atturi hu li bl-iżvilupp li kien sar minn Rita Mifsud ġie miżjud il-volum ta' ilma li jaqa' fuq il-proprjeta' tagħhom;

2. Li fl-ewwel aċċess miżmum minnu huwa ħa konjizzjoni tal-parti tal-bitħa li ssaqfet mill-konvenuti li tirriżulta mmarkata bl-ittra "X" fil-pjanta approvata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar;[217]

3. Li minn dak li kkonstata waqt l-aċċess jirriżulta li l-konvenuti mhux il-parti "X" biss saqqfu iżda anke l-parti rimanenti tal-bitħa fuq il-lemin. Jimmarka tali parti bl-ittra "Y" fuq l-estratt tal-pjanta replikat fir-relazzjoni. Iżid li l-ilma jaqa' kemm fuq il-parti "X" kif ukoll fuq il-parti "Y" li jifformaw bejt wieħed;

4. Li l-attur preżenti għall-aċċess, il-Perit Gilbert Buttigieg, wera pjanta annessa mal-permess numru PA/01114/22 *to sanction alterations to a pre-1967 dwelling and to replace pre-1967 roofs* li, għalkemm mhux direttament rilevanti għall-każ odjern, turi l-istess bjut imsaqqfa kif imsemmi qabel;

5. Li l-konvenut preżenti, Raymond Mifsud, ferra diversi bramel ilma fuq it-tisqifa minn fejn ġie konstatat li l-ilma mill-bjut tal-parti msaqqfa tal-bitħa jmur f'katusa u jinżel f'terrazzin li hemm fl-ewwel sular min fejn imbagħad imur f'*gutter* li jwasslu għall-katusa

[216] Relazzjoni a fol 1018 sa 1029.
[217] Pjanta a fol 612 – il-perit tekniku jirreplika l-porzjoni tal-pjanta rilevanti fit-3 pagna tar-relazzjoni addizzjonali tiegħu liema pagna tinsab a fol 1020.

vertikali u tmur għal pjan terran. Minn hemm, ġie konstatat li l-ilma jmur għal fuq wara tal-proprjeta' tal-konvenuti;

6. Li n-naħħa ta' wara tal-proprjeta' tal-konvenuti tirċievi wkoll ilma bis-sapun li jintrema minn sinkijiet tal-fond – dan kien ċar mir-ragħwa;

Jinkludi skizz li jidentifika l-għoli – livell – sular – ta' kull bejt fil-proprjeta' tal-konvenuti kif ukoll l-iżvog tal-ilma tax-xita minn kull tali bejt.[218]

Jikkonkludi li a bażi tal-fatti kollha li ġie a konjizzjoni tagħhom, u mill-kostatazzjonijiet li għamel fuq il-post, l-ilma li jaqa' fuq il-bejt tal-parti msaqqfa tal-bitħa jmur fuq wara tal-proprjeta' tal-konvenuti u fl-ebda hin ma' jmur għat-triq.

**In kontinwazzjoni tal-eskussjoni**, il-perit tekniku Alexei Pace xehed[219] li l-ilma li jaqa' fuq il-parti msaqqfa tal-bitħa tal-konvenuti jmur fuq wara, mhux għat-triq.

Dwar il-ġiebja u l-konkluzjonijiet tiegħi rigward l-*overflow* jgħid li ladarba ġiebja timtela, l-ilma li ma' ntefax fit-triq illum ser jintefa għada meta l-ġiebja tkun mimlija.

Mistoqsi kif dan jagħmel sens meta ġiebja hija proprju intiża sabiex taħżen l-ilma li jintuża b'dan li dejjem tiżvojta bl-użu u allura tibqa taħżen, jgħid li dan jiddependi mix-xita li tagħmel. Jgħid li l-kwistjoni ssorġi jekk tgħamel aktar xita milli wieħed juża mill-ilma maħżun.

Jintrabat li jirreferi għar-ritratti a fol 338 u 339 tal-proċess u jgħid jekk il-katusa li kkonstata li tbattal il-bejt li jaqleb lejn in-nofs u li preżuma li qabel kien jaqleb għal fuq bejt ieħor ta' kamra li twaqqgħet u ġiet rimpjazzata bl-iżvilupp ta' terzi – *Baron Homes Limited* – fil-fatt tidhirx fuq tali ritratti.

**In kontinwazzjoni tal-eskussjoni**,[220] jgħid li rrefera għar-ritratti a fol 338 u 339. Iżid li dawn jirreferu għall-bjut li qiegħdin iżjed fil-baxx. Jgħid li

[218] Skizz a fol 1022.
[219] Traskrizzjoni a fol 1048 sa 1053.
[220] Trskrizzjoni a fol 1055 sa 1058.

dawn huma bjut antiki tad-deffun fejn m'hemmx lok għal probabilita' għaliex qatt ma' nbidlu bil-qlib tagħhom baqa' kif kien oriġinarjament.

Jgħid li l-qlib ta' dawn il-bjut hija viċin hafna tal-faċċata tat-triq. Jgħid għalhekk li fil-fehma tiegħu dawn il-bjut dejjem kienu jaqilbu għat-triq.

Fuq ir-ritratt a fol 338 jgħid li ma' jidhirx miżieb jew pajp. Iżid iżda li milli ra fuq il-post mhux probabbli li xi darba nbidel il-qlib ta' dawn il-bjut. Jgħid li r-ritratt mhux ċar biżżejjed sabiex juri *outlets* min fejn setgħa joħroġ l-ilma iżda dan ma' jfissirx li dawn mhumiex hemm.

Dwar ir-ritratt a fol 339 jgħid li dan juri binja mwaqqa. Iżid li hawn jidher *outlet*. Jgħid li skontu l-ilma kien jaqa' minn fuq dan il-bejt għal fuq bejt ieħor minn fejn imbagħad jispiċċa għat-triq. Iżid li dan jgħidu min dak li ra fuq il-post.

Riferut għal darb'oħra għar-ritratt a fol 338 fejn ġew immarkati żewġt ibjut, wieħed "Y" u wieħed "Z" u mistoqsi hux jgħid li mill-bejt "Y" l-ilma kien imur għal fuq il-binja "Z" li hija aktar għolja, jgħid li l-fatt li l-binja tidher aktar għolja ma' jfissirx li s-saqaf kien ukoll aktar għoli għax jista jagħti l-każ li dik kienet opramorta.

**In eskussjoni ulterjuri**,[221] jaqbel li t-talbiet atturi jirreferu għall-żvilupp "riċenti" li sar mill-konvenuta Rita Mifsud. Jaqbel ukoll li bħala permess għall-iżvilupp f'isem l-sitess Rita Mifsud ra biss wieħed, il-PA/05871/96, biex tibni l-kmamar ta' fuq.

Riferut għar-ritratt a fol 940 tal-proċess jgħid li tali ritratt juri miżieb jitfa' l-ilma għat-triq. Iżid li dak ir-ritratt huwa minn qabel sar is-sular addizzjonali u qabel ma' twaħlet il-katusa u ġiet estiża sa' l-art.

Jaqbel li għalhekk hemm ċertezza li qabel sar l-iżvilupp l-ilma minn dawk il-bjut kien jaqa' għat-triq.

Jgħid li l-arja tal-isqfa tal-konvenuti, liema isqfa jiġbru l-ilma, żdidet meta l-konvenuti saqqfu l-bitħa tagħhom. Iżid iżda li minkejja dan, permezz ta' sistema ta' katusi s-saqaf tal-bitħa jidderiġi l-ilma għal fuq wara, mhux

[221] Traskrizzjoni a fol 1058 sa 1065.

għat-triq. Iżid li dan rah huwa stess meta fl-aċċess miżmum għat-tieni relazzjoni tiegħu talab li jinxteħet l-ilma fuq il-bejt tal-bitħa msaqqfa.

Muri r-ritratt a fol 199 tal-proċess u dak a fol 204 li t-tnejn juru katusa orizzontali, u mistoqsi jekk dawn jagħtux indikażżjoni ta' fejn kien is-saqaf tal-kamra li eventwalment twaqqgħet, jgħid li l-immorsjar juri li s-saqaf tat-tali kamra kien iżjed baxx mill-katusa l-griza – l-orizzontali.

Mistoqsi rax it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Perit Angelo Portelli jgħid li raħha. Jaqbel li l-Perit Portelli kien ċar li l-gandott li bena l-Gvern kien *overdesigned* b'dan li ttieħdu in kunsiderazzjoni wkoll bjut li setgħu jinbnew fil-futur.

Jgħid li l-pjanti tal-gandott ragħhom u jirriżulta li dan huwa suffiċjenti.

**In eskussjoni ulterjuri**,[222] xehed li ebda ritratt m'hu datat pero' s-sekwenza tal-bini hija ndikattiva.

## A. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-atturi, wara li ppremettew, *inter alia*, li [**i**] huma proprjetarji tar-razzett numru 50 u 51 fi Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex għal liema proprjeta' jaqa' l-ilma tax-xita li jinġabar fl-istess Triq Gorf; [**ii**] dwar tali ilma saru proċeduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kontra d-Dipartiment tat-Toroq wara li żdied il-volum tal-ilma li jaqa' mill-imsemmija triq għal ġol-proprjeta' tal-atturi, u; [**iii**] l-awtriċi tal-konvenuti odjerni, Rita Mifsud, ġja konvenuta, għamlet żvilupp estensiv ta' proprjeta' tal-konvenuti li tagħti għal fuq l-istess Triq Gorf b'mod li l-ilma tax-xita kollu li jaqa' fuq l-iżvilupp imsemmi issa ntefa għal ġo Triq Gorf u minn hemm għal ġol-proprjeta' tagħhom atturi; talbu: [**a**] dikjarazzjoni li konsegwenza tax-xogħol ta' żvilupp intrapriżi mill-awtriċi tal-konvenuti, Rita Mifsud, żdied il-volum tal-ilma li jaqa' fuq il-proprjeta' tagħhom bi preġudizzju għall-jeddijiet tagħhom; [**b**] ordni sabiex fi żmien qasir u perentorju l-konvenuti jew min minnhom jagħmlu xogħolijiet permanenti sabiex jiġi kkontrollat l-iskular tal-ilma għal ġol-

[222] Traskrizzjoni a fol 1065 sa 1067.

proprjeta' tagħhom atturi b'mod li ma jżidx il-volum ta' ilma li jgħaddi minn ġol-proprjeta' tagħhom atturi, u; [c] l-awtorizzazzjoni sabiex finnuqqas ta' adempiment da parti tal-konvenuti ma' tali ordni, jgħaddu huma, atturi, sabiex jagħmlu l-istess xogħolijiet a sejjeż tal-konvenuti.

Rita Mifsud, ġja konvenuta u awtriċi tal-konvenuti odjerni, rrispondiet għal dan billi għamlet eċċezzjonijiet li ġew replikati mill-konvenuti odjerni Joseph, Ċarmen armla ta' George Portelli, Mario, Francis, Maryanne, xebba, Tarcisio, Eugenio, Raymond, Ernest, Vicky mart Eugenio Ċaruana, Rose, xebba, Antida mart Jesmond Bigeni, u Nazzareno, ilkoll aħwa Mifsud, kif ukoll Antonio u Cettina aħwa Portelli wara li dawn ġew kjamati fil-kawża qabel il-mewt tagħha.

Bit-trasfużjoni tal-ġudizzju minn isem Rita Mifsud għal isem il-kjamati fil-kawża aħwa Mifsud – mhux ukoll dawk aħwa Portelli, l-eċċezzjonijiet tal ġja konvenuta Rita Mifsud ġew assorbiti ma' dawk ta' uliedha l-konvenuti aħwa Mifsud u saru għalhekk l-istess, kif imqajjma wkoll mill-konvenuti l-oħrajn, l-aħwa Portelli, b'dawn huma: [i] preliminarjament, l-intempestivita' u l-vessatorjeta' tal-azzjoni attriċi stante li ma' saru ebda xogħolijiet strutturali mill-konvenuti li bihom żdied il-volum tal-ilma tax-xita li jaqa' mil-proprjeta' tagħhom għal Triq Gorf; [ii] li l-konvenuti ma' żviluppaw ebda art bl-iżvilupp tagħhom kien biss vertikali[223] billi bnew żewġt ikmamar fuq bini diġa' eżistenti tad-dar tagħhom numru 44, Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex; [iii] li mhux minnu li bl-iżvilupp tagħhom il-konvenuti żiedu l-ilma tax-xita li mill-proprjeta' tagħhom jaqa' fi Triq Gorf b'dan li l-istess volum ta' ilma li qabel kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular sar issa jaqa' fuq il-bejt tat-tieni sular li ġie mibni ġdid; [iv] li l-ilma tax-xita li qabel inbnew il-kmamar tal-konvenuti kien jaqa' fuq il-bejt tal-ewwel sular kien sa' minn dejjem jaqa' fit-triq permezz ta' katusa fil-faċċata li mil-bejt tikkonduċi għat-triq; [v] li l-problema li minnha jilmentaw l-atturi aggravawha huma stess billi naqqsu f'li jżommu l-gandott tal-ilma li għaddej minn għalqa proprjeta' tagħhom nadif b'dan li qiegħed ifur fl-għalqa tagħhom, u; [vi] li l-problema li minnha jilmentaw l-atturi mhijiex tant dwar l-ilma tax-xita li jaqa' fi Triq Gorf kemm hija dwar is-servitu' ta' passaġġ tal-ilma li l-art proprjeta' tagħhom hija suġġetta għalija u li huma jridu jeliminaw.

---

[223] L-eċċezzjoni numru tnejn (2) tal-konvenuti aħwa Mifsud u aħwa Portelli – a fol 66 - hawn taqra "orizzontali" iżda mill-assjem tal-provi kif hawn fuq succitati jirriżulta ċar u nkonfutabbli li dan huwa zball tal-pinna u hawn din il-kelma għandha taqra "vertikali".

L-istess konvenuti aħwa Mifsud u aħwa Portelli ressqu mbagħad eċċezzjonijiet ulterjuri tagħhom dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni esperita minnhom. Dan billi, skont il-konvenuti, kull ilment jew allegat preġudizzju li dwaru sejsu l-pretensjonijiet u t-talbiet tagħhom l-atturi m'għadux jeżisti wara li l-Gvern bena gandott fi Triq Gorf, ix-Xagħra, qabel tintlaħaq il-proprjeta' tagħhom atturi, li huwa kbir biżżejjed biex jilqa' l-ilma kollu li preżentement jaqa' fl-istess Triq Gorf kif ukoll kwalunkwe' ilma li jista jiżdied fil-futur.

Il-konvenuti jinsistu għalhekk li l-kawża saret superfluwa billi l-problema li qabel kienu jilmentaw minnha l-atturi ġiet eliminata għal kollox bil-gandott li għamel il-Gvern fi Triq Gorf, ix-Xagħra.

Il-konvenuti l-oħrajn, l-Awtorita' tal-Artijiet ġja Kummissarju ta' l-Art u d-Dipartiment tat-Toroq eċċepew fl-ewwel lok li, l-atturi messhom ħarrku lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, mhux lid-Dipartiment, peress li d-Dipartiment m'huwiex persuna legali. Eċċepew ulterjorment li la l-Kummissarju ta' l-Art u anqas id-Direttur tat-Toroq m'huma leġittimi kuntraditturi stante li skont ir-rikors promotur stess, kwalunkwe' dannu li talvolta jistgħu qiegħdin isoffru l-atturi ġie kkawżat mill-konvenuti l-oħrajn u għalhekk huma biss tali konvenuti li għandhom jirrispondu għalihom. Eċċepew ukoll li kwalunkwe' permess ta' żvilupp ma' jingħatax minnhom iżda mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'dan li huma ma' jistgħux jopponu għal żvilupp li persuna tkun kisbet permess għalih.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mit-talbiet atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huwa immedjatament ċar li l-legittimi kuntraditturi f'din l-istanza huma l-konvenuti aħwa Mifsud u dawk aħwa Portelli jew min minnhom.

Dan jirriżulta ċar kemm mir-rikors promotur tal-atturi li oriġinarjament interpella lil ġja konvenuta Rita Mifsud, awtriċi tal-konvenuti aħwa Mifsud u aħwa Portelli, bil-konvenuti l-oħra l-Awtorita' tal-Artijiet u d-Dipartiment tat-Toroq ġew biss interpellati *"għal kull interess li jista' jkollhom"*, kif ukoll mill-assjem tal-provi in atti li juru ċar li l-kwistjoni hija biss bejn l-atturi u l-konvenuti suċċessuri tal-ġja konvenuta Rita Mifsud

fejn l-atturi jikkontendu li żvilupp magħmul mill-istess Rita Mifsud wassal għall-preġudizzju fil-konfront tagħhom.

Infatti, imkien fl-assjem tal-proċess ma' tirriżulta xi allegazzjoni li l-atturi setgħu soffrew xi pregudizzju allegat minnhom b'riżultat ta' xi attivita' ta' l-Awtorita' tal-Artijiet jew tad-Dipartiment tat-Toroq. L-allegazzjoni tal-atturi li huma soffrew ħsarat hija marbuta biss ma' attivita' tal-konvenuti l-oħrajn.

Huwa għalhekk li din il-Qorti tista ġja min dan l-istadju bikri tqis lill-Awtorita' tal-Artijiet u d-Dipartiment tat-Toroq bħala karenti mill-legittima' kuntradittorjeta stante n-nuqqas ta' kull rabta legali bejnhom u l-atturi kif ukoll ma' dak ilmentat mill-atturi.

Dan, mingħajr in-neċessita' li l-Qorti tqies il-kwistjoni tat-taħrika fuq isem erronju fir-rigward tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq li ma' ġiex imħarrek personalment u minflok ġie mħarrek id-Dipartiment, kemm għaliex ma' tinstab ebda leġittima' kuntradittorjeta fir-rigward tad-Direttur tad-Dipartiment iżda wkoll stante li l-istess Direttur, minkejja li qajjem l-eċċezzjoni dwar l-erronjita fl-isem kif hawn spjegat, kompla sabiex ressaq l-eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu f'ismu proprju.

B'dan li għalhekk din il-Qorti tista tqies li l-uniċi eċċezzjonijiet rimanenti għall-kunsiderazzjoni tagħha fir-rigward tat-talbiet atturi huma dawk imqajjma mill-konvenuti aħwa Mifsud u aħwa Portelli.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Huwa ċar li qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talbiet atturi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, din il-Qorti trid tqies l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni esperita minnhom.

Dan stante li tali eċċezzjoni, jekk tintlaqa' iġġib fix-xejn il-kawża odjerna stante li, kif risaput, l-interess ġuridiku jrid jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni u, fejn ma' jibqax jissussisti, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenuti jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-fatt, il-konvenuti stess, b'rikors tagħhom tas-27 ta' Lulju, 2020 kienu diġa' talbu lill-Qorti kif diversament presjeduta sabiex tiddeċiedi dwar tali eċċezzjoni ulterjuri tagħhom qabel tkompli għaddejja l-kawża.[224] Hawnhekk, il-Qorti kif diversament presjeduta segwit b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2020 fejn ordnat sabiex l-ewwel jingħalqu l-provi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tal-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi.[225]

Jirriżulta li wara li tali provi ġew debitament magħluqha, ħadd mill-partijiet ma' irrinova t-talba u b'hekk ma' ġibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti għal fatt li kienet saret talba formali sabiex l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tiġi deċiża qabel tissokta l-kawża bil-ġbir tal-provi rimanenti dwar il-mertu.

Dan in-nuqqas iżda ma' jnaqqasx mill-obbligu proċedurali li għandha issa din il-Qorti li tiddeċiedi tali eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti qabel ma' tgħaddi sabiex tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri fil-mertu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Dwar in-neċessita' tal-kontinwita' tal-interess ġuridiku, fid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Frar, 1993 fl-ismijiet ***Joseph Sammut et noe vs Ċarmelo Attard*** ingħad li:

> *L-interess ġuridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja tal-azzjoni.*

Fl-istess deċiżjoni suċċitata, kompla jingħad li meta tali interess jonqos:

> […] *il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

L-istess ingħad fid-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Edrichton Estates Limited vs Munro Phillips and Company Limited*** fejn ġie ritenut:

> *Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza:* ***"Micallef vs Pisani"*** *sostniet li:- "Illi l-Qrati tagħna fissru wkoll li l-interess ta' parti li tiftah kawża jrid*

[224] Rikors a fol 797 u 798.
[225] Digriet a fol 808 u 809.

*jibqa' jintwera tul il-kawża kollha għaliex jekk tali nteress jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista' tissokta".*

Kjarament, sabiex ikun hemm prununzjament fuq din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, xorta tibqa n-neċessita' li jittieħdu in konsiderazzjoni spunti legali u fattwali oħra.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**

L-istess deċiżjoni diġa' suċċitata, mogħtija fl-ismijiet ***Edrichton Estates Limited vs Munro Phillips and Company Limited***, tkompli sabiex tirritjeni kif isegwi:

*Illi fil-kawża **"Joseph Laferla et vs Ċarmelo sive Charles Attard et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2002 - Cit. Nru: 803/94/RCP) ġie riaffermat illi l-gurisprudenza nostrali u anke ta' Qrati barranin tirrikjedi li rekwizit imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha. Illi l-Qorti kkwotat dak li ntqal fis-sentenza **"J. Muscat et vs R. Buttigieg et"** (A.C. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) fejn intqal:-*

*"L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess ġuridiku hija dik tal-Mortara li jgħid li l-interess ġuridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi għalkemm fis-sistema tagħna tista' tingħata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tiegħu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

*"Illi kif ġie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "**Edġar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et**" li:-*

*"Citazzjoni tista' ssir biex tingħata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna … biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile'.*

*Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) u fis-sentenza **"Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) sostnew "li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali agir".*

*Illi fil-fatt, fil-kawża "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Ufficjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni"** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 - Cit Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk:*

*"Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta' l-attur f'kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iz-zerriegħa ta' l-ezistenza ta' jedd u l-ħtiega li tilqa' għal kull attentat ta' ksur tiegħu minn haddieħor. Dan l-interess m'hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugħa fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*"Illi minbarra dawn l-elementi, ġie mfisser ukoll li biex wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba għandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tiegħu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) mogħtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawża fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

*Illi fis-sentenza **"M Bond vs C Mangion et"** ġie spjegat li:*

*"Fost ir-rekwiziti ta' l-interess ġuridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cjoe` dak li Mortara jiddefinixxi bħala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili għal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jiġi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta."*

*Dan kien ikkonfermat fis-sentenza **"A Calleja vs O Micallef"** (A.C. 1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247).*

*Illi f'sentenza oħra tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Sammut et noe vs Ċarmelo Attard"** qalet li "l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni". F'dan il-każ fil-mori tal-kawża nbidlu c-cirkostanzi u l-Qorti kkummentat li:*

*"Sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, il-kumpanija attriċi kienet ittrasferit id-drittijiet tagħha fuq l-art u b'hekk kull interess tagħha fl-azzjoni guridika li kienet ipproponiet kontra l-konvenut, awtomatikament spiċċa. U n-nuqqas ta' nteress qatel ukoll id-dritt li tiġi tal-kumpanija attriċi inkwantu dan ma ġiex iddivorzjat mid-drittijiet fuq l-art u lanqas ma ġie assunt mit-terzi li akkwistaw dak l-interess".*

*"L-interess ġuridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. ll-Qorti, da parti tagħha, ma tistax tkompli bil-gudizzju sakemm il-konvenut stess ma jurix li huwa għandu nteress ġuridiku li jottjeni sentenza kontra l-attur, li dak l-interess m'għandux."*

Applikati dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza u d-dottrina għal-każ odjern u allura għal mertu ta' din l-istanza, din il-Qorti tosserva li in sostenn ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom, il-konvenuti jinsistu li dment li l-Gvern ta' Malta bena gandott – ossia *storm water culvert* – ġdid li jilqa' l-ilma tax-xita kollu li jinżel fi Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex qabel tali ilma jilħaq il-proprjeta' tal-atturi ossia r-razzett numru 50 u 51 - li kif tajjeb spjega l-perit tekniku Alexei Pace jinsab fuq ġewwa nett tat-triq li fil-fatt tispiċċa bħala sqaq mal-istess fond numru 50/51 u fl-għoli, iħares fuq Triq

Għajn Ħożna, ix-Xagħra; naqas allura l-interess ġuridiku rikjest fl-atturi stante li l-lanjanza tagħhom ġiet debitament indirizzata b'dak li għamel il-Gvern.

L-atturi, iżda, jinsistu li skonthom, il-ftehim li huma laħħqu mall-Gvern sabiex anke ġiet tranżatta l-kawża li kellhom pendenti kontra d-Dipartiment tat-Toroq u li jsemmu fit-tielet premessa tar-rikors promotur tagħhom intlaħaq biss mall-Gvern u ħadd aktar b'dan ma' jagħti ebda dritt lill-konvenuti jew ħaddieħor f'li jarmi l-ilma fit-triq liema ilma effettivament, finalment jasal sabiex jgħaddi minn taħt il-proprjeta' tagħhom qabel jintrema' fit-triq ta' taħta, Triq Għajn Ħożna.

Hawnhekk, l-atturi qiegħdin jirreferu għal ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 magħmul bejn il-konjuġi Joseph u Mary Carmen Buttigieg – atturi oriġinali fil-proċeduri odjerni u awturi tal-atturi odjerni – u d-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex[226] li bih ġiet transatta l-kawża numru 217/1995 bejn l-istess konjuġi Buttigieg u d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq billi ntlaħaq ftehim li d-Dipartiment jifforma *water culvert* li jgħaddi minn Triq Gorf, ix-Xagħra u jibqa għaddej minn ġo proprjeta' tal-konjuġi Buttigieg skont pjanta annessa mal-istess ftehim.[227]

Dak li l-atturi jevitaw fit-tul li jgħidu, iżda, huwa li l-Gvern ta' Malta mar oltre milli biss ifforma l-gandott li l-konvenuti jgħidu li jwassal sabiex itemm l-interess ġuridiku tal-atturi billi, fil-fatt, mexxa anke sabiex esproprja dik l-art li kienet neċessarja sabiex dak li qabel kien sqaq dejjaq sar Triq Gorf kif preżentement teżisti.

Dwar il-proċess tal-esproprju u dwar minnu l-proprjetarju ta' Triq Gorf, ix-Xagħra, tressqu diversi xhieda mill-konvenuti fosthom Michael Godfrey Curmi mir-Reġistru tal-Artijiet u Ivan Attard mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li lkoll xehedu li Triq Gorf, ix-Xagħra, hija rreġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta. L-istess xehed il-Prokuratur Legali Anthony Theuma, in rappreżentanza tal-Kummissarju ta' L-Artijiet.

L-attur Perit Gilbert Buttigieg anqas ma' jinnega dan il-fatt – li seħħ l-esproprju da parti tal-Gvern ta' Malta. Jgħid iżda li dment li huma għadhom ma' thallsux mill-Gvern ta' Malta dak li huwa dovut lilhom

[226] Kopja tal-ftehim a fol 235 sa 243.
[227] Ref.: para (i) tal-istess ftehim.

wara li seħħet l-esproprazzjoni; l-ambjenti milquta għadhom effettivament tagħhom.[228]

Hawnhekk, oltre għat-testimonjanzi tax-xhieda miġjuba quddiemha, il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' tifli d-dokumenti in atti dwar l-esproprju tal-art li kienet neċessarja sabiex twessgħa l-isqaq pre-eżistenti u ġiet b'hekk iffurmata Triq Gorf.

Dawn jikkonsistu f'diversi dokumenti nkluż applikazzjonijiet u ċertifikati ta' titolu in atti li fil-fatt juru li Triq Gorf illum hija triq pubblika.[229]

Mill-assjem ta' dan jirriżulta nkonfutabilment li t-triq li fuqha jaqa' kull ilma tax-xita kemm jekk direttament fuq il-wiċċ ta' l-istess triq jew li minn soqfa ta' proprjetajiet varji li jagħtu għal fuq l-istess triq jiskula fuq tali triq hija fil-fatt propjeta' assoluta tal-Gvern ta' Malta.

Il-fatt li l-attur Perit Gilbert Buttigieg jallega li huma – l-atturi – għadhom ma' tħallsux tal-artijiet meħudha mingħand il-familja tiegħu sabiex ġiet iffurmata l-istess Triq Gorf jista' jagħti lok ta' dritt rigward l-irkupru ta' dak dovut lilhom pero' ċertament ma' jnaqqasx mill-fatt li l-espropju jirriżulta li sar, b'dan huwa aċċettata mil-parti direttament interessata – l-atturi.

Iżda, mill-assjem tal-provi in atti jirriżulta oltre.

Il-Perit Angelo Portelli li kien fil-fatt il-perit intern tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex responsabbli mill-proġett tal-bini tal-gandott ġdid fi Triq Gorf, xehed estensivament dwar il-gandott, ossia *storm water culvert* li nbena wara l-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 li ntlaħaq bejn il-konjuġi Joseph u Mary Carmen

---

[228] Ref.: verbal tal-aċċess mizmum mil-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2022 a fol 863 sa 874.

[229] Ref.: [i] Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' titolu ta' diversi bcejjec ta' art magħmulha mill-Gvern ta' Malta fil-25 ta' Marzu, 2002 - a fol 244 sa 247 u wkoll a fol 250 sa 253 - inkluz dik il-porzjon art immarkata fil-lista tal-istess bcejjec ta' art bin-numru 582 - lista a fol 246 - kif indikata fuq il-pjanta a fol 247 tal-proċess u dik ukoll immarkata bin-numru 581 - lista a fol 252 - kif indikata fuq il-pjanta a fol 253 tal-proċess. [ii] Certifikat ta' titolu numru LRA174/02LRA118/08 rigward il-porzjon art numru 582 kif indikata fl-applikazzjoni tal-25 ta' Marzu, 2002 - a fol 248 u 249. [iii] Certifikat ta' titolu numru LRA175/02 rigward il-porzjon art numru 581 kif indikata fl-applikazzjoni tal-25 ta' Marzu, 2002 - a fol 254 u 255. [iv] Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' titoli ulterjuri magħmulha mill-Gvern ta' Malta fit-13 ta' Frar, 2008 - a fol 256 sa 259. [v] Żewġ kuntratti, wieħed tal-15 ta' Marzu, 1995 u ieħor tal-21 ta' Lulju, 1995, it-tnejn in atti Nutar Vincent Miceli, li bihom il-Gvern ta' Malta xtara mill-poter ta' terzi porzjonijeit ta' art f'żewġ sqaqien li jagħtu għal Triq Gorf, ix-Xagħra, Għawdex - Estratti mill-, u kopji tal-kuntratti a fol 299 sa 305. Ref. ukoll xhieda ta' Michael Godfrey Curmi. [vi] Ittra tal-2003 dwar akkwist ulterjuri mill-Gvern ta' Malta ta' porzjon art fix-Xagħra, Għawdex a fol 306 u 307.

Buttigieg – atturi oriġinali fil-proċeduri odjerni u awturi tal-atturi odjerni – u d-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.[230]

Konsistentement, l-istess Perit Portelli jixhed li tali gandott inbena skont il-pjanta mehmuża mall-istess ftehim li kienet ġiet imħejjija mill-attur Perit Gilbert Buttigieg stess. Jixhed ukoll li l-istess Perit Buttigieg baqa' involut fil-proġett tul l-eżekuzzjoni sħiħa tiegħu. Jgħid ukoll li minkejja li l-gandott inbena skont il-pjanta mal-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 mħejjija mil-Perit Buttigieg, huwa għamel kalkoli tiegħu, b'sistemi u formula aċċettati, sabiex kien ċert u persważ li l-gandott il-ġdid ikun ilaħħaq mhux biss mal-ilma li kien dakinhar attwalment qiegħed jaqa' fuq Triq Gorf u s-soqfa tal-bini li jagħti għal fuqha u dak tal-madwar iżda wkoll għal-influss akbar ta' ilma li setgħa jaqa' fil-futur jekk iż-żona immedjata tkompli tinbena.

L-istess Perit Portelli jinsisti ulterjorment li f'dik il-parti tal-gandott il-ġdid li nbena mill-Gvern wara l-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 li tiġi direttament taħt il-proprjeta' tal-atturi Buttigieg saru pajpijiet sabiex ma' nbidlitx il-konfigurazzjoni tas-servitu' tal-passaġġ tal-ilma minn dik li kienet qabel diġa' eżistenti fl-istess lok.

Li tali servitu' ta' l-ilma kienet diġa' qabel eżistenti taħt il-proprjeta' tal-atturi Buttigieg mhuwiex ikkontestat mill-istess atturi Buttigieg tant li, sa mill-istadju bikri tar-rikors promotur tagħhom l-atturi jgħidu testwalment – fil-premessi relattivi tagħhom – *illi għal fuq din il-proprjeta'* – ir-razzett numru 50 u 51 Triq Gorf, Ix-Xagħra – *jaqa' l-ilma tax-xita li jingabar fi Triq Gorf, Xagħra, Għawdex*.[231]

Aktar, tard, fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel perit tekniku Joseph Mizzi, l-attur oriġinali awtur ta' dawk odjerni, Joseph Buttigieg, jitkellem dwar aggravazzjoni tas-servitu' b'dan li allura jikkonferma l-eżistenza ta' servitu'. Da parti tiegħu, l-attur Perit Gilbert Buttigieg jerġa jgħid li *culvert* zgħir sabiex jiġbor l-ilma tax-xita dejjem kien hemm.[232] L-istess jixhed il-Perit Angelo Portelli li jinsisti li kien hemm *culvert* antik li ma' kienx baqa' jlaħħaq ma' l-ilma li kien jaqa' peress li l-art li qabel kienet agrikola ġiet

[230] Kopja tal-ftehim a fol 235 sa 243.
[231] Ref.: it-tieni premessa tar-rikors promotur.
[232] Ref.: xhieda mogħtija minnu waqt l-aċċess mizmum mil-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2022. Verbal ta' l-aċċess a fol 863 sa 874.

żviluppata f'bini. L-istess ukoll xehed Salvu Azzopardi, li meta kien qed isir ix-xogħol ta' twessiegħ ta' Triq Gorf kien *Assistant Works Technical* fi ħdan il-*Works Division*, fil-proċeduri numru 217/95 li ġew transatti bejn il-konjuġi Buttigieg, atturi oriġinali f'din l-istanza odjerna, u d-Dipartiment tat-Toroq fejn qal li il-*water culvert* fil-proprjeta' ta' Buttigieg li kien sar lejn l-1968 baqa' kif kien.

Minn hawn, jirriżulta indubjament li filwaqt li dik is-servitu' ta' passaġġ ta' ilma li kienet taħt il-proprjeta' tal-atturi Buttigieg, tidher li ma' ntmessitx; fejn sar il-gandott il-ġdid sar b'mod li jilqa' għall-lanjanza taż-żieda fl-influss tal-ilma kif magħmulha mill-atturi.

Il-Perit Angelo Portelli jinsisti fil-fatt li fil-kalkoli illi għamel huwa sabiex jaċċerta ruħu li d-disinn tal-gandottt propost mill-Perit Gilbert Buttigieg kien adegwat huwa qies kemm il-wiċċ ta' Triq Gorf, kemm il-bjut dakinhar eżistenti li jagħtu għal fuq l-istess Triq Gorf u fil-madwar, kif ukoll il-potenzjal li jitla aktar bini u dan; mingħajr ma' qies li suppost kull binja jkollha ġiebja.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li kif ikkonferma x-xhud Gordon Grech, aġent tal-infurzar mall-Awtorita' ta' l-Ippjanar, l-ewwel sular tad-dar tal-konvenuti kien jeżisti qabel sar ix-xogħol tal-bini tal-gandott il-ġdid mill-Gvern tant li rriżulta żgur fis-*survey sheets* tal-1968. L-istess jixhed il-Perit Portelli li jgħid li d-dar oriġinali tal-konvenuti Mifsud dejjem hemm jafha.

B'dan li allura huwa ċar li nkluż fil-kalkoli magħmulha mill-Perit Portelli sabiex eżamina l-adegwita' tal-gandott mibni mill-Gvern kien hemm il-bjut tal-proprjeta' tal-konvenuti Mifsud.

Jibqa iżda li jiġi eżaminat jekk għandux mis-sewwa dak li jallegaw l-atturi li l-konvenuti, bix-xogħol ta' żvilupp li sar wara l-applikazzjoni tal-awtriċi tagħhom Rita Mifsud, żiedux fil-fatt l-ilma tax-xita li mill-isqfa tal-proprjeta' tagħhom jaqa' għal fuq Triq Gorf.

L-ewwel nett, l-atturi jinsistu li l-konvenuti qatt ma' kellhom dritt u wisq anqas qatt kienu jitgħu ilma mil-bjut tagħhom għat-triq.

Da parti tagħhom, il-konvenuti jinsistu li huma sa' minn dejjem kellhom kmamar fuq quddiem tal-proprjeta' tagħhom, dawk ta' ma' Triq Gorf, li jitgħu l-ilma mill-bjut tagħhom għall-istess triq mentri għandhom

kmamar li jitgħu l-ilma mill-bjut tagħhom għal ġo mandra proprjeta' tagħhom stess li tinsab fuq wara tal-proprjeta' tagħhom.

Sabiex jippruvaw it-teżijiet kontrastanti tagħhom il-partijiet iressqu diversi provi u xhieda, filwaqt li jixhdu wħud minnhom ukoll. Iressqu wkoll diversi ritratti.

Din il-Qorti tqies li wara eżami akkurat tal-provi kollha in atti, partikolarment tar-ritratti disponibbli għalija, u b'referenza wkoll għar-relazzjonijiet tal-perit tekinku Alexei Pace u għar-risposti mogħtija minnu in eskussjoni, hija ma' tistax għajr li tqies l-verżjoni tal-konvenuti bħala ferm aktar verosimili minn dik mogħtija mill-atturi.

Il-konvenuti jasserixxu li l-kmamar ta' quddiem tal-proprjeta' tagħhom, ossia dawk ta' ma' Triq Gorf, sa minn dejjem kienu jitfgħu l-ilma għall-istess Triq Gorf mentri l-kmamar ta' wara sa minn dejjem kien jitfgħu l-ilma għal fuq wara kif fuq ingħad.

Huwa minnu li, kif jinsistu l-atturi, wieħed ma' jistax bil-kuxjenza f'postha jgħid li l-aktar ritratt antik li għandha din il-Qorti li juri l-faċċata tal-proprjeta' tal-konvenuti juri li din l-asserzjoni tal-konvenuti hija minnha.[233]

B'dan iżda li diversi ritratti ulterjuri bhal dawk a fol 199, 204, 687 u, ferm important, dak a fol 940 juru fil-fatt diversi sistemi li bihom l-ilma mil-bjut tal-kmamar ta' quddiem tal-proprjeta' tal-konvenuti ċertament jittieħed għal fuq Triq Gorf.

Il-proprjeta' tal-konvenuti tista titqies bħala konsistenti fi tlett kmamar li jmissu ma' Triq Gorf flimkien ma' ambjenti ulterjuri aktar lura minnhom.

Dawn it-tlett kmamar li jmissu ma' Triq Gorf jirriżultaw mmarkati bl-ittri "X", "Y", u "Z" fuq l-aktar ritratt antik li għandha a dispożizzjoni tagħha din il-Qorti a fol 338 tal-proċess. F'tali ritratt l-ambjent immarkat bl-ittra "X" juri bieb b'tieqa maġenbu, dak immarkat bl-ittra "Y" juri faċċata b'kanna tal-elettriku mwaħħla miegħu, mentri dak immarkat bl-ittra "Z" juri remissa.

[233] Ritratt a fol 338.

F'ritratt ulterjuri a fol 339 l-ambjent immarkat bl-ittra "X" fir-ritratt ta' qabel – a fol 338 – jirriżulta issa immarkat bl-ittra "Y" u mibdul bil-faċċata tidher imbajda u jidhru wkoll saljaturi miżjuda. Dak qabel immarkat bl-ittra "Y" jirriżulta hawn immarkat bl-ittra "Z" u baqa' essenzjalment l-istess għajr f'żieda fin-numru tal-kanen tal-elettriku mwaħħla mal-faċċata tiegħu, mentri r-remissa qabel immarkata bl-ittra "Z" tidher hawn immarkata bl-ittra "X" u tirriżulta mġarrfa.

Dan l-istess jirriżulta minn varji ritratti addizzjonali li jidhru aktar tard fil-proċess.

Ritratt ieħor, din id-darba a fol 382 tal-proċess juri ċar li fil-parti tal-proprjeta' tal-konvenuti li eventwalment tbajded tirriżulta katusa maġenb is-saljaturi, nieżla vertikalment mil-bejt sal-bankina, mentri mal-ġenb ta' l-ambjent immedjatament maġenb l-istess, li miegħu hemm imwaħħla l-kanen tal-elettriku, tirriżulta katusa griza, minduda. Tali katusi jidhru aħjar fir-ritratt a fol 204.

L-atturi jikkontendu li ebda ritratt in atti m'hu datat u li ma' jagħmilx sens li l-katusa griza orizzontali li tidher, *inter alia*, fir-ritratti a fol 199 u 204 kienet hemm meta kien għadha wieqfa r-remissa li eventwalment iġġarrfet u, wara dan, inbiegħet minn uhud mill-konvenuti lill terzi – *Baron Homes Limited* – li żviluppaw blokka appartamenti flokha.

Jikkontendu ulterjorment li l-kamra bil-faċċata li tidher fir-ritratti, *inter alia*, a fol 204, 339 u 687 bħala faċċata mbajda b'varji saljaturi qatt ma' kellha miżieb li jbattal l-ilma tax-xita mill-bejt ta' fuqu għat-triq.

B'dan iżda li din il-Qorti taqbel mal-perit tekniku Alexei Pace li l-progress tal-bini fuq il-proprjeta' tal-konvenuti huwa ndikattiv taż-żminijiet meta ttieħdu l-istess ritratti.

Din il-Qorti tosserva għalhekk li ritratt ieħor, dak a fol 940 juri ċar li mill-faċċata mbajjda tal-konvenuti kien hemm miżieb. Tosserva wkoll li l-attur oriġinali Joseph Buttigieg stess, xehed indubjament li l-konvenuti kellhom kamra mat-triq, liema kamra kien hu li mmarka bl-ittra "Y" fuq ir-ritratt a fol 339, li l-ilma mil-bejt tagħha kien imur għat-triq.

Oltre dan, din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mil-perit tekniku Alexei Pace li l-kamra l-oħra, ta' maġenb dik l-imbajda, fuq il-

lemin ta' dik imbajda jekk wieħed ihares lejn il-proprjeta' tal-konvenuti minn Triq Gorf u li magħha hemm imwaħħlin il-varji kanen tal-elettriku, kienet tassew tbattal għal fuq dik li kienet remissa u hija issa blokka appartamenti żviluppata minn terzi liema remissa kienet mbagħad tbattal tali ilma għat-triq.

Dan jirriżulta ċar mir-ritratti a fol 199, 204 u 339 li juru l-immorsjar ta' fejn kien il-bejt tar-remissa li m'għadix hemm u, konsegwentement, li tali bejt kien ibxax minn dak tal-kamra ta' maġenbha – dik tal-kanen tal-elettriku – mentri l-kamra ta' maġenbha għandha s-saqaf jaqleb għan-nofs, lejn toqba fl-opramorta tiegħu li għadha teżisti, li, kif tajjeb spjega l-perit tekniku Alexei Pace, ma' jkunx jagħmel sens kieku kellu dan l-istess saqaf jitfa l-ilma direttament għat-triq jew għal wara, f'liema każ il-qlib kien ikun lejn quddiem jew lura. F'dan il-każ, jixhed il-perit tekniku in eskussjoni, il-qlib sar lejn in-nofs iżda aktar qrib quddiem li huwa ċertament indikattiv li tali ilma kien qed jiġi dirett lejn it-triq tramite r-remissa li ġġarfet.

Jirriżulta għalhekk li kull m'għamlu l-konvenuti fit-trapass taż-żmien kien li wara li ġġarfet ir-remissa komplew bit-tfigħ tal-ilma mill-kamra ta' maġenbha – dik tal-kanen tal-elettriku – iżda minflok minn fuq il-bejt tar-remissa, għamlu dan billi żiedu l-katusa griża orizzontali li tidher fir-ritratti surreferiti mat-toqba oriġinali li kien hemm fl-opramorta - katusa li l-perit tekniku fil-fatt osserva li għadha hemm sa' issa, bejn il-ħajt tal-kamra tal-konvenuti u dak tal-blokka appartamenti li nbniet minn terzi.[234]

Dwar il-kmamar ulterjuri tal-konvenuti li ma' jmissux ma' Triq Gorf, l-atturi jittentaw jagħmlu diversi konġetturi rigward fejn qiegħed imur u aktar minn hekk jispiċċa l-ilma mill-bjut tagħhom. Mill-iskrutinju tal-perit tekniku Alexei Pace iżda anke min dak li osserva x-xhud aġent tal-infurzar tal-Awtorita' tal-Ippjanar Gordon Grech jirriżulta iżda li l-bjut ta' tali kmamar għadhom jixħtu l-ilma tax-xita wara l-proprjeta' tal-konvenuti, mhux għal Triq Gorf, u għalhekk dawna ma' jistgħux jitqiesu oltre fir-rigward tal-lanjanza tal-atturi stante li ċertament mhux jixħtu ilma li qed jasal għall-gandott li l-atturi jgħidu li l-konvenuti għabbew b'aktar ilma.

---

[234] Ref.: ritratti tal-perit tekiniku mar-relazzjoni tiegħu principalment dak numru "DSC01697" a fol 974.

Il-perit tekniku Alexei Pace hawn imur oltre u jgħid li s-soqfa rilevanti għadhom antiki tad-deffun b'dan li l-qlib li hu osserva waqt l-aċċessi li żamm ċertament ma' setgħax ġie mibdul miż-żmien meta nbnew l-istess.

Oltre minn hekk, l-għoli – livell – ta' kull saqaf fil-proprjeta' tal-konvenuti kif ukoll l-iżvog tal-ilma tax-xita mill-istess ġew ilkoll spjegati fl-iskizz imhejji mill-perit tekinku Alexei Pace fir-relazzjoni addizzjonali tiegħu.[235]

Dan l-iskizz jikkonferma mhux biss dak li diġa' ingħad dwar l-iżvog tal-ilma mill-bjut ta' quddiem u dak mil-bjut ta' wara iżda juri wkoll li lanjanza oħra tal-atturi hija wkoll mhux ġustifikata.

L-atturi jsostnu fil-fatt li l-konvenuti, kuntrarjament għall-permess ottjenut mill-aventi kawża tagħhom, saqqfu bitħa interna b'dan li żiedu l-ilma li jaqleb lejn it-triq.

Magħdud li rriżulta ċar li l-konvenuti sa minn dejjem kellhom l-kmamar ta' quddiem bil-bjut jaqilbu l-ilma għat-triq; l-argument tal-atturi li bit-tisqif minnhom tal-bitħa nterna l-konvenuti setgħu żiedu l-wiċċ li jilqa' l-ilma tax-xita u tbattlu għal Triq Gorf jista' jagħmel differenza jekk tassew is-superfiċi li żdidet qed tixħet l-ilma għat-triq.

Mir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku Alexei Pace jirriżulta iżda li dan mhux il-każ bil-konklużjoni skjetta tal-istess perit tekinku hija fil-fatt li tali tisqifa tixħet l-ilma tax-xita li jaqa' fuqha għan-naħħa ta' wara tal-proprjeta' tal-konvenuti u mhux għat-triq.

Dan, l-istess perit tekniku jikkonfermah bla tlaqliq in eskussjoni u ġie wkoll ikkonfermat max-xhud imsemmi Gordon Grech li għalkemm ma' kienx mitlub għajr li jikkonferma jekk nbnewx varji ġwiebi fil-proprjetajiet kemm ta' l-atturi kif ukoll tal-konvenuti, xehed li osserva sistema ta' katusi li tbattal l-ilmijiet kif ingħad.

Dwar l-isforzi li għamlu l-atturi sabiex juru li l-konvenuti kienu fi ksur tal-permess ta' żvilupp numru PA/05871/96 maħruġ lill ġja konvenuta Rita Mifsud[236] billi skonthom ma bnewx ġiebja kif rikjesta mill-istess

[235] Relazzjoni a fol 1018 *et seq* bl-iskizz in kwistjoni a fol 1022.

[236] Kopja tal-applikazzjoni a fol 297 u 298 eżebita għal darb'oħra a fol 665 sa 666 inkluz in verso pagina. Il-permess relattiv numru 5871/96 jirriżulta li nħareġ nhar it-8 ta' Novembru, 1996 u kopja tiegħu tinsab in atti a fol 325 u 326 u għal darb'oħra a fol 611 – inkluz in verso pagina, din id-darba bil-pjanta approvata b'kollox liema pjanta tinsab a fol 612. Fost il-kundizzjonijiet tal-permess hemm dik numru 4 li trid kif isegwi: *a water cistern, having a volume in*

permess u saqfu l-bitħa b'mod li kellhom jagħmlu applikazzjoni oħra[237] sabiex jissanzjonaw illegalitajiet, din il-Qorti tqies li tali kwistjonijiet diverġenti bejn il-partijiet kontendenti jeżorbitaw l-inkarigu tagħha skont it-talbiet atturi kif magħmulha fil-kawża odjerna billi l-istess talbiet huma limitati għall-influss tal-ilma tax-xita fil-gandott li jgħaddi minn taħt il-proprjeta' tal-atturi fi Triq Gorf wara l-iżvilupp li sar mill-konvenuti permezz tal-permess numru PA/05871/96 li kien l-uniku permess tal-konvenuti għal żvilupp u jirreferi għall-iżvilupp ikkontestat mill-atturi.

B'dan li għalhekk, din il-Qorti m'hijiex tenuta tindirizza tali allegazzjonijiet ta' l-atturi f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-assjem tal-provi in atti u mis-suespost jirriżulta ampjament ċar li l-konvenuti sa' minn dejjem kellhom il-jedd li jixħtu l-ilma tax-xita li jinġabar fuq l-isqfa tal-kmamar ta' quddiem tal-proprjeta' tagħhom għal fuq Triq Gorf.

Meta mbagħad żviluppaw l-istess proprjeta' tagħhom billi bnew kmamar addizjonali fuq l-istess kmamar pre-eżistenti permezz tal-permess numru PA/05871/96, huma estendew il-proprjeta' tagħhom biss vertikalment b'dan li kif tajjeb jikkonkludi l-perit tekniku Alexei Pace fir-relazzjonijiet tiegħu, kif ukoll in eskussjoni, ma' żiedux il-*footprint* u għalhekk il-*catchment area* tal-proprjeta' tagħhom billi l-bjut li jarmu l-ilma għal Triq Gorf baqgħu tal-istess dimensjonijiet għajr li għolew sular addizzjonali filwaqt li l-konvenuti gwadanjaw biss spazju intern biż-żieda ta' kmamar ġodda.

B'riżultat ta' tali estensjoni vertikali tal-proprjeta' tagħhom, il-konvenuti li kienu diġa' bidlu l-miżieb li fir-ritratt a fol 940 jidher mal-faċċata tagħhom li hija mbajda u bis-saljaturi b'katusa griza li kienet tinżel mill-bejt tal-ewwel sular għal fuq il-bankina, kull m'għamlu estendew l-istess katusa griza għall-bejt il-ġdid fit-tieni sular. B'dan li, dan l-eżerċizzju,

*cubic meters of 60% of total roof area (in square meters), is to be constructed to store rainwater run-off from the built-up area of the development.*

[237] Applikazzjoni għal-permess numru PA/01114/22 *to sanction alterations to a pre-1967 dwelling and to replace pre-1967 roofs.*

flimkien mal-fatt li d-dimensjonijiet tal-bjut ma' nbidlux kif ingħad, ma' żidtx l-ilma li kien u għadu jinżel minn hawn għal Triq Gorf.

Bl-istess mod, anqas żdied l-ilma li mil-kamra maġenb dik imbajda – allura l-kamra tal-kanen tal-elettriku – kien jasal għal Triq Gorf tramite s-saqaf tar-remissa issa ineżistenti maġenbha. Semmai, hawn l-ilma naqas stante li dak li kien il-bejt tar-remissa issa nbiedel b'bejt ta' terzi kontra minn l-atturi ma' jidhirx li għandhom kontestazzjoni.

Oltre dan, jekk il-konvenuti żiedu saqaf billi saqqfu l-bitħa tagħhom, anke jekk dan sar kuntrarjament għal xi permess ta' żvilupp, dan l-istess saqaf ġie kkonfermat mil-perit tkeniku Alexei Pace bħala li jaqleb għal wara u mhux għat-triq.

Minn naħħa l-oħra il-kwistjoni ta' l-illegalita' o meno tat-tisqifa, apparti li teżorbita l-kompetenza skont it-talbiet magħmulha quddiem din il-Qorti, jidher li diġa' qiegħda tiġi ndirizzata mill-konvenuti bl-applikazzjoni PA/01114/22 li l-atturi anke ttentaw jeżebixxu f'din l-istanza u finalment l-attur Perit Gilbert Buttigieg wera lill-perit tekniku Alexei Pace waqt l-aċċessi miżmuma minnu.

Kif ingħad qabel, filwaqt li kien diġa' hemm gandott għal ġbir tal-ilma tax-xita fi Triq Gorf, dan sar irrilevanti meta komplew jiġu żviluppati diversi siti jagħtu għall-istess triq, b'dan li naqqsu s-superfiċi permeabbli ta' għelieqi verġni filwaqt li żdiedu l-proprjetajiet li jixħtu l-ilma tax-xita mil-bjut tagħhom għal Triq Gorf.

Kif ukoll diġa' ingħad; dan il-gandott inbidel għal wieħed idonju li għamel il-Gvern ta' Malta b'koperazzjoni ma' l-atturi liema gandott ġdid jirriżulta ċar, partikolarment mix-xhieda tal-Perit Portelli, li huwa aktar minn suffiċjenti sabiex jindirizzi l-kwistjoni tal-ilma li jaqa' fuq Triq Gorf kemm bħalissa kif ukoll dak li jista' jiżdied il-quddiem.

Dan oltre il-fatt li l-parti tal-istess gandott li tiġi direttament taħt il-proprjeta' ta' l-atturi ma' nbidlitx b'dan li anqas jista jingħad li tqalet b'dan il-mod is-servitu' ta' passaġġ tal-ilma li, kif ukoll diġa' ġie kkunsidrat hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, l-atturi huma konxji li akkwistaw flimkien mall-proprjeta' tagħhom ossia, ir-razzett numru 50 u 51 Triq Gorf, ix-Xagħra.

B'dan li dment li l-kwistjoni ġiet allura ndirizzata mil-Gvern tant li l-awturi ta' l-atturi odjerni ċedew il-kawża li kellhom kontra d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u daħlu fil-ftehim tal-10 ta' Novembru, 2009 sabiex inbena l-gandott il-ġdid, u, irriżulta ċar u nkonfutabilment li l-konvenuti sa minn dejjem kellhom il-jedd li jitfgħu l-ilma tal-bjut tal-kmamar ta' quddiem tagħhom – dawk li jmissu ma' Triq Gorf – għall-istess Triq Gorf u ma' żiedux l-ilma li dejjem kien jaqa' mill-proprjeta' tagħhom għal fuq Triq Gorf, din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar il-karenza ta' interess ġuridiku ta' l-atturi hija, skont il-ġurisprudenza u d-dottrina suċċitata, ġustifikata u għandha, kif sejra, tiġi milqugħa bil-konsegwenza li l-istess għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Billi skont ix-xhieda tal-Perit Angelo Portelli, ix-xogħol fuq il-gandott inbeda fl-2012 u ġie terminat fl-2015; l-istess karenza tal-interess ġuridiku tal-atturi seħħet fil-mori ta' din il-kawża u għadha fis-seħħ sa mill-2015.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tiddikjara li fl-atturi naqas l-interess ġuridiku sabiex setgħu jkomplu bil-kawża odjerna u dan, sa mis-sena 2015 meta ġie kompletat ix-xogħol ta' bini tal-gandott il-ġdid għal ġbir tal-ilma fi Triq Gorf mill-Gvern ta' Malta, b'dan li tillibera għalhekk lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; tiċħad it-talbiet atturi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kollha konformement ma' dak hawn deċiż.

L-ispejjeż tal-kawża a karigu ta' l-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur